

15.11.2023

A9-0343/ 001-001

EMENDI 001-001

mill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

Rapport

Christian Ehler

A9-0343/2023

Qafas ta' miżuri għat-tisħiħ tal-ekosistema Ewropea tal-manifattura ta' prodotti ta' teknoloġija b'emissjonijiet zero netti (l-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti)

Proposta għal regolament (COM(2023)0161 – C9-0062/2023 – 2023/0081(COD))

Emenda 1

EMENDI TAL-PARLAMENT EWROPEW*

għall-proposta tal-Kummissjoni

2023/0081 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar l-istabbiliment ta' qafas ta' miżuri għat-tisħiħ tal-ekosistema Ewropea tal-manifattura ta' prodotti ta' teknoloġija b'emissjonijiet zero netti (l-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

* Emendi: it-test ġdid jew modifikat huwa indikat permezz tat-tipa korsiva u grassa; it-tħassir huwa indikat permezz tas-simbolu ■ .

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari, l-Artikolu 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regjuni²,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(-1) *L-objettiv ewlieni fuq terminu medju tal-politika industrijali Ewropea huwa li l-industrija tal-Unjoni tkun tista' timplimenta t-tranżizzjoni tal-enerġija, it-tranżizzjoni klimatika, it-tranżizzjoni ambjentali u t-tranżizzjoni diġitali, filwaqt li tippreserva l-kompetittività tagħha fis-suq globali, iżżomm impjegi ta' kwalità fl-Ewropa u ssahhaq il-ħila tagħha li tkun innovattiva u li tipproduċi fl-Ewropa, b'mod partikolari fir-rigward ta' teknoloġiji nodfa.*

(1) L-Unjoni impenjat ruħha għad-dekarbonizzazzjoni aċċellerata tal-ekonomija tagħha u l-użu ambizzjuż ta' sorsi tal-enerġija rinnovabbli biex tikseb newtralità klimatika jew emissjonijiet żero netti (emissjonijiet wara t-tnaqqis tal-assorbimenti) sal-2050. Dak l-objettiv huwa fil-qalba tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, tal-Istrateġija Industrijali aġġornata tal-UE, u f'konformità mal-impenn tal-Unjoni għall-azzjoni klimatika globali skont il-Ftehim ta' Pariġi¹. Sabiex jintlaħaq l-għan tan-newtralità klimatika, ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³ jistabbilixxi mira vinkolanti tal-Unjoni dwar il-klima biex l-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra jitnaqqsu b'mill-inqas 55 % sal-2030 meta mqabbla mal-1990. Il-pakkett propost

¹ ĠU C 349, 29.9.2023, p. 179.

² ĠU C, C/2023/254, 26.10.2023, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2023/254/oj>

³ Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 ("Il-Liġi Ewropea dwar il-Klima") (ĠU L 243, 9.7.2021, p. 1).

“Lesti għall-Mira ta’ 55 %” għandu l-għan li jilħaq il-mira klimatika tal-Unjoni għall-2030 u jirrevedi u jaġġorna l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni f’dan ir-rigward.

- (1a) ***Kif deskritt fil-Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku, l-Unjoni jehntieg li tieħu miżuri biex tiżgura li tkun tista’ tħaffef it-trasformazzjoni industrijali b’emissjonijiet zero netti fit-territorju tagħha stess. Dan ir-Regolament huwa parti minn dawk il-miżuri u għandu l-għan li jsaħħaħ l-argumenti ekonomiċi favur id-dekarbonizzazzjoni industrijali fl-Unjoni.***
- (1b) ***Fl-interess tal-awtonomija strateġika tal-Unjoni, hija essenzjali enfasi akbar fuq iċ-ċirkolarità u t-tul tal-ħajja twila tat-teknoloġiji biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-industrija tal-manifattura tal-Unjoni, filwaqt li jitnaqqsu l-impatti ambjentali tagħha sabiex tikkontribwixxi għall-kompetittività sostenibbli tagħha.***
- (2) Is-Suq Uniku jipprovdi l-ambjent xieraq li jippermetti l-aċċess fl-iskala u l-pass meħtieġa għat-teknoloġiji li hemm bżonn biex tinkiseb l-ambizzjoni klimatika tal-Unjoni ***kif ukoll il-wegħda tal-Patt Ekoloġiku Ewropew li jbidel id-dekarbonizzazzjoni f’kompetittività sostenibbli.*** Minħabba l-kumplessità u l-karattru transnazzjonali tat-teknoloġiji b’emissjonijiet zero netti, il-miżuri nazzjonali mhux ikkoordinati biex jiżguraw l-aċċess għal dawk it-teknoloġiji jkollhom potenzjal għoli li jfixklu l-kompetizzjoni u jifframmentaw is-Suq Uniku. Għalhekk, biex jiġi ssalvagwardjat il-funzjonament tas-Suq Uniku, huwa meħtieġ li jinħoloq qafas legali komuni tal-Unjoni biex tiġi indirizzata b’mod kollettiv din l-isfida ċentrali billi jiżdiedu r-reżiljenza u s-sigurtà tal-provvista tal-Unjoni fil-qasam tat-teknoloġiji b’emissjonijiet zero netti.
- (2a) ***Kwalunkwe mobilizzazzjoni addizzjonali ta’ għajjnuna mill-Istat jenħtieġ li tkun immirata u temporanja, u jenħtieġ li tkun konsistenti mal-oġettivi tal-politika tal-Unjoni bħall-Patt Ekoloġiku u l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Tali finanzjament jenħtieġ li ma jwassalx għal disparitajiet addizzjonali fost l-Istati Membri f’konformità mal-politiki ta’ kompetizzjoni u ta’ koeżjoni tal-Unjoni.***
- (2b) ***L-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija tistma li s-suq globali tat-teknoloġiji ewlenin tal-enerġija nadifa li huma manifatturati bil-massa se jkun jiswa madwar USD 650 biljun fis-sena sal-2030, liema ammont huwa aktar minn tliet darbiet il-livell attwali. L-industrija b’emissjonijiet zero netti fil-livell globali qed tikber b’rata li dejjem qed tiżdied, sal-punt li xi drabi d-domanda qed taqbeż il-provvista. L-***

industrija tal-Unjoni hija parti minn ekonomija soċjali tas-suq miftuħa, orjentata lejn l-esportazzjoni u b'kapital intensiv, li tista' toffri l-prosperità liċ-ċittadini tal-Unjoni biss jekk tkun kompetittiva fis-suq globali u miftuħa għalih. L-ambizzjoni tal-Unjoni għall-industrija b'emissjonijiet żero netti jenħtieġ li tkun allinjata ma' dik ir-realtà u jenħtieġ li jkollha l-għan li taqbad sehem sinifikanti mis-suq globali.

- (3) Fir-rigward tal-aspetti esterni, *l-Unjoni se żżid l-isforzi tagħha biex tingħaqad ma' sħab miftuħa u demokratiċi li jappoġġaw il-Ftehim ta' Pariġi*. Fir-rigward tas-swieq emerġenti u l-ekonomiji li qed jiżviluppaw, *l-Unjoni* se tfittex sħubijiet ta' benefiċċju reċiproku fil-qafas tal-istrateġija Global Gateway, li jikkontribwixxu għad-diversifikazzjoni tal-katina tal-provvista tal-materja prima tagħha, *għall-kisba tal-objettivi klimatiċi globali* kif ukoll għall-isforzi tal-pajjiżi sħab biex isegwu tranżizzjoni doppja u jiżviluppaw żieda fil-valur lokali.
- (4) Sabiex tissodisfa dawk l-impenji, l-Unjoni jeħtiġilha tħaffef il-pass tagħha ta' tranżizzjoni lejn *ekonomija b'emissjonijiet żero netti, inkluż billi żżid is-sehem tal-enerġija* nadifa *fit-taħlita enerġetika tagħha, kif ukoll* billi żżid l-effiċjenza enerġetika u s-sehem tas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli. Dan se jikkontribwixxi biex jinkisbu l-miri *tal-Unjoni* tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali għall-2030 ta' rata ta' impjeg ta' mill-inqas 78 % u parteċipazzjoni fit-taħriġ ta' mill-inqas 60 % tal-adulti. Dan se jikkontribwixxi wkoll biex jiġi żgurat li t-tranżizzjoni ekoloġika tkun ġusta u ekwa.
- (5) Il-prezzijiet oġhla tal-enerġija wara l-aggressjoni militari mhux ġustifikata u illegali mill-Federazzjoni Russa kontra l-Ukrajna, taw spinta qawwija biex tiġi aċċellerata l-implimentazzjoni tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-Unjoni tal-Enerġija billi titħaffef it-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa u tintemm kwalunkwe dipendenza fuq il-fjuwils fossili esportati mill-Federazzjoni Russa. Il-pjan REPowerEU¹ jaqdi rwol ewlieni fir-rispons għad-diffikultajiet u t-tfikkil fis-suq tal-enerġija globali kkawżat mill-invażjoni tal-Ukrajna mill-Federazzjoni Russa. Dak il-pjan għandu l-għan li jaċċellera t-tranżizzjoni tal-enerġija fl-Unjoni Ewropea, sabiex jitnaqqas il-konsum tal-gass u tal-elettriku tal-Unjoni u biex tingħata spinta lill-

¹ *Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta' Mejju 2022 lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Il-Pjan REPowerEU, COM/2022/230 final, 18.05.2022.*

investimenti fl-użu ta' soluzzjonijiet effiċjenti fl-użu tal-enerġija u b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju. Dak il-pjan jistabbilixxi fost l-oħrajn il-miri biex sal-2025 il-kapaċità fotovoltajka solari tiġi rduppjata, u biex jiġu installati 600 GW ta' kapaċità fotovoltajka solari sal-2030; tiġi rduppjata r-rata ta' użu tal-pompi tas-sħana; jiġu prodotti 10 miljun tunnellata ta' idroġenu rinnovabbli domestiku sal-2030; u biex il-produzzjoni tal-bijometan **sal-2030** tiżdied sostanzjalment **sa 35 biljun metru kubiku**. Il-pjan jistabbilixxi wkoll li l-kisba tal-għanijiet tar-REPowerEU se tirrikjedi d-diversifikazzjoni tal-provvista ta' tagħmir tal-enerġija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju u ta' materja prima kritika, it-tnaqqis tad-dipendenzi settorjali, li jiġu meġhluha r-restrizzjonijiet fil-katina tal-provvista u l-espansjoni tal-kapaċità tal-manifattura tat-teknoloġija tal-enerġija nadifa tal-Unjoni. Bħala parti mill-isforzi tagħha biex iżżid is-sehem tal-enerġija rinnovabbli fil-ġenerazzjoni tal-enerġija, fl-industrija, fil-bini u fit-trasport, il-Kummissjoni tipproponi li żżid il-mira fid-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli għal 45 % sal-2030 u li żżid il-mira fid-Direttiva dwar l-Effiċjenza fl-Enerġija għal 13 %. Dan iġib il-kapaċitajiet totali tal-ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli għal 1236 GW sal-2030, meta mqabbla ma' 1067 GW sal-2030 previsti skont il-proposta tal-2021 u se jkun hemm ħtiġijiet akbar għall-ħżin permezz tal-batteriji biex tiġi indirizzata l-intermittenza fil-grilja tal-elettriku. Bl-istess mod, il-politiki relatati mad-dekarbonizzazzjoni tas-settur tat-toroq, bħar-Regolament (UE) 2019/631¹ u r-Regolament (UE) 2019/1242² **tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** se jkunu xprunaturi b'saħħithom għal aktar elettrifikazzjoni tas-settur tat-trasport bit-triq u b'hekk iżidu d-domanda għall-batteriji.

- (6) It-trasformazzjoni lejn emissjonijiet zero netti diġà qed tikkawża bidliet industrijali, ekonomiċi u ġeopolitiċi kbar madwar id-dinja, li se jsiru dejjem aktar evidenti hekk kif id-dinja tavvanza fl-isforzi tagħha ta' dekarbonizzazzjoni. Il-perkors lejn

¹ *Ir-Regolament (UE) 2019/631 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 li jistabbilixxi standards ta' rendiment fir-rigward tal-emissjonijiet ta' CO₂ tal-karozzi ġodda tal-passiġġieri u tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 443/2009 u (UE) Nru 510/2011 (riformulazzjoni) (ĠU L 111, 25.4.2019, p. 13).*

² *Ir-Regolament (UE) 2019/1242 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 li jistabbilixxi standards tal-prestazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO₂ għall-vetturi tqal ġodda u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 595/2009 u (UE) 2018/956 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kunsill 96/53/KE (ĠU L 198, 25.7.2019, p. 202).*

ekonomija newtrali għall-klima, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u b'emissjonijiet żero netti jissarraf f'opportunitajiet b'saħħithom għall-espansjoni tal-industrija tal-Unjoni b'emissjonijiet żero netti, bl-użu tas-saħħa tas-Suq Uniku, billi jiġi promoss l-investiment f'teknoloġiji *b'emissjonijiet żero netti* u l-ktajjen tal-provvista tagħhom. Dawn huma t-teknoloġiji *meħtieġa biex jinkisbu l-oġettivi tal-Pjanijiet Nazżjonali għall-Enerġija u l-Klima, filwaqt li jikkontribwixxu għar-reżiljenza u għall-kompetittività tal-industrija tal-Unjoni*, u jippermettu d-dekarbonizzazzjoni tas-setturi ekonomiċi tagħna, mill-provvista tal-enerġija għat-trasport, il-bini u l-industrija. Industrija b'saħħitha b'emissjonijiet żero netti fl-Unjoni tista' tgħin b'mod sinifikanti biex il-miri tal-Unjoni b'rabta mal-klima u mal-enerġija jintlaħqu b'mod effettiv, kif ukoll biex jiġu appoġġati oġettivi oħra tal-Patt Ekoloġiku, *bħall-ħolqien ta' impjegi ta' kwalità* u tkabbir *sostenibbli, bil-ħolqien ta' bażi industrijali mmirata lejn l-esportazzjoni kif ukoll lejn il-provvista domestika*.

- (7) Sabiex jintlaħqu l-miri *tal-Unjoni* b'rabta mal-klima u mal-enerġija, l-effiċjenza enerġetika jeħtieġ li tingħata prijorità. L-iffrankar tal-enerġija huwa l-aktar mod irris, sikur u nadif biex jintlaħqu daww il-miri. "L-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel" huwa prinċipju ġenerali tal-politika tal-enerġija *tal-Unjoni* u huwa importanti kemm fl-applikazzjonijiet prattiċi tiegħu fil-politika kif ukoll fid-deċiżjonijiet dwar l-investiment. Għalhekk, huwa essenzjali li l-kapaċità tal-manifattura tal-Unjoni tiġi estiża għat-teknoloġiji effiċjenti fl-użu tal-enerġija, bħall-pompi tas-sħana u t-teknoloġiji tal-grilji intelliġenti, li jgħinu lill-UE tnaqqas u tikkontrolla l-konsum tal-enerġija tagħha.
- (8) L-oġettivi tad-dekarbonizzazzjoni tal-Unjoni, is-sigurtà tal-provvista tal-enerġija, id-diġitalizzazzjoni tas-sistema tal-enerġija u l-elettrifikazzjoni tad-domanda, pereżempju fil-mobbiltà u l-ħtieġa ta' punti tal-irriċarġjar veloċi, jirrikjedu espansjoni enormi tal-grilji tal-elettriku fl-Unjoni, kemm fil-livell tat-trażmissjoni kif ukoll fil-livell tad-distribuzzjoni. Fil-livell tat-trażmissjoni, huma meħtieġa sistemi ta' kurrent dirett b'vultaġġ għoli (HVDC) sabiex jiġu konnessi l-enerġiji rinnovabbli lil hinn mill-kosta; filwaqt li fil-livell ta' distribuzzjoni, il-konnessjoni tal-fornituri tal-elettriku u l-ġestjoni tal-flessibbiltà min-naħa tad-domanda jibnu fuq investimenti f'teknoloġiji tal-grilji innovattivi, bħall-iċċarġjar intelliġenti tal-vetturi elettriċi (EVSC), il-bini tal-effiċjenza enerġetika u l-awtomatizzazzjoni tal-industrija u l-kontrolli intelliġenti, l-

infrastruttura ta' miters avanzati (AMI) u sistemi tal-ġestjoni tal-enerġija fid-dar (HEMS). Il-grilja tal-elettriku jeħtieġ li tinteraġixxi ma' ħafna atturi jew apparati abbażi ta' livell dettaljat ta' osservabbiltà, u għaldaqstant ta' disponibbiltà ta' data, biex tippermetti flessibbiltà, iċċarġjar intelliġenti u bini intelliġenti bi grilji tal-elettriku intelliġenti *u servizzi ta' flessibbiltà fuq skala żgħira li* jippermettu rispons fin-naħa tad-domanda mill-konsumaturi u l-adozzjoni tal-enerġija rinnovabbli. Il-konnessjoni tat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti man-network tal-Unjoni ■ tirrikjedi l-espansjoni sostanzjali tal-kapaċitajiet tal-manifattura għall-grilji tal-elettriku f'oqsma bħal kejbils, substazzjonijiet u transformers lil hinn mill-kosta u fuq l-art.

- (8a) *Ir-raggruppament tal-attività industrijali diretta lejn is-simbjożi industrijali jista' jimminimizza l-impatt ambjentali tal-attivitàjiet kif ukoll jipprovdi kisbiet fl-effiċjenza għall-industrija. Bħala tali, ir-raggruppament jista' jikkontribwixxi b'mod sostanzjali biex jinkisbu l-oġettivi ta' dan ir-Regolament. F'dan ir-rigward; dan ir-Regolament jippromwovi l-iżvilupp ta' Widien tal-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti (Widien). Dawk il-Widien jenħtieġ li jkunu limitati fl-ambitu ġeografiku u teknoloġiku sabiex jipromwovu simbjożi industrijali. Il-Widien jenħtieġ li jiġu ddeżinjati mill-Istati Membri u kull deżinjazzjoni jenħtieġ li tkun akkumpanjata minn Pjan b'miżuri nazzjonali konkreti biex tiżdied l-attrazzjoni tal-Wied bħala post għall-attivitàjiet tal-manifattura. Il-widien jenħtieġ li b'mod partikolari jintużaw bħala għodda għall-industrijalizzazzjoni mill-ġdid tar-reġjuni, speċjalment għar-reġjuni tal-faħam fi tranżizzjoni.*
- (8b) *L-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jiddeżinjaw u jappoġġaw il-Widien. Meta jiddeżinjaw Wied, l-Istat Membru jenħtieġ li jfassal pjan għall-Wied li jispeċifika liema attività tal-manifattura b'emissjonijiet żero netti jenħtieġ li tkun koperta fil-Wied (il-Pjan). Jenħtieġ li l-Istat Membru jwettaq ukoll valutazzjonijiet tal-impatt ambjentali kif meħtieġ għall-attivitàjiet tal-manifattura b'emissjonijiet żero netti li jkunu se jiwettqu fil-Wied. Tali valutazzjonijiet tal-impatt sostanzjalment jillimitaw il-ħtieġa li l-impriżi jwettqu dawk il-valutazzjonijiet għall-permessi għall-attivitàjiet tal-manifattura b'emissjonijiet żero netti fl-ambitu tal-Wied. Il-Pjan jenħtieġ li jinkludi r-riżultati tal-valutazzjonijiet tal-impatt ambjentali kif ukoll il-miżuri nazzjonali li jenħtieġ li jittieħdu biex jimminimizzaw jew jimmitigaw l-impatt ambjentali negattiv. Il-Pjan jenħtieġ li jinkludi wkoll miżuri nazzjonali konkreti biex*

tiġi appoġġata l-attività industrijali fl-ambitu tal-Wied. Dawk il-miżuri jenħtieġ li jinkludu miżuri biex isir investment jew jagħtu lok għal investment privat fl-infrastruttura diġitali, tal-enerġija u tat-trasport kif ukoll miżuri biex titnaqqas in-nefqa operazzjonali għall-industrija fil-Wied, bħal kuntratti għad-differenza għall-prezzijiet tal-enerġija. Miżuri oħra li jenħtieġ li jitqiesu huma miżuri li jsaħħu l-protezzjoni tal-PI, l-istabbiliment ta' hub tal-innovazzjoni fil-Wied kif ukoll miżuri biex jiġu attirati negozji ġodda fil-Wied. Sabiex tiġi pprovduta sigurtà tal-investment għall-industrija, il-Pjan jenħtieġ li jispeċifika wkoll it-tul ta' żmien tal-miżuri ta' appoġġ.

- (9) Huwa meħtieġ sforz ta' politika addizzjonali biex jiġu appoġġati t-teknoloġiji li huma kummerċjalment disponibbli u li għandhom potenzjal tajjeb għal żieda rapida biex jiġu appoġġati l-miri klimatiċi tal-Unjoni, tittiejeb is-sigurtà tal-provvista għal teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti u l-ktajjen tal-provvista tagħhom, u jiġu ssalvagwardjati jew imsaħħa r-reżiljenza u l-kompetittività ġenerali tas-sistema tal-enerġija tal-Unjoni. Dan jinkludi l-aċċess għal sors sikur u sostenibbli tal-fjuwils tal-aqwa klassi, kif deskritt fil-premessa 8 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/1214.
- (10) Sabiex jintlaħqu l-oġġettivi tal-2030 hemm bżonn ta' enfasi partikolari fuq **il-proġetti strateġiċi** b'emissjonijiet żero netti, anke fid-dawl tal-kontribut sinifikanti tagħhom għall-perkors lejn emissjonijiet żero netti sal-2050. Dawn **il-proġetti** jaqdu rwol ewlieni fl-awtonomija strateġika miftuħa tal-Unjoni, filwaqt li jiżguraw li ċ-ċittadini jkollhom aċċess għal enerġija nadifa, bi prezz raġonevoli u sigura. Minħabba r-rwol tagħhom, dawn **il-proġetti** jenħtieġ li jibbenefikaw minn proċeduri saħansitra aktar rapidi ta' għoti ta' permessi, jiksbu l-istatus tal-ogħla sinifikat nazzjonali possibbli skont id-dritt nazzjonali u jibbenefikaw minn appoġġ addizzjonali biex jattiraw l-investimenti. **Biex jiġi rikonoxxut bħala proġett strateġiku, il-promotur tal-proġett jenħtieġ li jikkonforma mal-obbligi applikabbli fl-oqsma tal-liġi soċjali u tax-xogħol stabbiliti mid-dritt tal-Unjoni jew dak nazzjonali.**
- (10a) **Il-proġetti strateġiċi b'emissjonijiet żero netti jenħtieġ li jiġu implimentati b'mod sostenibbli billi jiddependu fuq l-użu ta' prattiki soċjalment responsabbli inkluż ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u tax-xogħol, permezz ta' involviment sinifikattiv mal-komunitajiet lokali u billi jiddependu fuq prattiki kummerċjali trasparenti b'politiki ta' konformità adegwati għall-prevenzjoni u għall-minimizzazzjoni tar-**

riskji ta' impatti negattivi fuq il-funzjonament xieraq tal-amministrazzjoni pubblika, inklużi l-korruzzjoni u t-tixħim.

- (11) Sabiex jiġi żgurat li s-sistema tal-enerġija futura tal-Unjoni tkun reżiljenti, din iż-żieda jenħtieġ li titwettaq tul il-katina tal-provvista kollha tat-teknoloġiji inkwistjoni, f'komplementarjetà sħiħa mal-Att dwar il-Materja Prima Kritika.
- (11a) *Il-Pjan Strateġiku għat-Teknoloġija tal-Enerġija (Pjan SET) ilu mill-2007 jixpruna l-innovazzjoni tal-Unjoni fit-teknoloġiji tal-enerġija¹. Bhalta tali, il-Pjan SET ikkontribwixxa b'mod sinifikanti għal bażi ta' għarfien b'saħħitha dwar it-teknoloġiji tal-enerġija u kien essenzjali għall-allinjament tal-prijoritajiet strateġiċi dwar ir-riċerka, l-innovazzjoni u l-użu ta' teknoloġiji tal-enerġija nadifa. Sabiex jiġi żgurat li l-Unjoni tkun tista' tilħaq l-oġġettivi kollha tagħha b'rabta man-newtralità karbonika sal-2050, dik il-bażi ta' għarfien jehntieg li tiġi ingranata u msaħħa aktar. Għalhekk, il-Pjan SET huwa strument insostitwibbli għall-kisba tal-oġġettivi ta' dan ir-Regolament u huwa s-sinnsla għall-aġenda tal-innovazzjoni ta' dan ir-Regolament.***
- (12) Fl-2020, il-Kummissjoni ■ adottat strateġija tal-UE għall-integrazzjoni tas-sistema tal-enerġija. Din stabbiliet viżjoni dwar kif jenħtieġ li titħaffef it-tranżizzjoni lejn sistema tal-enerġija aktar integrata, waħda li tappoġġa ekonomija newtrali għall-klima bl-inqas kost fis-setturi kollha. Din tinkludi tliet kunċetti komplementari u li jsaħħu lil xulxin b'mod reċiproku: l-ewwel nett, sistema tal-enerġija aktar “ċirkolari”, bl-effiċjenza enerġetika fil-qalba tagħha; it-tieni, elettrifikazzjoni diretta akbar tas-setturi tal-użu finali; it-tielet, l-użu ta' fjuwils rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju, inkluż l-idroġenu ■ . Il-kunsiderazzjonijiet relatati mal-integrazzjoni tas-sistema tal-enerġija jirreferu għal soluzzjonijiet għall-integrazzjoni sħiħa tal-elettriku kollu ġġenerat mill-installazzjonijiet tal-enerġija rinnovabbli fis-sistema tal-enerġija usa'. Dan ifisser, pereżempju, l-adozzjoni ta' soluzzjonijiet tekniċi li jippermettu l-integrazzjoni ta' elettriku żejjed iġġenerat minn installazzjonijiet tal-elettriku rinnovabbli, inkluż permezz tal-ħżin ***u bl-espansjoni fil-grilja tas-sorsi tal-enerġija mingħajr fossili li jistgħu jiġu ppjanati***, fid-diversi forom tiegħu u l-ġestjoni tan-naħa tad-domanda.

¹ Jenħtieġ li tizzied referenza għall-Komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni tal-2007 u tal-2015 dwar il-Pjan SET

- (12a) *Il-qbid u l-ħżin tad-diossidu tal-karbonju (CCS) huma teknoloġija li se tikkontribwixxi għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima. Din tikkonsisti mill-qbid tad-diossidu tal-karbonju (CO₂) mill-installazzjonijiet industrijali, it-trasport tiegħu sa sit tal-ħżin u l-injezzjoni tiegħu f'formazzjoni ġeoloġika taħt l-art xierqa għall-finijiet ta' ħżin permanenti.*
- (13) L-iżvilupp ta' soluzzjonijiet għall-qbid u għall-ħżin tal-karbonju għall-industrija qed jiffaċċja falliment fil-koordinazzjoni. **L-ewwel nett**, minkejja l-inċentiv dejjem akbar tal-prezzijiet tas-CO₂ ipprovdut mill-Iskema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, sabiex l-industrija tinvesti fil-qbid tal-emissjonijiet tas-CO₂ u tagħmel investimenti bħal dawn ekonomikament vijabbli, hija tiffaċċja riskju sinifikanti li ma tkunx tista' taċċessa sit ta' ħżin ġeoloġiku b'permess. **It-tieni**, l-investituri fl-ewwel siti tal-ħżin tas-CO₂ jiffaċċjaw kostijiet inizjali biex jidentifikawhom, jiżviluppawhom u jivvalutawhom saħansitra qabel ma jkunu jistgħu japplikaw għal permess għall-ħżin regolatorju. It-trasparenza dwar il-kapaċità potenzjali ta' ħżin tas-CO₂ f'termini tal-adeqwatezza ġeoloġika taż-żoni rilevanti u d-data ġeoloġika eżistenti, b'mod partikolari mill-esplorazzjoni tas-siti ta' produzzjoni tal-idrokarburi, tista' tappoġġa lill-operaturi tas-suq biex jippjanaw l-investimenti tagħhom. L-Istat Membru jenħtieġ li jagħmel tali data disponibbli għall-pubbliku u jirrapporta regolarment b'perspettiva li tħares 'il quddiem dwar il-progress fl-iżvilupp ta' siti ta' ħżin tas-CO₂ u l-ħtiġijiet korrispondenti għall-kapaċitajiet tal-injezzjoni u ħżin imsemmija hawn fuq, sabiex tintlaħaq b'mod kollettiv il-mira għall-Unjoni kollha għall-kapaċità tal-injezzjoni tas-CO₂. **It-tielet, il-proġetti tal-ħżin tas-CO₂ ikunu ekonomikament vijabbli biss meta jkun hemm argumenti ekonomiċi favurijom tul il-katina tal-valur kollha, inkluż it-trasport. Għalhekk, kwalunkwe obbligu legali b'rabta mal-ħżin jenħtieġ li jkun akkumpanjat minn politiki u miżuri effettivi fil-livell tal-Unjoni u f'dak nazzjonali li jiżguraw il-koordinazzjoni u l-investment tul il-katina tal-valur.**
- (14) Restrizzjoni ewlenija għall-investimenti fil-qbid tal-karbonju li illum qed isiru dejjem aktar ekonomikament vijabbli hija d-disponibbiltà ta' siti tal-ħżin tas-CO₂ operattivi **fl-Unjoni**, li fuqhom huma bbażati l-inċentivi mid-Direttiva 2003/87/KE **tal-Parlament Ewropea u tal-Kunsill**¹. Sabiex iżżid it-teknoloġija u tespandi l-

¹ **Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra**

kapaċitajiet tal-manifattura ewlenin tagħha, ***l-Unjoni*** jeħtieġ li tiżviluppa provvista li tkun ta' qaddiem ta' siti ta' ħżin ġeoloġiku permanenti tas-CO₂ b'permess f'konformità mad-Direttiva 2009/31/UE ***tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***¹. Billi tiddefinixxi mira tal-Unjoni ta' 50 miljun tunnellata ta' kapaċità operazzjonali annwali tal-injezzjoni tas-CO₂ sal-2030, f'konformità mal-kapaċitajiet mistennija li se jkunu meħtieġa fl-2030, is-setturi rilevanti jistgħu jikkoordinaw l-investimenti tagħhom lejn katina tal-valur ***tal-Unjoni*** tat-trasport u tal-ħżin tas-CO₂ b'Emissjonijiet Żero Netti li l-industriji jistgħu jużaw biex jiddekarbonizzaw l-operazzjonijiet tagħhom. Dan l-użu inizjali se jappoġġa wkoll aktar ħżin tas-CO₂ f'perspettiva tal-2050. Skont l-istimi tal-Kummissjoni, l-Unjoni jista' jkollha bżonn taqbad sa 550 miljun tunnellata ta' CO₂ kull sena sal-2050 biex tilħaq l-oġettiv ta' emissjonijiet żero netti, inkluż għall-assorbimenti tal-karbonju. Kapaċità ta' ħżin fuq skala industrijali minn tal-ewwel bħal din, se tneħħi r-riskju mill-investimenti fil-qbid tal-emissjonijiet tas-CO₂ bħala għodda importanti biex tinkiseb in-newtralità klimatika. ***Fid-dawl tar-rekwiżiti tal-ħżin mistennija fl-2050, is-suq tal-ħżin tas-CO₂ tal-Unjoni se jkollu jiġi kkomplementat minn suq li jkopri pajjiżi terzi fl-Ewropa b'potenzjal kbir ta' ħżin.*** Meta dan ir-regolament jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE, il-mira tal-Unjoni ta' kapaċità operazzjonali annwali tal-injezzjoni tas-CO₂ se tiġi aġġustata kif xieraq. ***Biex tiġi żgurata l-kisba tal-mira tal-Unjoni, l-Istati Membri jenħtieġ li jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiffaċilitaw u jinċentivaw l-użu tal-proġetti tal-qbid u tal-ħżin tal-karbonju. Tali miżuri jenħtieġ li jkunu jistgħu jinkludu miżuri li jinċentivaw lill-emittenti biex jaqbd u l-emissjonijiet, jappoġġaw il-finanzjament għall-investituri għall-infrastruttura meħtieġa għat-trasport tas-CO₂ sas-siti tal-ħżin u l-finanzjament dirett tal-proġetti tal-ħżin tas-CO₂.***

- (15) Bid-definizzjoni ta' siti ta' ħżin tas-CO₂ li jikkontribwixxu għall-mira tal-Unjoni għall-2030 bħala proġetti ***tal-manifattura ta' teknoloġija*** b'emissjonijiet żero netti, ***jew proġetti strateġiċi b'emissjonijiet żero netti***, l-iżvilupp ta' siti ta' ħżin tas-CO₂ jista' jiġi aċċellerat u ffaċilitat, u d-domanda industrijali dejjem akbar għas-siti ta' ħżin

ġewwa l-Unjoni u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32).

¹ *Id-Direttiva 2009/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-ħżin ġeoloġiku tad-diossidu tal-karbonju u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 85/337/KEE, id-Direttivi 2000/60/KE, 2001/80/KE, 2004/35/KE, 2006/12/KE, 2008/1/KE u r-Regolament (KE) Nru 1013/2006 (ĠU L 140, 5.6.2009, p. 114).*

tista' tiġi direzzjonata lejn is-siti ta' ħżin l-aktar kosteffettivi. Volum dejjem akbar ta' żoni tal-gass u taż-żejt li qed jonqsu li jistgħu jiġu kkonvertiti f'siti tal-ħżin sikuri tas-CO₂ jinsabu fi tmiem il-ħajja utli tal-produzzjoni tagħhom. Barra minn hekk, l-industrija taż-żejt u tal-gass affermat id-determinazzjoni tagħha li tinvolvi ruħha fi tranżizzjoni tal-enerġija u għandha l-assi, il-ħiliet u l-għarfien meħtieġa biex tesplora u tiżviluppa siti ta' ħżin addizzjonali. Sabiex tintlaħaq il-mira tal-Unjoni ta' 50 miljun tunnellata ta' kapaċità operazzjonali annwali tal-injezzjoni tas-CO₂ sal-2030, is-settur jeħtieġ li jirraggruppa l-kontributi tiegħu biex jiżgura li l-qbid u l-ħżin tal-karbonju bħala soluzzjoni klimatika jkunu disponibbli qabel id-domanda. Sabiex jiġi żgurat żvilupp f'waqtu u kosteffettiv fl-Unjoni kollha tas-siti ta' ħżin tas-CO₂ f'konformità mal-objettiv ***tal-Unjoni*** għall-kapaċità tal-injezzjoni, id-detenturi ta' liċenzji tal-produzzjoni taż-żejt u tal-gass ***fl-Unjoni*** jenħtieġ li jikkontribwixxu għal din il-mira pro rata tal-kapaċità tagħhom ta' manifattura taż-żejt u tal-gass, filwaqt li jipprovdu flessibiltajiet biex jikkooperaw u jqisu kontributi oħra ta' partijiet terzi. ***Id-detenturi ta' liċenzji tal-produzzjoni taż-żejt u tal-gass fl-Unjoni jenħtieġ li jagħmlu kull sforz fl-awtorità tagħhom biex iwettqu l-investimenti meħtieġa sabiex jilħqu l-kontribut rispettiv tagħhom biex tintlaħaq il-kapaċità operazzjonali annwali tal-injezzjoni tas-CO₂. Madankollu, dawn l-isforzi jenħtieġ li jkunu soġġetti għal limitazzjonijiet kummerċjali, finanzjarji, tekniċi, legali u ambjentali oġġettivi lil hinn mill-kontroll ta' dawn il-kumpaniji, li jistgħu jagħtu lok li proġetti ta' ħżin individwali, minkejja sforzi raġonevoli u kummerċjalment prudenti, ma jkunux jistgħu b'mod oġġettiv jitlestew fil-ħin biex jiġu ssodisfati l-obbligi stabbiliti fl-ambitu ta' dan ir-Regolament.***

- (15a) ***Huwa meħtieġ sforz politiku addizzjonali biex it-trasport transfruntier tas-CO₂ jiġi appoġġat peress li l-Protokoll ta' Londra inizjalment jipprojbixxi l-esportazzjoni tas-CO₂ għall-ħżin ġeoloġiku permanenti taħt qiegħ il-baħar. Il-Protokoll ta' Londra ġie emendat mill-partijiet kontraenti fl-2009 biex jippermetti t-trasport transfruntier tas-CO₂ għall-ħżin taħt qiegħ il-baħar, iżda biex tidħol fis-seħħ, l-emenda trid tiġi ratifikata minn żewġ terzi tal-partijiet kontraenti. Huwa improbabbli li dan se jseħħ fil-futur qrib. Huwa meħtieġ sforz politiku addizzjonali biex jiġu indirizzati l-ostaklu għall-użu u l-ħolqien ta' suq intern għat-trasport transfruntier tas-CO₂.***

- (15b) *Sforz politiku addizzjonali huwa essenzjali biex jiġi żgurati l-użu tal-ippjanar transfruntier tal-infrastruttura. L-aċċessibilità u l-konnettività tal-firxa sħiħa ta' arranġamenti tat-trasport tas-CO₂ jaqdu rwol kritiku għall-użu ta' proġetti ta' CCS u ta' qbid u użu tal-karbonju (CCU). Tali arranġamenti jkopru l-vapuri, il-barkuni, il-ferroviji u t-trakkijiet kif ukoll il-faċilitajiet fissi għall-konnessjoni u għat-trakkjar, għal-likwefazzjoni, għall-ħżin li jservi ta' buffer u għall-konvertituri tas-CO₂ minħabba t-trasport ulterjuri tiegħu minn ġol-pipelines u f'modi tat-trasport dedikati għal dan il-għan.*
- (15c) *Il-Kummissjoni jenħtieġ li tiżgura reviżjoni u estensjoni kontinwi tal-mira ta' kapaċità tal-injezzjoni u ħżin tas-CO₂ għall-perjodu wara l-2030 biex tirrifletti l-ħtiġijiet tal-Unjoni li tilħaq il-mira klimatika tagħha għall-2040 u n-newtralità klimatika sal-2050 f'sinerġija mad-dritt tal-Unjoni relatat.*
- (15d) *L-użu tas-CO₂ maqbud f'ċerti proċessi ta' produzzjoni jista' jaħżen is-CO₂ b'mod permanenti u/jew jikkontribwixxi għat-tnaqqis tad-dipendenza tal-Unjoni fuq il-fjuwils fossili. Għalhekk, l-entitajiet kollha involuti fil-katina tal-valur tal-attivitajiet tal-injezzjoni tas-CO₂ stabbiliti f'dan ir-Regolament jenħtieġ li jiġu mħeġġa jikkunsidraw jekk is-CO₂ li jenħtieġ li jinħażen jistax jinħażen b'mod permanenti fi prodotti ġodda jew jistax jappoġġa l-oġġettivi tal-Unjoni li tnaqqas id-dipendenza tagħha fuq il-fjuwils fossili.*
- (16) *L-Unjoni għenet fil-bini ta' sistema ekonomika globali bbażata fuq kummerċ miftuħ, trasparenti u bbażat fuq ir-regoli, imbuttat favur ir-rispett u l-avvanz tal-istandards ta' sostenibilità soċjali u ambjentali u dawk għat-tranżizzjoni klimatika, u hija impenjata bis-sħiħ għal dawk il-valuri. L-Unjoni għandha l-għan li toħloq kundizzjonijiet ekwi, b'mod partikolari billi tiġġieled kontra Prattiki kummerċjali inġusti u kapaċità żejda tal-produzzjoni, biex tiżgura ambjent kompetittiv ġust għall-industrija tal-Unjoni, inkluż permezz ta' sħubijiet industrijali b'emissjonijiet żero netti (Sħubijiet Industrijali b'Emissjonijiet Żero Netti), filwaqt li tipprovdi impjiegi ta' kwalità għall-ħaddiema.*
- (17) *Sabiex jiġu indirizzati l-kwistjonijiet tas-sigurtà tal-provvista u jingħata kontribut għall-appoġġ tar-reżiljenza tas-sistema tal-enerġija tal-Unjoni u tal-isforzi ta' dekarbonizzazzjoni u modernizzazzjoni, il-kapaċità tal-manifattura ta' teknoloġija b'emissjonijiet żero netti fl-Unjoni jeħtieġ li tespandi. Il-manifatturi tal-Unjoni tat-*

teknoloġiji fotovoltajċi (PV) solari jeħtieġ li jżidu l-vantaġġ kompetittiv tagħhom u jtejbu s-sigurtà tal-perspettivi tal-provvista, billi jimmiraw li jilhqqu mill-inqas 30 GW tal-kapaċità operazzjonali tal-manifattura fotovoltajka solari sal-2030 tul il-katina tal-valur fotovoltajka kollha, f'konformità mal-għanijiet stabbiliti fl-Alleanza Ewropea għall-Industrija Fotovoltajka Solari, li hija appoġġata fl-ambitu tal-Istrateġija tal-Unjoni għall-Enerġija solari. Il-manifatturi tal-Unjoni tat-teknoloġiji tar-riħ u tal-pompi tas-sħana jeħtieġ li jikkonsolidaw il-vantaġġ kompetittiv tagħhom u jżommu jew jespandu l-ishma tas-suq attwali tagħhom matul dan id-deċennju, f'konformità mal-projezzjonijiet tal-użu tat-teknoloġija tal-Unjoni li jilhqqu l-miri tagħha tal-enerġija u tal-klima għall-2030. Dan jissarraf f'kapaċità tal-manifattura tal-Unjoni għar-riħ ta' mill-inqas 36 GW u, rispettivament, għall-pompi tas-sħana ta' mill-inqas 31 GW fl-2030. Il-manifatturi tal-Unjoni tal-batteriji u tal-elettrolizzaturi jeħtieġ li jikkonsolidaw it-tmexxija teknoloġika tagħhom u jikkontribwixxu b'mod attiv għat-tiswir ta' dawn is-swieq. Għat-teknoloġiji tal-batteriji, dan ikun ifisser li jsir kontribut għall-oġġettivi tal-Alleanza Ewropea tal-Batteriji u mira ta' kważi 90 % li d-domanda annwali tal-batteriji tal-Unjoni tiġi ssodisfata mill-manifatturi tal-Unjoni tal-batteriji, li tissarraf f'kapaċità tal-manifattura tal-Unjoni ta' mill-inqas 550 GWh fl-2030. Għall-manifatturi tal-elettrolizzaturi ***tal-Unjoni***, il-pjan tar-REPowerEU jipproġetta 10 miljun tunnellata ta' produzzjoni domestika ta' idroġenu rinnovabbli u sa 10 miljun tunnellata oħra ta' importazzjonijiet ta' idroġenu rinnovabbli sal-2030. Sabiex jiġi żgurat li t-tmexxija teknoloġika ***tal-Unjoni*** tissarraf fi tmexxija kummerċjali, kif appoġġat fl-ambitu tad-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Kummissjoni u tal-Alleanza Ewropea tal-Idroġenu Nadif dwar l-Elettrolizzaturi, jenħtieġ li l-manifatturi tal-elettrolizzaturi ***tal-Unjoni*** jkomplu jagħtu spinta lill-kapaċità tagħhom, b'tali mod li l-kapaċità kumplessiva installata tal-elettrolizzaturi li tkun qed tintuża tilħaq mill-inqas 100 GW ta' idroġenu sal-2030. ***Il-pjan RePowerEU jistabbilixxi barra minn hekk oġġettiv li tiżdied il-produzzjoni sostenibbli tal-bijometan għal 35 biljun metru kubiku sal-2030. Bil-katina tal-provvista tiegħu li llum il-ġurnata fil-biċċa l-kbira hija bbażata fl-Ewropa, il-bijometan diġà jikkontribwixxi għar-reżiljenza tal-Unjoni, li jenħtieġ li tiġi promossa aktar.***

- (18) Meta jitqiesu dawn l-oġġettivi flimkien, filwaqt li jitqies ukoll li għal ċerti elementi tal-katina tal-provvista (bħall-invertituri, kif ukoll iċ-ċelloli solari, il-wafers, u l-ingotti għall-pannelli fotovoltajċi solari jew il-katodi u l-anodi għall-batteriji) il-kapaċità tal-

manifattura tal-Unjoni hija baxxa, il-kapaċità *tal-manifattura* annwali *tal-Unjoni* jenħtieġ li jkollha l-għan li sal-2030 *tilħaq* mill-inqas 40 % tal-ħtiġijiet annwali tal-użu għat-teknoloġiji *b'emissjonijiet żero netti definiti f'dan ir-Regolament. Barra minn hekk, il-kapaċità tal-manifattura tal-Unjoni ta' teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti jenħtieġ li tkopri mill-inqas 25 % tad-domanda globali għat-teknoloġiji korrispondenti.*

- (19) Iż-żieda fil-kapaċità tal-manifattura ta' teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti fl-Unjoni **■** se *żżid ukoll* il-provvista globali ta' teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti u t-tranżizzjoni lejn *żvilupp ekonomiku nadif* globalment. *Flimkien ma' miżuri oħra biex isaħħu l-kompetittività tal-Unjoni, il-miżuri li jżidu l-kapaċità tal-manifattura fl-Unjoni jenħtieġ li jiżguraw ukoll li l-Unjoni tkun tista' taqdi rwol dominanti f'partijiet strateġiċi tal-katina tal-valur, inklużi l-prodotti finali, biex jiġi żgurat il-livell ta' sigurtà tal-provvista li l-Unjoni teħtieġ sabiex tikseb l-oġettivi klimatiċi tagħha.*
- (20) Fl-istess ħin, il-prodotti ta' teknoloġija b'emissjonijiet żero netti se jikkontribwixxu għar-reżiljenza u s-sigurtà tal-provvista tal-enerġija nadifa tal-Unjoni. Provvista sigura ta' enerġija nadifa hija prerekwiżit għall-iżvilupp ekonomiku, kif ukoll għall-ordni pubbliku u s-sigurtà pubblika. Il-prodotti ta' teknoloġija b'emissjonijiet żero netti se jipproduċu wkoll benefiċċji lil setturi ekonomiċi oħrajn strateġikament importanti, bħall-biedja u l-produzzjoni tal-ikel billi jiżguraw aċċess għal enerġija nadifa u makkinarju bi prezzijiet kompetittivi, u b'hekk jikkontribwixxu b'mod sostenibbli għas-sigurtà tal-ikel tal-UE u jipprovdu żbokk dejjem akbar għal alternattivi b'bażi bijoloġika permezz tal-ekonomija ċirkolari. Bl-istess mod, it-twertiq tal-ambizzjonijiet klimatiċi tal-Unjoni se jissarraf kemm fi tkabbir ekonomiku kif ukoll f'benesseri soċjali.
- (21) *Il-manifattura ta' teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti tiddependi fuq ktajjen tal-valur kumplessi u interkonnessi globalment.* Sabiex tinżamm il-kompetittività u jitnaqqsu d-dipendenzi strateġiċi attwali fuq l-importazzjoni fi prodotti ta' teknoloġija ewlenin b'emissjonijiet żero netti u fil-ktajjen tal-provvista tagħhom, filwaqt li tiġi evitata l-formazzjoni ta' oħrajn ġodda, l-Unjoni jeħtieġ li tkompli ssaħħa il-bażi industrijali **■** tagħha u ssir aktar kompetittiva u favorevoli għall-innovazzjoni. L-Unjoni jeħtieġ li tippermetti żvilupp tal-kapaċità tal-manifattura aktar mgħaġġel,

sempliċi u b'mod aktar prevedibbli *bili tnaqqas il-piż regolatorju u amministrattiv fuq l-attivitajiet industrijali fit-territorju tagħha u toħloq kundizzjonijiet ekwi għal dawk tal-kompetituri internazzjonali. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-Unjoni, sal-2030, timmira li tikseb tnaqqis ta' 20 % tal-piż regolatorju ġenerali fuq l-industrija, tnaqqis ta' 40 % tal-piż regolatorju għat-tqegħid ta' prodott ġdid fis-suq intern, u tnaqqis ta' 40 % tal-piż amministrattiv għall-SMEs u għan-negozji ġodda. Dawk l-isforzi jenħtieġ li, b'mod partikolari, isiru fil-qafas ta' Regolamentazzjoni Aħjar u mingħajr preġudizzju għall-istandards ambjentali u tax-xogħol tal-Unjoni. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tirrapporta dwar il-progress lejn dawn l-oġettivi fl-Istħarriġ Annwali tagħha dwar il-Piżijiet.*

- (21a) *Sabiex jiġi żgurat l-aċċess tal-Unjoni għal provvista sigura u sostenibbli ta' teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti meħtieġa biex tiġi ssalvagwardjata r-reżiljenza tal-Unjoni u sabiex jintlaħqu l-miri tagħha għal newtralità klimatika, is-suq intern jehntieg li jkun ambjent ta' appoġġ biex isseħħ l-innovazzjoni f'teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti. L-innovazzjoni se tkun fattur kruċjali biex tiġi żgurata l-kompetittività tal-Unjoni kif ukoll biex jintlaħqu l-oġettivi ta' emissjonijiet żero netti mill-aktar fis possibbli. Minħabba l-iżviluppi rapidi fit-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti kif ukoll il-gwida regolatorja sinifikanti pprovduta għat-tranżizzjoni ekoloġika, huwa tal-akbar importanza għall-kisba tal-oġettivi ta' dan ir-Regolament li l-impatti potenzjali tal-leġiżlazzjoni u tal-inizjattivi ta' politika tal-Unjoni fuq l-innovazzjoni jiġu kkunsidrati bir-reqqa matul it-tħejjija, ir-rieżami u r-reviżjoni tagħhom permezz tal-applikazzjoni tal-prinċipju tal-innovazzjoni kif stabbilit fl-Għodda għal Regolamentazzjoni Aħjar #22 kif ukoll fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Mejju 2018 bit-titolu "Aġenda Ewropea għar-Riċerka u l-Innovazzjoni mġedda - l-opportunità tal-Ewropa li ssawwar il-ġejjieni tagħha".*
- (21b) *It-tnaqqis tal-piżijiet regolatorji u amministrattivi kif ukoll li jkun hemm qafas regolatorju xieraq huwa partikolarment importanti għall-SMEs. Għalhekk, il-Kummissjoni jenħtieġ li taħtar Rappreżentant għall-SMEs bħala konsulent għall-President tagħha. Ir-Rappreżentant għall-SMEs jenħtieġ li jkollu mandat biex jiżgura li l-interessi tal-SMEs ikunu riflessi biżżejjed fil-politiki u fl-atti legali tal-Unjoni. Kull Kummissjoni ġdida jenħtieġ li tkun tista' taħtar Rappreżentant għall-SMEs fi żmien sitt xhur mill-ħatra tagħha stess.*

- (21c) *Il-Perkorsi ta' Tranżizzjoni li qed jiġu żviluppati b'segwitu għall-Istrateġija Industrijali Aġġornata tal-UE tal-2021 jenħtieġ li jiġu aġġornati biex jirriflettu l-objettivi ta' dan ir-Regolament u jenħtieġ li jidentifikaw faċilitaturi kif ukoll restrizzjonijiet għat-tranżizzjoni u għall-kompetittività globali tal-industrija tal-Unjoni.*
- (22) *Skont ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ l-Istati Membri jenħtieġ li f'Ġunju 2023 jissottomettu abbozzi aġġornati tal-Pjanijiet Nazzjonali tagħhom għall-Enerġija u l-Klima (NECPs) għall-2021-2030. Kif enfasizzat fil-Gwida tal-Kummissjoni lill-Istati Membri għall-aġġornament tal-pjanijiet nazzjonali għall-enerġija u l-klima tal-2021-2030², il-pjanijiet aġġornati jenħtieġ li jiddeskrivu l-objettivi u l-politiki tal-Istati Membri biex jiffaċilitaw żieda fil-proġetti tal-manifattura ta' teknoloġiji, tagħmir u komponenti ewlenin effiċjenti fl-użu tal-enerġija u b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju disponibbli kummerċjalment fit-territorju tagħhom. Dawk il-pjanijiet jenħtieġ li jiddeskrivu wkoll l-objettivi u l-politiki tal-Istati Membri biex tinkiseb tali żieda permezz ta' sforzi ta' diversifikazzjoni f'pajjiżi terzi, u biex l-industrija tagħhom ikunu jistgħu jaqdbu u jaħżnu l-emissjonijiet tas-CO₂ b'mod permanenti f'siti tal-ħżin ġeoloġiku. **Dawk il-pjanijiet nazzjonali għall-enerġija u l-klima jenħtieġ li jiffurmaw il-bażi li fuqha tiġi ddeterminata l-ħtieġa għal teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti.***
- (23) Barra minn hekk, il-Komunikazzjoni dwar il-Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku għal Żmien l-Emissjonijiet Żero Netti tistabilixxi approċċ komprensiv biex tiġi appoġġata żieda fit-teknoloġija tal-enerġija nadifa bbażata fuq erba' pilastru. L-ewwel pilastru għandu l-għan li joħloq ambjent regolatorju li jissimplifika u jħaffef l-għoti ta' permessi għas-siti tal-manifatturi u tal-assemblaġġ ġodda ta' teknoloġija b'emissjonijiet zero netti u jiffaċilita żieda fl-industrija tal-Unjoni b'emissjonijiet zero

¹ *Ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 663/2009 u (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi 94/22/KE, 98/70/KE, 2009/31/KE, 2009/73/KE, 2010/31/UE, 2012/27/UE u 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 2009/119/KE u (UE) 2015/652 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 1).*

² *Avviż tal-Kummissjoni dwar il-Gwida lill-Istati Membri għall-aġġornament tal-pjanijiet nazzjonali għall-enerġija u l-klima tal-2021 sal-2030 2022/C 495/02, (ĠU C 495, 29.12.2022, p. 24).*

netti. It-tieni pilastru tal-pjan jagħti spinta lill-investment fil-produzzjoni ta' teknoloġija b'emissjonijiet zero netti u l-finanzjament tagħha, permezz tal-Qafas Temporanju rivedut ta' Kriżi u ta' Tranżizzjoni adottat f'Marzu 2023 u l-ħolqien ta' Fond Ewropew għas-Sovranità biex jippreserva l-vantaġġ **tal-Unjoni** fuq teknoloġiji kritiċi u emerġenti rilevanti għat-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali. It-tielet pilastru huwa relatat mal-iżvilupp tal-ħiliet meħtieġa biex isseħħ it-tranżizzjoni u maż-żieda fl-għadd ta' ħaddiema tas-sengħa fis-settur tat-teknoloġija tal-enerġija nadifa. Ir-raba' pilastru jiffoka fuq il-kummerċ u d-diversifikazzjoni tal-katina tal-provvista ta' materja prima kritika. Dan jinkludi l-ħolqien ta' klabb tal-materja prima kritika, il-ħidma ma' sħab tal-istess fehma biex jissaħħu b'mod kollettiv il-ktajjen tal-provvista u d-diversifikazzjoni lil hinn minn fornituri uniċi għal input kritiku.

- (24) Skont l-ewwel pilastru, l-Unjoni jenħtieġ li tiżviluppa u żżomm bażi industrijali għall-forniment ta' soluzzjonijiet ta' teknoloġija b'emissjonijiet zero netti biex tiżgura l-provvista tal-enerġija tagħha, filwaqt li tilħaq ukoll l-ambizzjonijiet tagħha dwar in-newtralità klimatika. Sabiex jiġi appoġġat dak il-għan u jiġu evitati d-dipendenzi għall-provvista ta' teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti li jdewmu l-isforzi tal-Unjoni għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra jew li jpoġġu f'riskju s-sigurtà tal-provvista tal-enerġija, dan ir-Regolament jenħtieġ li jstabbilixxi dispożizzjonijiet biex tiġi mħeġġa d-domanda għal teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti li jkunu sostenibbli u reżiljenti.
- (25) Id-Direttivi 2014/23/UE¹, 2014/24/UE² u 2014/25/UE³ **tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** diġà jippermettu lill-awtoritajiet kontraenti u lill-entitajiet li jagħtu l-kuntratti permezz ta' proċeduri ta' akkwist pubbliku jiddependu, minbarra fuq il-prezz jew fuq il-kost, fuq kriterji addizzjonali għall-identifikazzjoni tal-aktar offerta ekonomikament vantaġġuża. Kriterji bħal dawn jikkonċernaw pereżempju l-kwalità tal-offerta inklużi karatteristiċi soċjali, **ta' governanza**, ambjentali u innovattivi. Meta jagħtu kuntratti

¹ **Id-Direttiva 2014/23/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-għoti ta' kuntratti ta' konċessjoni (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 1).**

² **Id-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 65).**

³ **Id-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali u li tħassar id-Direttiva 2004/17/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 243)**

għal teknoloġija b'emissjonijiet żero netti permezz ta' akkwist pubbliku, l-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti jenħtieġ li jivvalutaw kif xieraq il-kontribut tal-offerti għas-sostenibbiltà **ambjentali u soċjali** u r-reżiljenza fir-rigward ta' serje ta' kriterji relatati mas-sostenibbiltà ambjentali, l-innovazzjoni, l-integrazzjoni tas-sistema tal-offerta u mar-reżiljenza. ***L-awtoritajiet u l-entitajiet kontraenti jeħtiġilhom jiżguraw li l-proċeduri jitrattaw lill-fornituri stabbiliti fi Stati Membri oħra bl-istess mod bħall-fornituri nazzjonali u jiżguraw in-nondiskriminazzjoni meta jiġu stabbiliti l-kriterji.***

- (26) Il-kriterji tas-sostenibbiltà soċjali diġà jistgħu jiġu applikati fl-ambitu tal-leġislazzjoni eżistenti u jistgħu jinkludu kundizzjonijiet tax-xogħol u negozjar kollettiv f'konformità mal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali f'konformità **mal-Artikolu 30(3)** tad-Direttiva 2014/23/UE, **l-Artikolu 18(2)** tad-Direttiva 2014/24/UE u **l-Artikolu 36(2)** tad-Direttiva 2014/25/UE. L-awtoritajiet kontraenti jenħtieġ li **jikkunsidraw li l-offerti** jikkontribwixxu għas-sostenibbiltà soċjali billi jieħdu l-miżuri xierqa biex jiżguraw li fl-eżekuzzjoni tal-kuntratti pubbliċi l-operaturi ekonomiċi jikkonformaw mal-obbligi applikabbli fl-oqsma tal-liġi soċjali u tax-xogħol **tal-Unjoni u nazzjonali kif ukoll fi** ftehimiet kollettivi jew mid-dispożizzjonijiet tal-liġi ambjentali, soċjali u tax-xogħol internazzjonali elenkati fl-Anness X tad-Direttiva 2014/23/UE, l-Anness X tad-Direttiva 2014/24/UE u l-Anness XIV tad-Direttiva 2014/25/UE, **u joffru impjeg attraenti.**
- (27) Mingħajr preġudizzju għal-leġislazzjoni tal-Unjoni applikabbli għal teknoloġija speċifika, inkluż skont il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi qafas għall-iffissar ta' rekwiżiti għall-ekodisinn għal prodotti sostenibbli⁴⁴ u l-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar batteriji u skart ta' batteriji⁴⁵, u sakemm ma jkunx indikat mod ieħor fih, meta l-evalwazzjoni tas-sostenibbiltà ambjentali tas-soluzzjonijiet b'emissjonijiet żero netti akkwistati abbażi ta' dan ir-Regolament, l-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti **huma mħeġġa** jqisu diversi elementi b'impatt fuq il-klima u l-ambjent. Dawn jistgħu jinkludu, pereżempju, id-durabbiltà u l-affidabbiltà tas-soluzzjoni; il-faċilità tat-tiswija u tal-manutenzjoni; il-faċilità ta' titjib u ta' rinnovazzjoni; il-faċilità u l-kwalità tar-riċiklaġġ; l-użu ta' **ċerti** sustanzi; il-konsum tal-enerġija, tal-ilma u ta' riżorsi oħra fi stadju wieħed jew aktar taċ-ċiklu tal-ħajja tal-prodott; il-piż u l-volum

tal-prodott u l-imballaġġ tiegħu; l-inkorporazzjoni ta' *materjali rinnovabbli jew* komponenti użati; il-kwantità, il-karatteristiċi u d-disponibbiltà ta' oġġetti tal-konsum li huma meħtieġa għall-użu u l-manutenzjoni kif suppost; l-impronta ambjentali tal-prodott u l-impatti ambjentali taċ-ċiklu tal-ħajja tiegħu; l-impronta tal-karbonju tal-prodott; ir-rilaxx tal-mikroplastiks; l-emissjonijiet fl-arja, fl-ilma jew fil-ħamrija rilaxxati fi stadju wieħed jew aktar taċ-ċiklu tal-ħajja tal-prodott; l-ammonti ta' skart iġġenerat; il-kundizzjonijiet għall-użu. *F'konformità mal-Istrateġija tal-Unjoni dwar iċ-Ċibersigurtà, l-awtoritajiet kontraenti għall-offerti fl-ambitu ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li jirrifjutaw offerti li ma jkunux ġew iċċertifikati skont l-iskema rilevanti taċ-ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà.*

- (28) Sabiex fi ħdan proċedura ta' akkwist pubbliku *tiġi żgurata provvista aktar sigura billi* titqies il-ħtieġa li jiġu ddiversifikati s-sorsi tal-provvista ta' teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti lil hinn minn sorsi uniċi ta' provvista skont is-sens tal-Artikolu 19(2), u mingħajr preġudizzju għall-impenji internazzjonali tal-Unjoni, il-provvista jenħtieġ li tal-anqas titqies bħala mhux diversifikata biżżejjed meta sors uniku jipprovdi għal aktar minn 65 % tad-domanda għal teknoloġija speċifika b'emissjonijiet zero netti fl-Unjoni.
- (29) Għall-finijiet tal-istabbiliment ta' skemi li jkunu ta' benefiċċju għall-unitajiet domestiċi, *għan-negozji*, jew għall-konsumaturi li jinċentivaw ix-xiri ta' prodotti finali ta' teknoloġija b'emissjonijiet zero netti, u mingħajr preġudizzju għall-impenji internazzjonali tal-Unjoni, il-provvista jenħtieġ li titqies mhux diversifikata biżżejjed meta sors uniku jipprovdi aktar minn **50 %** tad-domanda totali *fl-Unjoni* għal teknoloġija speċifika b'emissjonijiet zero netti fl-Unjoni¹. Sabiex tiġi żgurata applikazzjoni konsistenti, jenħtieġ li l-Kummissjoni tippubblika lista annwali li tibda fid-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, tad-distribuzzjoni tal-orijini ta' prodotti finali ta' teknoloġija b'emissjonijiet zero netti li jaqgħu taħt din il-kategorija, imqasma skont is-sehem tal-provvista tal-Unjoni li toriġina minn sorsi differenti fl-aħħar sena li għaliha hija disponibbli d-data.
- (30) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/115/UE¹ approvat b' mod partikolari l-emenda għall-Ftehim tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ dwar l-Akkwist Pubbliku mill-Gvern

¹ *Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2013 dwar il-konklużjoni tal-Protokoll li Jemenda l-Ftehim dwar l-Akkwist Pubbliku mill-Gvern (ĠU L 68, 7.3.2014, p. 1).*

(il-“GPA”)⁴⁶. L-għan tal-GPA huwa li jistabbilixxi qafas multilaterali ta’ drittijiet u obbligi bbilanċjati relatati mal-kuntratti pubbliċi bil-għan li jinkisbu l-liberalizzazzjoni u l-espansjoni tal-kummerċ dinji. Għal kuntratti koperti mill-Appendiċi I tal-Unjoni għall-GPA, kif ukoll minn ftehimiet internazzjonali rilevanti oħra li bihom hija marbuta l-Unjoni, inklużi l-ftehimiet ta’ kummerċ ħieles u l-Artikolu III:8(a) tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ tal-1994 għall-akkwist minn aġenziji governattivi ta’ prodotti mixtrija bil-ħsieb ta’ bejgħ mill-ġdid kummerċjali jew bil-ħsieb li jintużaw fil-produzzjoni ta’ oġġetti għall-bejgħ kummerċjali, l-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti jenħtieġ li ma japplikawx ir-rekwiżiti tal-Artikolu 19(2a) u tal-Artikolu 19(4a), il-punt (a) għall-operaturi ekonomiċi tas-sorsi ta’ provvista li huma firmatarji għall-ftehimiet.

- (31) L-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar ir-reżiljenza fil-proċeduri tal-akkwist pubbliku stabbiliti fl-Artikolu 19 *ta’ dan ir-Regolament* jenħtieġ li tkun mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni *tar-Regolament (UE) 2022/1031/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*¹, tal-Artikolu 25 tad-Direttiva 2014/24/UE², u tal-Artikoli 43 u 85 tad-Direttiva 2014/25/UE², f’konformità mal-gwida tal-Kummissjoni tal-2019. Bl-istess mod, id-dispożizzjonijiet dwar l-akkwist pubbliku jenħtieġ li jkomplu japplikaw għal xogħlijiet, provvisti u servizzi soġġetti għall-Artikolu 19, inkluż l-Artikolu 67(4) tad-Direttiva 2014/24/UE u kwalunkwe miżura ta’ implimentazzjoni li tirriżulta mill-proposta għal regolament li jistabbilixxi qafas għall-istabbiliment ta’ rekwiżiti tal-ekodisinn għal prodotti sostenibbli u *r-Regolament (UE) 2023/1542 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*².
- (32) Il-ponderazzjoni tal-kriterji dwar il-kontribut għas-sostenibbiltà u r-reżiljenza tal-offerta fir-rigward tal-proċeduri ta’ akkwist pubbliku hija *limitu minimu. Fi ħdan dan il-limitu minimu*, l-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti *jistgħu*

¹ *Ir-Regolament (UE) 2022/1031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta’ Ġunju 2022 dwar l-aċċess ta’ operaturi ekonomiċi, prodotti u servizzi ta’ pajjiżi terzi għas-swieq tal-akkwist pubbliku u tal-konċessjoni tal-Unjoni u l-proċeduri li jappoġġaw in-negozjati marbuta mal-aċċess tal-operaturi ekonomiċi, il-prodotti u s-servizzi tal-Unjoni għas-swieq tal-akkwist pubbliku u tal-konċessjoni ta’ pajjiżi terzi (Strument għal Akkwist Internazzjonali – IPI) (ĠU L 173, 30.6.2022, p. 1).*

² *Ir-Regolament (UE) 2023/1542 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta’ Lulju 2023 dwar il-batteriji u l-iskart ta’ batteriji, li jemenda d-Direttiva 2008/98/KE u r-Regolament (UE) 2019/1020 u li jħassar id-Direttiva 2006/66/KE (ĠU L 191, 28.7.2023, p. 1).*

jiddifferenzjaw il-ponderazzjoni tal-kriterji individwali, mingħajr ma jinjoraw wieħed minnhom kompletament. L-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti jistgħu dejjem jistabbilixxu limitu ogħla għal kriterju wieħed jew aktar rilevanti dwar il-kontribut għas-sostenibbiltà u għar-reżiljenza. Meta titqies l-importanza li tiżdied ir-reżiljenza tas-sistema tal-enerġija tal-Unjoni, l-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti jenħtieġ li jagħtu attenzjoni sinifikanti lill-kontribut għar-reżiljenza.

- (33) Sabiex jiġi limitat il-piż amministrattiv li jirriżulta mill-ħtieġa li jitqiesu l-kriterji relatati mal-kontribut tal-offerta għas-sostenibbiltà u għar-reżiljenza, b'mod partikolari għal xerrejja pubbliċi iżgħar u għal kuntratti ta' valur aktar baxx li ma għandhomx impatt importanti fuq is-suq, l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li tiġi differita għal sentejn għax-xerrejja pubbliċi li mhumiex korpi ċentrali għall-akkwisti u għal kuntratti ta' valur ta' inqas minn EUR 25 miljun.
- (34) Għall-finijiet tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar l-akkwist pubbliku skont l-Artikolu 19 **ta' dan ir-Regolament**, meta prodott ikun kopert minn att delegat adottat skont ir-Regolament (UE) 2017/1369 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁵¹, l-awtoritajiet kontraenti jew l-entitajiet kontraenti jenħtieġ li jixtru biss il-prodotti li jikkonformaw mal-obbligu stipulat fl-Artikolu 7(2) ta' dak ir-Regolament.
- (35) L-unitajiet domestiċi, **in-negożji** u l-konsumaturi finali huma parti essenzjali mid-domanda tal-Unjoni għal prodotti finali ta' teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti u skemi ta' appoġġ pubbliku biex jinċentivaw ix-xiri ta' tali prodott mill-unitajiet domestiċi, b'mod partikolari għal unitajiet domestiċi u konsumaturi vulnerabbli b'introjtu baxx u medju inferjuri, huma għodod importanti biex titħaffef it-tranżizzjoni ekoloġika. Skont l-inizjattiva għall-bjut solari mħabbra fl-istrateġija solari tal-UE, l-Istati Membri jenħtieġ li pereżempju jistabbilixxu programmi nazzjonali biex jappoġġaw l-użu massiv tal-enerġija solari fuq il-bjut. Fil-pjan REPowerEU, il-Kummissjoni talbet lill-Istati Membri jagħmlu użu sħiħ mill-miżuri ta' appoġġ li jħeġġu bidla għall-pompi tas-sħana. Skemi ta' appoġġ bħal dawn stabbiliti fil-livell

¹ Ir-Regolament (UE) 2017/1369 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2017 li jistabbilixxi qafas għat-tikkettar tal-enerġija u li jħassar id-Direttiva 2010/30/UE (ĠU L 198, 28.7.2017, p. 1).

nazzjonali mill-Istati Membri jew lokalment mill-awtoritajiet lokali jew reġjonali jenħtieġ li jikkontribwixxu wkoll għat-titjib tas-sostenibbiltà u tar-reżiljenza tat-teknoloġiji ***tal-Unjoni*** b'emissjonijiet zero netti. L-awtoritajiet pubbliċi jenħtieġ li pereżempju jipprovdu kumpens finanzjarju oġġla lill-benefiċjarji għax-xiri ta' prodotti finali ta' teknoloġija b'emissjonijiet zero netti li se jagħtu kontribut oġġla għar-reżiljenza fl-Unjoni. L-awtoritajiet pubbliċi jenħtieġ li jiżguraw li l-iskemi tagħhom ikunu miftuħa, trasparenti u mhux diskriminatorji, sabiex jikkontribwixxu għaż-żieda fid-domanda għal prodotti ta' teknoloġija b'emissjonijiet zero netti fl-Unjoni. Jenħtieġ li l-awtoritajiet pubbliċi jillimitaw ukoll il-kumpens finanzjarju addizzjonali għal tali prodotti sabiex ma jnaqqas ir-ritmu fl-użu ta' teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti fl-Unjoni. Sabiex tiżdied l-effiċjenza ta' tali skemi, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-informazzjoni tkun faċilment aċċessibbli kemm għall-konsumaturi kif ukoll għall-manifatturi ta' teknoloġija b'emissjonijiet zero netti fuq sit web bla ħlas. L-użu mill-awtoritajiet pubbliċi tal-kontribut għas-sostenibbiltà u għar-reżiljenza fi skemi mmirati lejn il-konsumaturi jew l-unitajiet domestiċi jenħtieġ li jkun mingħajr preġudizzju għar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat u għar-regoli tad-WTO dwar is-Sussidji.

- (36) Meta jfasslu skemi ta' benefiċċju għall-unitajiet domestiċi, ***għan-negozji*** jew għall-konsumaturi li jinċentivaw ix-xiri ta' prodotti finali ta' teknoloġija b'emissjonijiet zero netti elenkati ***fl-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament***, l-Istati Membri, l-awtoritajiet reġjonali jew lokali, il-korpi rregolati bil-liġi pubblika jew l-assoċjazzjonijiet iffurmati minn tali awtorità waħda jew aktar jew tali korp wieħed jew aktar irregolati bil-liġi pubblika, jenħtieġ li jiżguraw ir-rispett tal-impenji internazzjonali tal-Unjoni, inkluż billi jiżguraw li l-iskemi ***jkunu kompatibbli mad-dispożizzjonijiet tad-WTO u*** ma jilhqax daqs li jikkawża preġudizzju serju għall-interess tal-membri tad-WTO.

- (37) Jenħtieġ li ***pjattaforma għal Ewropa b'emissjonijiet zero netti (Net-Zero Europe Platform)*** jkollha wkoll rwol importanti fl-aċċellerazzjoni tal-implimentazzjoni tal-kontribut għas-sostenibbiltà u għar-reżiljenza mill-Istati Membri u mill-awtoritajiet pubbliċi fil-prattiki tagħhom tal-akkwist pubbliku u tal-bejgħ bl-irkant ***u l-Kummissjoni jenħtieġ li tassisti wkoll lill-Istati Membri fit-tfassil tal-iskemi mmirati lejn l-unitajiet domestiċi, in-negozji u l-konsumaturi biex jinbnew sinerġiji u jkun hemm skambju tal-aħjar Prattiki. Huwa importanti li kemm l-awtoritajiet kontraenti***

jew l-entitajiet kontraenti u l-kumpaniji tal-produzzjoni jkollhom fehim ċar ta' kull wieħed mill-kriterji tas-sostenibbiltà u tar-reżiljenza. Għalhekk, il-Kummissjoni jenħtieġ li, f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-Pjattaforma għal Ewropa b'Emissjonijiet Żero Netti, tadotta att ta' implimentazzjoni li jispeċifika l-kriterji għall-valutazzjoni tal-kontribut għar-reżiljenza u għas-sostenibbiltà, b'attenzjoni partikolari għall-SMEs, li jenħtieġ li jkollhom opportunità ġusta li jipparteċipaw fis-suq sostanzjali għall-akkwist pubbliku. Il-koerenza mal-leġiżlazzjoni kollha eżistenti se tkun essenzjali. Barra minn hekk, dak l-att ta' implimentazzjoni jenħtieġ li jiċċara d-derogi previsti fl-Artikolu 19(4). Barra minn hekk, il-Kummissjoni jenħtieġ li, f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-Pjattaforma għal Ewropa b'Emissjonijiet Żero Netti, toħroġ gwida ■ dwar kif torbot il-kriterji ta' sostenibbiltà u ta'reżiljenza mal-leġiżlazzjoni tal-ġejjieni. Dik il-gwida tista' tkompli tipprovdi eżempji konkreti u speċifiċi u l-aħjar Prattiki. Sabiex tkun koerenti mal-leġiżlazzjoni kollha tal-ġejjieni, il-Kummissjoni jenħtieġ li taġġorna l-gwida tagħha mill-inqas kull sitt xhur.

(38) *Sabiex jiġi żgurati li l-akkwist pubbliku u l-irkanti biex jintużaw is-sorsi tal-enerġija rinnovabbli jikkontribwixxu verament għar-reżiljenza tal-Unjoni, dawn l-attivitajiet jenħtieġ li jkun prevedibbli għall-industrija. Sabiex l-industrija tkun tista' taġġusta l-produzzjoni tagħha fil-ħin, l-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti jenħtieġ li jinfurmaw lis-suq minn qabel dwar il-ħtiġijiet stmati tagħhom ta' akkwist għal prodotti ta' teknoloġija b'emissjonijiet zero netti. L-irkanti jenħtieġ li jirriflettu wkoll li l-inflazzjoni, flimkien maż-żminijiet twal meħtieġa għal proġetti ta' użu tal-enerġija rinnovabbli, toħloq riskju sinifikanti għan-negozji u dan jista' jiskoraġġixxi lin-negozji milli jippreżentaw offerta. Sabiex tiġi pprovduta ċertezza dwar l-argumenti ekonomiċi favur offerta ta' rkant, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-irkantijiet kollha jinkludu mekkaniżmu ta' indiċjar tal-inflazzjoni. Barra minn hekk, l-Istati Membri jenħtieġ li, meta xieraq, jeskludu offerti negattivi mill-irkanti peress li dawn l-offerti jistgħu jwasslu għal prezzijiet għoljin mhux mistennija tal-enerġija għall-klijenti tal-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli użata.*

(39) Kif indikat fil-Komunikazzjoni dwar Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku għal Żmien l-Emissjonijiet Żero Netti, ippublikata fl-1 ta' Frar 2023, l-ishma mis-suq tal-industrija tal-Unjoni jinsabu taħt pressjoni qawwija, minħabba sussidji f'pajjiżi terzi li jikkompromettu l-kundizzjonijiet ekwi. *Xi pajjiżi terzi qed ivaraw skemi ta' appoġġ*

bl-għan li jankraw u jattiraw l-industrija tat-teknoloġija nadifa. Din is-sitwazzjoni tippreżenta sfida kompetittiva għall-Unjoni biex iżżomm u tiżviluppa l-industrija tagħha stess. Dan jissarraf fi hteġa ta' reazzjoni rapida u ambizzjuża mill-Unjoni fl-immodernizzar tal-qafas legali tagħha biex tikkompeti globalment filwaqt li tiddefendi negozju miftuħ u ġust billi tagħmel użu sħiħ u effiċjenti mill-għodod kollha disponibbli inklużi l-istrumenti ta' difiża tan-negozju, u billi tippromwovi standards tal-Unjoni għal teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti.

- (39a) *Meta jitqies l-għan tal-Unjoni li tnaqqas id-dipendenzi strateġiċi fuq pajjiżi terzi għal teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti, huwa kruċjali li l-mekkaniżmi ta' appoġġ pubbliku, bħall-akkwist u l-irkanti, ma jaggravawx tali dipendenzi. Għalhekk, jenħtieġ li jiġu stabbiliti limitazzjonijiet fuq il-proporzjon ta' prodotti f'kuntratti ta' provvista miksuba minn pajjiżi terzi, f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ u d-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill². Barra minn hekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2022/1031 u r-Regolament (UE) 2022/2560 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³ jintużaw kemm jista' jkun sabiex jiġi żgurat li l-kumpaniji tal-Unjoni ma jiffaċċjawx kompetizzjoni inġusta għall-kuntratti pubbliċi.*
- (39b) *Sabiex jinkisbu l-oġġettivi ta' dan ir-Regolament, huwa meħtieġ sors iddedikat ta' finanzjament pubbliku biex jappoġġa l-proġetti mwettqa skontu. Jenħtieġ li dak il-finanzjament jiżgura li l-kumpaniji madwar l-Unjoni jkollhom aċċess għall-finanzjament meħtieġ, irrISPETTIVAMENT mill-kapaċitajiet fiskali tal-Istati Membri li fihom ikun se jiġi żviluppat il-proġett. Il-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) 2021-2027 kif maqbul fl-2020 dan ma jipprevedihx. Il-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa "STEP" tindirizza parzjalment l-appoġġ meħtieġ għall-proġetti fl-ambitu ta' dan ir-Regolament. Filwaqt li STEP tibbaża fuq ir-*

¹ *Ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1).*

² *Id-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali u li tħassar id-Direttiva 2004/17/KE Test b'rilevanza għaż-ŻEE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 243).*

³ *Ir-Regolament (UE) 2022/2560 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar sussidji barranin li joħlqu distorsjoni fis-suq intern (ĠU L 330, 23.12.2022, p. 1).*

riprogrammazzjoni u t-tisħiħ tal-programmi eżistenti għall-appoġġ għal investimenti strateġiċi, hija wkoll element importanti għall-ittestjar tal-fattibbiltà u għat-tħejjija ta' interventi ġodda bħala pass lejn Fond Ewropew għas-Sovranità. L-evalwazzjoni ta' STEP fl-2025 se tivvaluta r-rilevanza tal-azzjonijiet meħuda u sservi bħala bażi għall-valutazzjoni tal-ħtieġa għal żieda fl-appoġġ favur setturi strateġiċi.

- (40) L-aċċess għall-finanzjament **pubbliku u privat** huwa kruċjali biex tiġi żgurata l-awtonomija strateġika miftuħa tal-Unjoni u biex tiġi stabbilita bażi solida **u kompetittiva** tal-manifattura għal teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti u għall-ktajjen tal-provvista tagħhom madwar l-Unjoni. Il-maġġoranza tal-investimenti meħtieġa biex jintlaħqu l-oġettivi tal-Patt Ekoloġiku se jiġu minn kapital privat attirat mill-potenzjal tat-tkabbir tal-ekosistema b'emissjonijiet zero netti. Għalhekk, swieq kapitali li jiffunzjonaw tajjeb, profondi u integrati se jkunu essenzjali biex jinġabru u jiġu diretti l-fondi meħtieġa għat-tranżizzjoni ekoloġika u għall-proġetti ta' **teknoloġija** b'emissjonijiet zero netti. Għalhekk, huwa meħtieġ progress rapidu lejn l-Unjoni tas-Swieq Kapitali biex **l-Unjoni** tilħaq l-oġettivi tagħha ta' emissjonijiet zero netti. L-aġenda dwar il-finanzi sostenibbli (u l-finanzi mħallta) taqdi wkoll rwol kruċjali fiż-żieda tal-investimenti fit-teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti, filwaqt li tiggarrantixxi l-kompetittività tas-settur. ***Kif indikat fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal li jakkumpanja dan ir-Regolament, il-ħtiġijiet ta' investment jammontaw għal madwar EUR 92 biljun tul il-perjodu 2023-2030, b'firxa li tvarja bejn madwar EUR 52 biljun sa madwar EUR 119-il biljun li jiddependu fuq diversi xenarji, li jirriżultaw f'rekwiżiti ta' finanzjament pubbliku ta' EUR 16-il biljun sa 18-il biljun. Meta wieħed jikkunsidra li din il-valutazzjoni tqis biss ħames teknoloġiji speċifiċi, il-ħtieġa reali ta' investment x'aktarx li hija ogħla b'mod sinifikanti.***
- (41) Meta l-investment privat waħdu ma jkunx biżżejjed, l-introduzzjoni effettiva ta' proġetti tal-manifattura b'emissjonijiet zero netti tista' teħtieġ appoġġ pubbliku fil-forma ta' għajjnuna mill-Istat. Tali għajjnuna jrid ikollha effett ta' inċentiv u tkun meħtieġa, xierqa u proporzjonata. Il-linji gwida eżistenti dwar l-għajjnuna mill-Istat li dan l-aħħar għaddew minn revizzjoni fil-fond f'konformità mal-oġettivi ta' tranżizzjoni doppja jipprovdu possibbiltajiet kbar biex jiġu appoġġati l-investimenti għal proġetti fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament soġġetti għal ċerti

kundizzjonijiet. L-Istati Membri jista' jkollhom rwol importanti fl-iffaċilitar tal-aċċess għall-finanzjament għal proġetti tal-manifattura ta' teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti billi jindirizzaw il-fallimenti tas-suq permezz ta' appoġġ immirat permezz ta' għajjnuna mill-Istat. Il-Qafas Temporanju ta' Kriżi u ta' Tranżizzjoni (TCTF) adottat fid-9 ta' Marzu 2023 għandu l-għan li jiżgura kundizzjonijiet ekwi fis-suq intern, immirati lejn dawk is-setturi fejn ġie identifikat riskju ta' delokalizzazzjoni ta' pajjiżi terzi, u proporzjonati f'termini ta' ammonti ta' għajjnuna. Dan jippermetti lill-Istati Membri jistabbilixxu miżuri li jappoġġaw investimenti ġodda fil-faċilitajiet tal-produzzjoni f'setturi definiti u strateġiċi b'emissjonijiet zero netti, fosthom permezz ta' benefiċċji tat-taxxa. L-ammont ta' għajjnuna permess jista' jiġi mmodulat b'intensitajiet oġhla ta' għajjnuna u limiti massimi tal-ammont tal-għajjnuna jekk l-investment ikun jinsab f'żoni assistiti, sabiex ikun jista' jikkontribwixxi għall-għan ta' konverġenza bejn l-Istati Membri u r-reġjuni. Kundizzjonijiet xierqa huma meħtieġa biex jiġu vverifikati r-riskji konkreti ta' devjazzjoni tal-investment barra miż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) u li ma jkun hemm l-ebda riskju ta' rilokazzjoni fiż-ŻEE **biex tiġi evitata frammentazzjoni tas-suq intern**. Sabiex jiġu mmobilizzati r-riżorsi nazzjonali għal dak il-għan, l-Istati Membri jistgħu jużaw sehem mid-dħul **tas-Sistema tal-Unjoni għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (EU ETS)** li l-Istati Membri huma obbligati jallokaw għal skopijiet relatati mal-klima.

(41a) **Sorsi multipli ta' finanzjament jenħtieġ li jsiru kompletament disponibbli bħala ammonti mhux użati tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, appoġġ iddedikat mill-Fond għall-Innovazzjoni tal-UE, skemi ta' finanzjament iddedikati mill-Bank Ewropew tal-Investment, u użu sal-ogħla limitu possibbli, tal-fondi kollha tal-QFP li jkunu għadhom ma ntużawx. Jenħtieġ li jiġu stimulati aktar investimenti mis-settur privat permezz ta' garanziji tal-Istat iddedikati għal dan il-għan, speċjalment għal dak li għandu x'jaqsam ma' investimenti industrijali fi proġetti tal-manifattura ta' teknoloġija b'emissjonijiet zero netti, inklużi proġetti strateġiċi b'emissjonijiet zero netti.**

(42) Diversi programmi ta' finanzjament tal-Unjoni, bħall-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, InvestEU, il-programmi tal-politika ta' koeżjoni jew il-Fond għall-Innovazzjoni huma disponibbli wkoll biex jiffinanzjaw investimenti fi proġetti tal-manifattura ta' teknoloġija b'emissjonijiet zero netti. **Il-baġit attwali tal-UE mhuwiex**

biżżejjed biex jappoġġa l-oġġettivi ta' dan ir-Regolament jew biex jiżgura kundizzjonijiet ekwi fost l-Istati Membri. Għalhekk, ir-reviżjoni tal-QFP 2021-2027 jenħtieġ li tipprevedi baġit Ewropew adatt għall-iskop tiegħu. F'dan ir-rigward, STEP jenħtieġ li tipprovdi wkoll mezzi finanzjarji addizzjonali parzjalment iddedikati għal proġetti tal-manifattura b'emissjonijiet żero netti li jikkontribwixxu għat-tnaqqis tad-dipendenzi strateġiċi tal-Unjoni u għall-kompetittività tal-industrija tagħha.

(43) Ir-Regolament emendat dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza għamel disponibbli EUR 20 biljun addizzjonali ta' appoġġ mhux ripagabbli lill-Istati Membri sabiex tiġi promossa l-effiċjenza enerġetika u jiġu ssostitwiti l-fjuwils fossili, fost l-oħrajn permezz ta' proġetti tal-industrija tal-UE b'emissjonijiet żero netti. Kif ġie rrimarkat fil-Gwida tal-Kummissjoni dwar il-kapitoli REPowerEU, l-Istati Membri huma mħeġġa jinkludu fil-kapitolu REPowerEU tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza tagħhom, miżuri li jappoġġaw l-investimenti fil-manifattura ta' teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti u l-innovazzjoni industrijali, f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

(43a) *Biż-żieda fil-prezzijiet tal-EU ETS, id-dħul mill-EU ETS għall-Istati Membri u l-UE żdied b'mod sostanzjali. Biex jipromwovu d-dekarbonizzazzjoni tal-industrija tal-Unjoni, l-Istati Membri jenħtieġ li jżidu b'mod sinifikanti l-allokazzjoni tagħhom ta' dħul nazzjonali li jirriżulta mill-EU ETS biex jappoġġaw id-dekarbonizzazzjoni tal-industrija u għalhekk jenħtieġ li jallokaw tal-inqas 25 % tad-dħul nazzjonali tagħhom li jirriżulta mill-EU ETS biex jiġu appoġġati l-oġġettivi ta' dan ir-Regolament.*

(44) InvestEU huwa l-programm ewlieni **tal-Unjoni** biex tingħata spinta lill-investment, speċjalment it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, billi jipprovdi finanzjament u assistenza teknika, pereżempju permezz ta' mekkaniżmi ta' taħlit. Approċċ bħal dan jikkontribwixxi biex jiġi attirat kapital pubbliku u privat addizzjonali. Barra minn hekk, l-Istati Membri huma mħeġġa jikkontribwixxu għall-kompartiment "Stati Membri" tal-InvestEU biex jappoġġaw prodotti finanzjarji disponibbli għall-manifattura ta' teknoloġija b'emissjonijiet żero netti, mingħajr preġudizzju għar-regoli applikabbli dwar l-għajnuna mill-Istat.

(45) L-Istati Membri jistgħu jipprovdu appoġġ mill-programmi tal-politika ta' koeżjoni

f'konformità mar-regoli applikabbli fl-ambitu tar-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill biex jinkoraġġixxu l-adozzjoni ta' proġetti strateġiċi b'emissjonijiet zero netti ***kif ukoll proġetti tal-manifattura ta' teknoloġija b'emissjonijiet zero netti fir-reġjuni kollha speċjalment f'reġjuni anqas żviluppati, f'reġjuni fi tranżizzjoni u territorji tal-Fondi għal Tranżizzjoni Ġusta***, permezz ta' pakketti ta' investiment ta' infrastruttura, investiment produttiv fl-innovazzjoni, fil-kapaċità tal-manifattura fl-SMEs, fis-servizzi u f'miżura ta' taħriġ u ta' titjib tal-ħiliet, inkluż l-appoġġ għall-bini tal-kapaċitajiet tal-awtoritajiet pubbliċi u tal-promoturi. Ir-rati ta' kofinanzjament applikabbli stabbiliti fil-programmi jistgħu jkunu sa 85 % għal reġjuni inqas żviluppati u sa 60 % jew 70 % għal reġjuni fi tranżizzjoni skont il-fond ikkonċernat u l-istatus tar-reġjun iżda l-Istati Membri jistgħu jaqbzū dawn il-limiti massimi fil-livell tal-proġett ikkonċernat, meta fattibbli skont ir-regoli dwar l-għajjnuna mill-Istat. L-Istrument ta' Appoġġ Tekniku jista' jgħin lill-Istati Membri u lir-reġjuni jħejju strateġiji ta' tkabbir b'emissjonijiet zero netti, itejbu l-ambjent tan-negozju, inaqqsu l-burokrazija u jaċċelleraw l-għoti ta' permessi. L-Istati Membri jenħtieġ li jiġu mħeġġa jipromwovu s-sostenibbiltà ta' proġetti b'emissjonijiet zero netti billi jinkorporaw dawn l-investimenti fil-ktajjen tal-valur Ewropej, filwaqt li jibnu b'mod partikolari fuq networks ta' kooperazzjoni interreġjonali u transfruntiera. ***L-adozzjoni ta' tali miżuri jenħtieġ li tiġi kkunsidrata b'mod partikolari fir-rigward tal-Widien.***

- (46) Il-Fond għall-Innovazzjoni jipprovdi wkoll mezz promettenti u kosteffiċjenti ħafna biex tiġi appoġġata ż-żieda fil-manifattura u l-użu tal-idroġenu rinnovabbli ***nadif*** u teknoloġiji strateġiċi oħra b'emissjonijiet zero netti fl-Ewropa, u b'hekk tissaħħaħ is-sovranià tal-Ewropa f'teknoloġiji ewlenin għall-azzjoni klimatika u s-sigurtà tal-enerġija.
- (47) Fond Ewropew għas-Sovranità jipprovdi tweġiba strutturali għall-ħtiġijiet ta' investiment. Dan se jgħin fil-preservazzjoni ta' vantaġġ Ewropew għal dak li għandu x'jaqsam ma' teknoloġiji kritiċi u emerġenti rilevanti għat-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali, inklużi teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti. Dan l-istrument strutturali se jibni fuq l-esperjenza ta' proġetti kkoordinati bejn diversi pajjiżi fl-ambitu tal-IPCEIs u se jfittex li jsaħħaħ l-aċċess tal-Istati Membri kollha għal proġetti bħal dawn, u b'hekk jissalvagwardja l-koeżjoni u s-Suq Uniku kontra r-riskji kkawżati minn

disponibbiltà mhux ugwali ta' għajnuniet mill-Istat. *Ir-[Regolament STEP] jista' jittqies li huwa pass lejn l-istabbiliment ta' Fond Ewropew għas-Sovranità li jista' jikkontribwixxi għat-tiswir u t-tisħiħ ta' politika industrijali Ewropea billi jipprovdi aktar finanzjament lill-industrija Ewropea fil-QFP wara l-2027.*

- (48) Biex jingħelbu l-limitazzjonijiet tal-isforzi frammentati attwali tal-investimenti pubbliċi u privati, jiġu ffaċilitati l-integrazzjoni u r-redditu fuq l-investment, il-Kummissjoni, u l-Istati Membri jenħtieġ li jikkoordinaw u joħlqu sinerġiji aħjar bejn il-programmi ta' finanzjament eżistenti fil-livell tal-Unjoni u dak nazzjonali kif ukoll jiżguraw koordinazzjoni u kollaborazzjoni aħjar mal-industrija u mal-partijiet ikkonċernati ewlenin tas-settur privat. Il-Pjattaforma għal Ewropa b'Emissjonijiet Żero Netti għandha rwol ewlieni x'taqdi biex tinbena perspettiva komprensiva tal-opportunitajiet ta' finanzjament disponibbli u rilevanti u biex **jiġu diskussi** l-ħtiġijiet ta' finanzjament individwali ta' proġetti strateġiċi b'emissjonijiet zero netti **u jiġi kkoordinat appoġġ għalihom. Il-proġetti għad-diskussjoni jenħtieġ li jkunu daww imressqa minn Stat Membru jew mill-Kummissjoni.**
- (49) Sabiex il-proġetti tal-manifattura ta' teknoloġija b'emissjonijiet zero netti u sabiex il-proġetti strateġiċi b'emissjonijiet zero netti, jiġu użati jew estiżi malajr kemm jista' jkun biex **jikkontribwixxu għas-sigurtà tal-provvista** tal-Unjoni għal teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti, huwa importanti li tinholq ċertezza fl-ippjanar u fl-investment billi l-piż amministrattiv fuq il-promoturi ta' proġetti jinżamm għal minimu **mingħajr ma jiġu kompromessi l-istandards ambjentali u soċjali tal-Unjoni.** Għal dik ir-raġuni, jenħtieġ li jiġu ssimplifikati l-proċessi għall-għoti ta' permessi tal-Istati Membri għal proġetti tal-manifattura ta' teknoloġija b'emissjonijiet zero netti **u għal proġetti strateġiċi b'emissjonijiet zero netti,** filwaqt li fl-istess ħin jiġi żgurat li tali proġetti jkunu sikuri, siguri, bi prestazzjoni ambjentali tajba, u jikkonformaw mar-rekwiżiti ambjentali, soċjali u tas-sikurezza. Il-leġiżlazzjoni ambjentali tal-Unjoni tistabbilixxi kundizzjonijiet komuni għall-proċess u għall-kontenut tal-proċessi nazzjonali għall-għoti ta' permessi, u b'hekk tiżgura livell għoli ta' ħarsien tal-ambjent. ■ .
- (50) Fl-istess ħin, in-nuqqas ta' prevedibbiltà, il-kumplessità u xi drabi, it-tul eċċessiv tal-proċessi nazzjonali għall-għoti ta' permessi jikkompromettu s-sigurtà tal-investment meħtieġa għall-iżvilupp effettiv ta' proġetti tal-manifattura ta' **teknoloġija**

b'emissjonijiet zero netti. Għalhekk, sabiex tiġi żgurata u aċċellerata l-implimentazzjoni effettiva tagħhom, l-Istati Membri jenħtieġ li japplikaw proċeduri ssimplifikati u prevedibbli ta' għoti ta' permessi. Barra minn hekk, jenħtieġ li **proġetti strateġiċi** b'emissjonijiet zero netti jingħataw status ta' prijorità fil-livell nazzjonali biex jiġu żgurati trattament amministrattiv rapidu u trattament urġenti fil-proċeduri ġudizzjarji u ta' soluzzjoni ta' tilwim kollha relatati magħhom. **Barra minn hekk, l-Istati Membri jenħtieġ li jikkunsidraw l-innovazzjoni tal-politiki f'dan il-qasam. Sabiex jiġi żgurat li l-proġetti strateġiċi b'emissjonijiet zero netti jkunu jistgħu jiġu trattati bi prijorità, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jkunu mgħammra kif suppost u jkollhom persunal adegwat.**

- (51) Minħabba r-rwol tagħhom fl-iżgurar tas-sigurtà tal-provvista tal-Unjoni għal teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti, u l-kontribut tagħhom għall-awtonomija strateġika miftuħa tal-Unjoni u t-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali, jenħtieġ li l-awtoritajiet responsabbli mill-għoti ta' permessi jqisu li l-proġetti strateġiċi b'emissjonijiet zero netti jkunu fl-interess pubbliku. Abbażi tal-valutazzjoni tagħha ta' każ b'każ, awtorità responsabbli għall-għoti ta' permessi tista' tikkonkludi li l-interess pubbliku moqdi mill-proġett jaqbeż l-interessi pubbliċi relatati man-natura u l-ħarsien tal-ambjent u li konsegwentement il-proġett jista' jiġi awtorizzat, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet rilevanti kollha stabbiliti fid-Direttiva 2000/60/KE **tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**¹, id-Direttiva 92/43/KEE² u d-Direttiva 2009/147/KE **tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**³.
- (52) Sabiex titnaqqas il-kumplessità u jiżdiedu l-effiċjenza u t-trasparenza, il-promoturi ta' proġetti tal-manifattura ta' teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti, **inklużi proġetti strateġiċi b'emissjonijiet zero netti**, jenħtieġ li jkunu jistgħu jinteraġixxu ma' awtorità nazzjonali unika responsabbli għall-koordinazzjoni tal-proċess kollu għall-għoti ta' permessi u għall-ħruġ ta' deċiżjoni komprensiva fil-limitu ta' żmien applikabbli. Għal dak il-għan, l-Istati Membri jenħtieġ li jiddeżinjaw **jew jistabilixxu** awtorità

¹ **Id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma (ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1).**

² **Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7).**

³ **Id-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi (ĠU L 20, 26.1.2010, p. 7).**

nazzjonali kompetenti unika (*awtorità deżinjata*). Skont l-organizzazzjoni interna ta' Stat Membru, jenħtieġ li jkun possibbli li l-kompiti tal-awtorità kompetenti jiġu ddelegati lil awtorità differenti, soġġetta għall-istess kundizzjonijiet. **Sabiex jiġi garantit il-livell għoli ta' skrutinju tul il-proċess tal-għoti ta' permessi, u** tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva tar-responsabbiltajiet tagħhom, l-Istati Membri jenħtieġ li jipprovdu lill-awtorità kompetenti tagħhom, jew lil kwalunkwe awtorità li taġixxi f'isimhom, b'biżżejjed persunal u riżorsi.

- (52a) ***L-Istati Membri jenħtieġ li jkunu responsabbli għall-għażla ta' Proġetti Strateġiċi b'Emissjonijiet Żero Netti sabiex jippermettu kunsiderazzjonijiet strateġiċi, b'mod partikolari għal dak li għandu x'jaqsam mal-implimentazzjoni tal-NECPs. Madankollu, biex jiġi żgurat li l-proġetti jaqdu wkoll l-interess komuni tal-Unjoni, inklużi l-interessi baġitarji tal-Unjoni, il-Kummissjoni jenħtieġ li jkollha l-awtorità li toġġezzjona għal deċiżjoni minn Stat Membru li jiddeżinja proġett bħala Proġett Strateġiku. Meta l-Kummissjoni toġġezzjona għal deżinjazzjoni, il-proġett jenħtieġ li jinġieb fil-Pjattaforma għal Ewropa b'Emissjonijiet Żero Netti. Il-pjattaforma għal Ewropa b'Emissjonijiet Żero Netti jenħtieġ li tieħu d-deċiżjoni finali dwar l-istatus tal-proġett.***
- (53) Sabiex tiġi żgurata ċ-ċarezza dwar l-istatus tal-għoti ta' permessi għal proġetti ***tal-manifattura ta' teknoloġija*** b'emissjonijiet zero netti u biex tiġi limitata l-effettività ta' litigazzjoni abbużiva potenzjali, filwaqt li ma jiġix kompromess rimedju ġudizzjarju effettiv, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li kwalunkwe tilwima rigward il-proċess għall-għoti ta' permessi tiġi solvuta fil-ħin. Għal dak il-għan, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jenħtieġ li jiżguraw li l-applikanti u l-promoturi ta' proġetti jkollhom aċċess għal proċedura sempliċi għas-soluzzjoni ta' tilwim u li ***dawk il-proġetti*** jingħataw trattament urġenti fil-proċeduri ġudizzjarji u ta' soluzzjoni ta' tilwim kollha relatati magħhom filwaqt li jiġi żgurat ir-rispett għad-drittijiet ta' difiża.
- (54) Sabiex in-negozji u l-promoturi ta' proġetti, inkluż għal proġetti transfruntiera, ikunu jistgħu jgawdu direttament mill-benefiċċji tas-suq intern mingħajr ma jġarrbu piż amministrattiv addizzjonali mingħajr bżonn, ir-Regolament (UE) 2018/1724 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ jipprevedi regoli ġenerali għad-disponibbiltà online

¹ ***Ir-Regolament (UE) 2018/1724 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Ottubru 2018 li jistabbilixxi gateway diġitali unika li tipprovdi aċċess għal informazzjoni, għal***

ta' proċeduri rilevanti għall-funzjonament tas-suq intern. L-informazzjoni li jeħtieġ li tiġi sottomessa lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti bħala parti mill-proċessi għall-għoti ta' permessi koperti minn dan ir-Regolament jenħtieġ li tkun koperta fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2018/1724 wara li jiġi emendat b'dan ir-Regolament, u l-proċeduri relatati jiġu inklużi fl-Anness II tiegħu sabiex jiġi żgurat li l-promoturi ta' proġetti jkunu jistgħu jibbenefikaw minn proċeduri kompletament online u mis-Sistema Teknika ta' Darba Biss. L-awtoritajiet *deżinjati* li jaġixxu bħala punt uniku ta' servizz skont dan ir-Regolament huma inklużi fil-lista ta' servizzi ta' assistenza u ta' soluzzjoni tal-problemi fl-Anness III tar-Regolament (UE) 2018/1724.

- (55) Il-proġetti tal-manifattura ta' teknoloġija b'emissjonijiet zero netti jgħaddu minn proċeduri twal u kumplessi ta' għoti ta' permessi li jdumu bejn sentejn u seba' snin, skont l-Istat Membru, it-teknoloġija u s-segment tal-katina tal-valur. Meta wieħed iqis id-daqs tal-investimenti meħtieġa – b'mod partikolari għal proġetti ta' daqs gigafactory li huma meħtieġa biex jintlaħqu l-ekonomiji ta' skala mistennija – l-għoti inadegwat ta' permessi joħloq ostaklu addizzjonali u ta' spiss detrimental għaż-żieda fil-kapaċità tal-manifattura ta' teknoloġija b'emissjonijiet zero netti fl-Unjoni. Sabiex il-promoturi ta' proġetti u investuri oħra jiġu pprovduti bis-sigurtà u ċ-ċarezza meħtieġa biex jiżdied l-iżvilupp ta' proġetti tal-manifattura ta' teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti, l-Istati Membri jenħtieġ li jżguraw li l-proċess għall-għoti ta' permessi relatat ma' tali proġetti ma jaqbiżx il-limiti ta' żmien stabbiliti minn qabel. Għal Proġetti Strateġiċi b'Emissjonijiet Żero Netti, it-tul tal-proċess għall-għoti ta' permessi jenħtieġ li ma jaqbiżx id-disa' xhur għal faċilitajiet b'output tal-produzzjoni annwali ta' aktar minn 1 GW, u sitt xhur għal dawk b'output tal-produzzjoni annwali ta' inqas minn 1 GW. **Għall-proġetti** tal-manifattura ta' teknoloġija b'emissjonijiet zero netti, it-tul tal-proċess għall-għoti ta' permessi jenħtieġ li ma jaqbiżx **12-il** xhar għall-faċilitajiet b'output ta' produzzjoni annwali ta' aktar minn 1 GW, u **9 xhur** għal dawk b'output ta' produzzjoni annwali ta' anqas minn 1 GW. Għal teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti li għalihom il-metrika tal-GW mhijiex rilevanti, bħal grilji u teknoloġiji **CCS** jew **CCU**, jenħtieġ li japplikaw il-limiti massimi tal-iskadenzi

proċeduri u għas-servizzi ta' assistenza u ta' soluzzjoni tal-problemi u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1024/2012 (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 1).

msemmija hawn fuq. Għall-espansjoni tal-linji ta' produzzjoni eżistenti, kull wieħed mil-limiti ta' żmien imsemmija hawn fuq jenħtieġ li jitnaqqas bin-nofs.

- (56) Barra minn hekk, minħabba l-importanza ta' **proġetti tal-manifattura ta' teknoloġija u proġetti strateġiċi b'emissjonijiet zero netti** għall-provvista tal-enerġija tal-Unjoni, ċerti restrizzjonijiet amministrattivi jenħtieġ li jitneħħew parzjalment jew jiġu ssimplifikati biex titħaffef l-implimentazzjoni tagħhom.
- (57) Il-valutazzjonijiet u l-awtorizzazzjonijiet ambjentali meħtieġa skont id-dritt tal-Unjoni, inkluż fir-rigward tal-ilma, l-arja, l-ekosistemi, il-habitats, il-bijodiversità u l-għasafar, huma parti integrali mill-proċedura għall-ġħoti ta' permessi għal proġetti tal-manifattura ta' teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti u salvagwardja essenzjali biex jiġi żgurat li jiġu evitati jew minimizzati impatti ambjentali negattivi. Madankollu, biex jiġi żgurat li l-proċeduri għall-ġħoti ta' permessi għal proġetti tal-manifattura ta' teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti jkunu prevedibbli u f'waqthom, jenħtieġ li jitwettaq kwalunkwe potenzjal biex jiġu ssimplifikati l-valutazzjonijiet u l-awtorizzazzjonijiet meħtieġa filwaqt li ma jitnaqqasx il-livell tal-ħarsien tal-ambjent. F'dak ir-rigward, jenħtieġ li jiġi żgurat li l-valutazzjonijiet meħtieġa jiġu raggruppati biex tiġi evitata duplikazzjoni bla bżonn u jenħtieġ li jiġi żgurat li l-promoturi ta' proġetti u l-awtoritajiet responsabbli jaqblu b'mod espliċitu dwar l-ambitu tal-valutazzjoni raggrupjata qabel ma titwettaq il-valutazzjoni biex jiġi evitat segwitu bla bżonn.
- (58) Il-kunflitti dwar l-użu tal-art jistgħu joħolqu ostakli għall-użu ta' proġetti tal-manifattura ta' teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti. Pjanijiet imfassla tajjeb, inklużi pjanijiet spazjali u tqassim f'żoni, li jqisu l-potenzjal għall-implimentazzjoni ta' proġetti tal-manifattura ta' teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti u li l-impatti ambjentali potenzjali tagħhom huma vvalutati, għandhom il-potenzjal li jgħinu biex jiġu bbilanċjati l-prodotti u l-interessi pubbliċi, filwaqt li jnaqqsu l-potenzjal għal kunflitt u jaċċelleraw l-użu sostenibbli ta' proġetti tal-manifattura ta' teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti fl-Unjoni. Għalhekk, l-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali responsabbli jenħtieġ li jikkunsidraw l-inklużjoni ta' dispożizzjonijiet għal proġetti tal-manifattura ta' teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti meta jiżviluppaw pjanijiet rilevanti.

- (59) Id-data u s-servizzi spazjali derivati mill-Programm Spazjali tal-UE, u b'mod partikolari Copernicus, jenħtieġ li jintużaw sa fejn ikun possibbli biex tiġi pprovduta informazzjoni dwar il-ġeoloġija, il-bijoloġija, l-ekoloġija, l-iżvilupp soċjoekonomiku, u d-disponibbiltà tar-riżorsi għall-valutazzjonijiet u għall-awtorizzazzjonijiet ambjentali; tali data u servizzi u b'mod partikolari l-kapaċità antropoġenika ta' monitoraġġ u verifika tal-emissjonijiet tas-CO₂ ta' Copernicus huma l-aktar rilevanti biex jiġu vvalutati l-impatt tal-proġetti tal-industrija u l-impatt tal-bjar antropoġeniċi tas-CO₂ fuq il-konċentrazzjonijiet u l-flussi globali tal-gassijiet serra.
- (60) Il-Kummissjoni jenħtieġ li, kif previst fl-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012 *tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*¹, titlob lil organizzazzjoni Ewropea waħda jew aktar tal-istandardizzazzjoni biex jabbozzaw standards Ewropej b'appoġġ għall-oġġettivi ta' dan ir-Regolament.
- (61) Il-Widien tal-Idroġenu b'applikazzjonijiet industrijali għall-użu finali jaqdu rwol importanti fid-dekarbonizzazzjoni tal-industriji intensivi fl-enerġija. Ir-REPowerEU stabbilixxa l-oġġettiv li jiġi rduppjat l-għadd ta' Widien tal-Idroġenu fl-Unjoni. Sabiex jintlaħaq dan l-oġġettiv, l-Istati Membri jenħtieġ li jaċċelleraw l-għoti ta' permessi u jikkunsidraw l-ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja u jagħtu prijorità lill-aċċess għall-finanzjament. Sabiex tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-industrija b'emissjonijiet zero netti, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw l-interkonnnessjoni tal-Widien tal-Idroġenu bejn il-fruntieri tal-Unjoni. L-installazzjonijiet industrijali li jipproduċu l-enerġija tagħhom stess, u li jistgħu jipprovdu kontribut pożittiv għall-produzzjoni tal-elettriku, jenħtieġ li jiġu mħeġġa jikkontribwixxu għall-grilja intelliġenti tal-elettriku bħala produttori tal-enerġija billi jissimplifikaw ir-rekwiżiti regolatorji.
- (62) L-ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja ta' teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti jistgħu jkunu għodda importanti għall-promozzjoni tal-innovazzjoni fil-qasam tat-teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti u tat-tagħlim regolatorju. Jeħtieġ li l-innovazzjoni tiġi ffaċilitata permezz ta' spazji ta' esperimentazzjoni peress li l-eżiti xjentifiċi jeħtieġ

¹ *Ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-Istandardizzazzjoni Ewropea, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 89/686/KEE u 93/15/KEE u d-Direttivi 94/9/KE, 94/25/KE, 95/16/KE, 97/23/KE, 98/34/KE, 2004/22/KE, 2007/23/KE, 2009/23/KE u 2009/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/95/KEE u d-Deċiżjoni Nru 1673/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 316, 14.11.2012, p. 12).*

li jiġu ttestjati f'ambjent ikkontrollat ta' dinja reali. Jenġtiegħ li jiġu introdotti ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja biex jiġu ttestjati teknoloġiji innovattivi b'emissjonijiet zero netti **u teknoloġiji innovattivi oħra** f'ambjent ikkontrollat għal ammont limitat ta' żmien. Huwa xieraq li jintlaħaq bilanċ bejn iċ-ċertezza legali għall-parteċipanti fl-ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja ta' teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti u l-kisba tal-oġettivi tad-dritt tal-Unjoni. Peress li l-ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja ta' teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti jridu fi kwalunkwe każ jikkonformaw mar-rekwiżiti essenzjali dwar it-teknoloġija b'emissjonijiet zero netti stipulati fid-dritt tal-Unjoni u dak nazzjonali, huwa xieraq li jiġi previst li l-parteċipanti, li jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' eliġibbiltà għal ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja ta' teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti u li jsegwu, b'rieda tajba, il-gwida pprovduta mill-awtoritajiet kompetenti u t-termini u l-kundizzjonijiet tal-pjan miftiehem ma' dawk l-awtoritajiet, ma jkunu soġġetti għall-ebda multa jew penali amministrattiva. Dan huwa ġġustifikat peress li s-salvagwardji stabbiliti, fil-prinċipju, se jiżguraw konformità effettiva mad-dritt tal-Unjoni jew tal-Istati Membri dwar it-teknoloġija b'emissjonijiet zero netti li jiġi ssorveljat fl-ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja. Fl-2023, il-Kummissjoni se tippubblika dokument ta' Gwida għall-Ambjenti ta' Esperimentazzjoni Regolatorja kif imħabbar fl-Aġenda Ewropea Ġdida għall-Innovazzjoni biex tappoġġa lill-Istati Membri fit-thejġija tal-ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja ta' teknoloġija b'emissjonijiet zero netti. Dawk it-teknoloġiji innovattivi jistgħu eventwalment ikunu essenzjali biex jinkiseb l-oġettiv tan-newtralità klimatika tal-Unjoni, biex jiġu żgurati s-sigurtà tal-provvista u r-reżiljenza tas-sistema tal-enerġija tal-Unjoni, u konsegwentement jidħlu fl-ambitu ta' teknoloġiji ■ b'emissjonijiet zero netti.

- (63) Qed jiġu ppreżentati parametru referenzjarju ġenerali u oġettivi indikattivi għall-manifattura ta' prodotti ewlenin ta' teknoloġija b'emissjonijiet zero netti fl-Unjoni Ewropea sabiex **itejbu l-kompetittività globali industrijali tal-Unjoni kif ukoll** jgħinu fl-indirizzar tat-tħassib dwar id-dipendenza fuq l-importazzjoni u l-vulnerabbiltà u biex jiġi żgurat li jintlaħqu l-miri tal-Unjoni dwar il-klima u l-enerġija.
- (64) **Wieħed mill-oġettivi ewlenin tal-politika industrijali tal-Unjoni huwa li tippermetti t-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali filwaqt li tippreserva t-tkabbir sostenibbli u l-kompetittività tal-Unjoni, iżżomm impjegi ta' kwalità u ssaħħaħ il-ħila tagħha li**

tkun innovattiva u tipproduċi, b'mod partikolari fir-rigward ta' teknoloġiji nodfa. Iż-żieda fl-industriji Ewropej ta' teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti kif ukoll l-iżgurar ta' awtonomija strateġika miftuħa tal-Unjoni jirrikjedu ħaddiema b'ħiliet addizzjonali sinifikanti u dan jimplika ħtiġijiet importanti ta' investment fit-taħriġ mill-ġdid u fit-titjib tal-ħiliet, inkluż fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali. B'mod aktar speċifiku, it-tranżizzjoni enerġetika se tirrikjedi żieda sinifikanti fl-għadd ta' ħaddiema tas-sengħa f'firxa ta' setturi, inklużi l-enerġija rinnovabbli u l-ħżin tal-enerġija, it-teknoloġiji tal-grilji, il-produzzjoni tal-batteriji kif ukoll soluzzjonijiet tal-IT jew soluzzjonijiet intelliġenti għall-ottimizzazzjoni u l-ġestjoni tas-sistemi tal-enerġija, u teknoloġiji oħra tad-dekarbonizzazzjoni industrijali. Skont xi studji, fl-Unjoni biss, l-ekonomija ċirkolari tista' tikkontribwixxi għall-ħolqien ta' madwar 700 000 impjeg sal-2030¹. Għalhekk huwa tal-akbar importanza li l-impjegi fit-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti jsiru attraenti u aċċessibbli, speċjalment il-karrieri tekniċi, inkluż permezz ta' kampanji ta' informazzjoni tal-Unjoni għall-promozzjoni tal-edukazzjoni teknika u vokazzjonali, kif ukoll impjegi relatati mal-ekonomija ċirkolari, mal-ġestjoni tar-riżorsi u mat-trasformazzjoni industrijali u d-dekarbonizzazzjoni b'mod ġenerali. Barra minn hekk, jeħtieġ li jiġi indirizzat l-ispariġġ attwali bejn il-ħiliet tal-ħaddiema tal-Unjoni u l-ħtiġijiet tal-kumpanji. Il-ħtiġijiet ta' ħiliet għas-sottosettur tal-idroġenu u taċ-ċelloli tal-fjuwil fil-manifattura waħedha huma stmati għal 180 000 ħaddiem, persunal tekniku u inginjera mħarrġa sas-sena 2030, skont il-Pjan Strateġiku Ewropew għat-Teknoloġija tal-Enerġija tal-Kummissjoni². Fis-settur tal-enerġija solari fotovoltajka, se jkunu meħtieġa mhux inqas minn 66 000 impjeg fil-manifattura biss. Barra minn hekk, in-nuqqas ta' programmi edukattivi li jippromwovu l-ħiliet meħtieġa għal teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti, li jikkawża wkoll skarsezza ta' impjegati tas-sengħa u nuqqas ta' fehim fl-amministrazzjoni lokali f'ċerti reġjuni tal-Unjoni, jista' joħloq restrizzjoni sinifikanti għall-iżvilupp industrijali sostenibbli.

¹ *Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Frar 2021 dwar il-Pjan ta' Azzjoni ġdid għall-Ekonomija Ċirkolari (2020/2077(INI)) (ĠU C 465, 17.11.2021, p. 11).*

² *Il-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka, The strategic energy technology (SET) plan (Il-pjan strateġiku għat-teknoloġija tal-enerġija (SET)), l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, 2019, <https://data.europa.eu/doi/10.2777/04888>.*

(65) Peress li t-tisħiħ tal-kapaċità tal-manifattura ta' teknoloġiji ewlenin b'emissjonijiet zero netti fl-Unjoni mhux se jkun possibbli mingħajr forza tax-xogħol b'ħiliet li tkun imdaqqa, huwa meħtieġ li jiġu introdotti miżuri biex tingħata spinta ***lill-integrazzjoni*** ta' aktar persuni fis-suq tax-xogħol, ***u biex l-industriji u l-karrieri tekniċi kkonċernati minn dan ir-Regolament isiru aktar attraenti, speċjalment għan-nisa peress li l-bilanċ bejn il-ġeneri għadu lura biex jintlaħaq fil-professjonijiet orjentati lejn it-teknoloġija, u għaż-żagħżagħ*** inkluż permezz ta' approċċi fejn il-ħiliet jiġu l-ewwel li jikkomplementaw ir-reklutaġġ ibbażat fuq il-kwalifiki. ***Barra minn hekk, il-ħaddiema minn pajjiżi terzi jenħtieġ li jkunu wkoll fil-mira peress li l-Unjoni tattira biss sehem żgħir ta' migranti kwalifikati.*** Barra minn hekk, f'konformità mal-obiettivi tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-iżgurar ta' tranżizzjoni ġusta lejn in-newtralità klimatika, huma importanti appoġġ speċifiku għat-tranżizzjoni minn impjeg għall-ieħor ***u bil-ħsieb li jiġi ffavorit it-tagħlim u t-taħriġ tul il-ħajja*** għall-ħaddiema f'setturi li m'għadx hemm bżonnhom u li sejr in lura. Dan ifisser investiment fil-ħiliet ***għal kulħadd, filwaqt li fl-istess ħin ikun hemm approċċ immirat lejn gruppi vulnerabbli.*** ***Dan jinkludi gruppi ta' persuni li huma barra mill-edukazzjoni, impjeg jew taħriġ (NEETs), ħaddiema migranti residenti legalment kif ukoll persuni li huma esklużi mis-suq tax-xogħol, li għandhom aċċess limitat għal opportunitajiet ta' taħriġ jew li jinsabu f'impjegi, li jew huma f'riskju li jisparixxu jew li l-kontenut u l-kompiti tagħhom qed jiġu trasformati ħafna minn teknoloġiji ġodda, speċjalment f'reġjuni affettwati mill-impatti tat-tranżizzjoni lejn il-miri tal-Unjoni għall-2030 skont l-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2021/1056 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ u l-Artikolu 5(1) tar-Regolament (UE) 2021/1060. L-objettiv aħħari jenħtieġ li jkun il-ħolqien ta' impjegi ta' kwalità meħtieġa għal teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti fl-Unjoni f'konformità mal-miri għall-impjegi u t-taħriġ tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, inklużi pagi ġusti u adegwati, it-titjib tal-kundizzjonijiet tal-għajxien u tax-xogħol skont id-Direttiva (UE) 2022/2041² tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, l-aċċess għall-protezzjoni soċjali, l-opportunitajiet ta' tagħlim tul il-ħajja, kundizzjonijiet tax-xogħol tajbin f'postijiet***

¹ *Ir-Regolament (UE) 2021/1056 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 1).*

² *Id-Direttiva (UE) 2022/2041 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Ottubru 2022 dwar pagi minimi adegwati fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 275, 25.10.2022, p. 33).*

tax-xogħol sikuri u favur is-saħħa, kif ukoll drittijiet ta' negozjar kollettiv. Fil-fatt, it-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid huma għodod importanti, iżda ma jiggerantux impjiegi ta' kwalità. In-nuqqas ta' ħaddiema jista' jkun ukoll ir-riżultat ta' pagi baxxi, impjiegi mhux attraenti, kundizzjonijiet tax-xogħol ħżiena, u nuqqas ta' investiment fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET). Li jiġu indirizzati dawn il-kwistjonijiet u tittejjeb il-kwalità tal-impjiegi fis-setturi u fil-kumpaniji b'kundizzjonijiet tax-xogħol ħżiena huma wkoll elementi importanti biex jiġu attirati l-ħaddiema u tiġi indirizzata l-kwistjoni tal-eżodu ta' mħuħ li tirriżulta f'inugwaljanzi dejjem akbar bejn ir-reġjuni, żvilupp inugwali kif ukoll kapacià inugwali biex tiġi xprunata l-innovazzjoni u jinħolqu impjiegi ta' kwalità. Filwaqt li jiġu żviluppati u jitqiesu bis-sħiħ l-inizjattivi eżistenti bħall-Patt tal-UE għall-Ħiliet, l-attivitajiet fil-livell tal-UE dwar l-intelliġenza u t-tbassir tal-ħiliet, bħaċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali (Cedefop), **Eurofound** u l-Awtorità Ewropea tax-Xogħol, u l-Pjanijiet ta' azzjoni għall-kooperazzjoni settorjali dwar il-ħiliet, l-objettiv huwa li jiġu mobilizzati l-atturi kollha: l-awtoritajiet tal-Istati Membri, inkluż fil-livelli reġjonali u lokali, fornituri tal-edukazzjoni u tat-taħriġ **inklużi universitajiet, universitajiet tar-riċerka, universitajiet tax-xjenza applikata u alleanzi ta' universitajiet, kif ukoll** is-sħab soċjali u l-industrija, l-SMEs, **in-negozji ġodda, u l-intrapriżi soċjali** biex jidentifikaw il-ħtiġijiet b'rabta mal-ħiliet, jiżviluppaw programmi ta' edukazzjoni u taħriġ u jużawhom fuq skala kbira b'mod rapidu u operazzjonali. Il-proġetti strateġiċi b'emissjonijiet zero netti jaqdu rwol ewlieni x'jaqdu f'dan ir-rigward. L-Istati Membri u l-Kummissjoni **jenħtieġ li** jiżguraw appoġġ finanzjarju **biex jużaw l-impatt u l-outreach tagħhom** billi jisfruttaw il-possibiltajiet tal-baġit tal-Unjoni permezz ta' strumenti bħall-Fond Soċjali Ewropew Plus, **l-InvestEU**, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta, il-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, il-Fond għall-Modernizzazzjoni, ir-REPowerEU u l-Programm tas-Suq Uniku.

- (66) Filwaqt li jibnu fuq **inizjattivi lokali u reġjonali** u fuq esperjenzi preċedenti, **bħall-hubs għall-iżvilupp tal-ħiliet, il-Patt** tal-UE għall-Ħiliet u l-Alleanza Ewropea tal-Batteriji, **jew l-Alleanza tal-Enerġija Rinnovabli Offshore**, l-Akkademji Ewropej tal-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti, **li huma network ta' esperti rilevanti (l-Akkademji)**, jenħtieġ li jiżviluppaw u jużaw kontenut ta' edukazzjoni u taħriġ biex itejbu l-ħiliet u jħarrġu mill-ġdid lill-ħaddiema meħtieġa għal ktajjen tal-valur ewlenin

tat-teknoloġġi b'emissjonijiet żero netti, b'hat-teknoloġġi fotovoltajċi solari u termali solari, *l-enerġġja rinnovabbli mill-baħar*, teknoloġġi tal-idroġenu rinnovabbli u materja prima, *u CCU. L-ambitu u l-għadd tal-Akkademji jenħtieġ li jiġu ddeterminati mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri fil-qafas tal-Pjattaforma għal Ewropa b'Emissjonijiet Żero Netti* abbażi ta' studji eżistenti u oġġettivi f'konformità mal-prinċipju tan-newtralità teknoloġika kif ukoll abbażi ta' eżerċizzju ta' mmappjar tal-ħtiġijiet attwali u dawk imbassra f'industriji b'emissjonijiet żero netti, inklużi fir-reġjuni li jinsabu fi tranżizzjoni. Tali eżerċizzju ta' mmappjar jenħtieġ li jipprovdi informazzjoni dwar in-nuqqas ta' ħiliet attwali u futuri f'industriji ewlenin b'emissjonijiet żero netti madwar l-Unjoni u kif opportunitajiet ta' taħriġ huma pprovduti f'tali industriji. L-eżerċizzju ta' mmappjar jenħtieġ li janalizza wkoll il-kawża ewlenija tan-nuqqas ta' ħiliet u ta' ħaddiema b'mod partikolari b'rabta mal-kwalità tal-offerta ta' impjeg f'industriji b'emissjonijiet żero netti bħal pereżempju billi jivvaluta l-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-kopertura tan-negozjar kollettiv. Barra minn hekk, abbażi tar-riżultati tal-eżerċizzju ta' mmappjar u tal-istudji eżistenti u f'konsultazzjoni mal-Pjattaforma għal Ewropa b'Emissjonijiet Żero Netti, jenħtieġ li l-Kummissjoni toħroġ sejħa għal proposti biex tniedi akkademja f'teknoloġġa partikolari meta jiġi identifikat livell kritiku ta' nuqqas ta' ħiliet fir-rigward ta' teknoloġġa b'emissjonijiet żero netti (Akkademja). Il-finanzjament ta' avvjament tal-Unjoni jenħtieġ li jkun disponibbli biex jiġu stabbiliti l-Akkademji u jippermetti l-funzjonament tagħhom bil-ħsieb li jsiru finanzjarjament sostenibbli tliet snin wara l-istabbiliment tagħhom billi jirċievu kontribuzzjonijiet finanzjarji mis-settur privat. Hija meħtieġa governanza b'saħħitha biex l-Akkademji jsiru operazzjonali malajr kemm jista' jkun sabiex jiġu żviluppati programmi ta' taħriġ fil-qasam tat-teknoloġġi b'emissjonijiet żero netti. Dan jenħtieġ li jsir mingħajr preġudizzju għar-rwol determinanti li s-sħab soċjali u l-universitajiet jistgħu jaqdu wkoll fil-ħolqien ta' akkademji bħal dawn, kif inhu l-każ fl-Alleanza tal-Batteriji. Ir-rwol tal-alleanzi ta' universitajiet internazzjonali u interdixxiplinari, bħal Transform4Europe, jenħtieġ li jitqies b'mod partikolari biex jinkisbu standards aktar unifikati u komuni fl-attivitajiet ta' taħriġ u ta' taħriġ mill-ġdid jew titjib tal-ħiliet. B'mod ġenerali, l-użu ta' infrastrutturi ta' riċerka u tagħlim diġà eżistenti jenħtieġ li jingħata prijorità wkoll.

(66a) Wieħed mill-għanijiet tal-Akkademji jenħtieġ li jkun li jikkontribwixxu għall-

industrijalizzazzjoni mill-ġdid u d-dekarbonizzazzjoni tal-Unjoni kif ukoll għall-awtonomija strateġika miftuħa tagħha. Jenħtieġ li l-Akkademji jindirizzaw ukoll il-ħtieġa għal teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti bi standards soċjali u klimatiċi għoljin li jiġu prodotti fl-Unjoni. Jenħtieġ li l-Akkademji jiġu stabbiliti sal-31 ta' Diċembru 2024 u jenħtieġ li jipprovdu kontenut ta' tagħlim fl-akbar numru possibbli ta' lingwi tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni, bl-għan li jinkiseb bilanċ ġeografiku madwar l-Istati Membri. Sal-31 ta' Diċembru 2025, jenħtieġ li jibdeu ixerrdu l-kontenut inizjali tat-tagħlim lill-fornituri rilevanti tal-edukazzjoni u t-taħriġ fl-Istati Membri, bħal universitajiet, universitajiet tar-riċerka, universitajiet tax-xjenzi applikati u alleanzi ta' universitajiet, impriżi li jipprovdu tali edukazzjoni u taħriġ, inklużi SMEs, negozji ġodda u intrapriżi soċjali, sħab soċjali, u permezz tat-taħriġ ta' min iħarreġ; Kull waħda mill-Akkademji jenħtieġ li jkollha l-għan li tippermetti t-taħriġ u l-edukazzjoni ta' 100 000 student fi żmien tliet snin mill-istabbiliment tagħha, filwaqt li titqies il-firxa tan-nuqqasijiet ta' ħiliet identifikati li tista' tirriżulta f'varjazzjoni fl-għadd ta' studenti għal kull Akkademja. L-Akkademji jenħtieġ li jikkontribwixxu għad-disponibbiltà tal-ħiliet meħtieġa għat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti, inkluż fl-SMEs. Il-kontenut tat-tagħlim jenħtieġ li jqis il-programmi ta' tagħlim diġà eżistenti żviluppati fil-qafas tal-Patt lokali għall-Ħiliet u ċ-ċentri ta' eċċellenza professjonali u jenħtieġ li jkollu fil-mira l-livelli kollha ta' edukazzjoni u kwalifiki u l-ħaddiema kollha, inklużi l-apprendisti, tul il-katina tal-valur fis-setturi kkonċernati fejn jitqiesu l-fażijiet industrijali suċċessivi kollha, mid-disinn tal-prodott (jew tas-servizz), sal-fażi tal-manifattura, inkluż ir-riċiklaġġ u l-użu mill-ġdid tal-materjali, fejn jitqiesu l-professjonijiet differenti kollha tul il-katina tal-valur. Dak il-kontenut jenħtieġ li jinkludi wkoll moduli ta' tagħlim b'informazzjoni rilevanti dwar is-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol għal kull teknoloġija speċifika kif ukoll informazzjoni ġenerali rilevanti dwar id-drittijiet tal-ħaddiema u l-kundizzjonijiet tax-xogħol, inkluż dwar il-ħin tax-xogħol u d-drittijiet tal-ħaddiema għall-informazzjoni u l-konsultazzjoni. Dak il-kontenut jista', meta rilevanti, jiġi aġġustat aktar għad-dritt nazzjonali, għall-ftehimiet kollettivi applikabbli u għall-ispeċifitàjiet territorjali u settorjali mill-fornituri tal-edukazzjoni u tat-taħriġ. Il-kontenut tat-tagħlim jenħtieġ li jkollu wkoll fil-mira l-impjegati fl-amministrazzjonijiet nazzjonali u lokali (b'mod partikolari dawk responsabbli għall-għoti ta' permessi, il-valutazzjoni tal-impatt u r-regolamenti ta'

teknoloġiji ġodda), u b'hekk jikkontribwixxi għall-bini tal-kapaċitajiet fost l-amministrazzjonijiet nazzjonali u għat-tnaqqis tad-disparitajiet fost l-Istati Membri.

(66b) L-Istati Membri jenħtieġ li jużaw il-kontenut tat-tagħlim żviluppat mill-Akkademji fi strumenti eżistenti pereżempju fil-Garanzija għaż-Żgħażaġħ imsaħħa, li wieħed mill-objettivi tagħha huwa li tipprovdi edukazzjoni u taħriġ lil min ikun barra mill-edukazzjoni, impjeg jew taħriġ (NEETS), u fi programmi ta' mentoraġġ' eżistenti. Sabiex jiġu żgurati t-trasparenza u l-portabbiltà tal-ħiliet u l-mobbiltà tal-ħaddiema, u jiġu appoġġati l-Istati Membri f'dawn l-isforzi, l-Akkademji se jiżviluppaw u jużaw il-kredenzjali, inklużi l-mikrokredenzjali, li jkopru l-kisbiet tat-tagħlim. Dawn jenħtieġ li jinħarġu fil-format tal-kredenzjali Ewropej għat-tagħlim u jistgħu jiġu integrati fil-EUROPASS u, meta rilevanti, inklużi fl-Oqfsa Nazzjonali tal-Kwalifiki. L-Istati Membri jenħtieġ li jiġu mħeġġa jużaw il-kontenut żviluppat mill-Akkademji biex jappoġġaw it-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet kontinwi u lill-fornituri rilevanti tal-edukazzjoni u tat-taħriġ fit-territorji tagħhom permezz ta' programmi nazzjonali u finanzjament tal-Unjoni, inkluż mill-Fond Soċjali Ewropew Plus, mill-Garanzija għaż-Żgħażaġħ imsaħħa, mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, mill-InvestEU, mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, mill-Mekkaniżmu għal Tranżizzjoni Ġusta, mill-Fond għall-Modernizzazzjoni u mill-Istrument ta' Appoġġ Tekniku, u biex jappoġġaw l-integrazzjoni tan-nisa f'konformità mal-Istrateġija Ewropea għall-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri sabiex jiġu indirizzati l-istereotipi marbuta mal-ġeneru fl-edukazzjoni u fuq il-post tax-xogħol. In-Network tas-Servizzi Ewropej tax-Xogħol jista' jaqdi rwol sinifikanti fl-użu tal-kontenut ta' tagħlim tal-programmi ta' taħriġ mogħtija mill-Akkademji tal-ħiliet fil-ħolqien u fl-użu ta' profili tax-xogħol Ewropej u billi jipprovdi informazzjoni dwarhom lis-servizzi nazzjonali għall-impjiegi.

(66c) Il-Pjattaforma għal Ewropa b'Emissjonijiet Żero Netti jenħtieġ li tgħin biex tiggwida l-ħidma tal-Akkademji filwaqt li tiżgura li l-kontenut tagħhom jindirizza n-nuqqasijiet ta' ħiliet identifikati bl-eżerċizzju ta' mmappjar u tipprovdi sorveljanza. L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li r-rappreżentant nazzjonali maħtur ikun jista' jaġixxi bħala pont bejn il-ministeri nazzjonali rilevanti u l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kif ukoll is-sħab soċjali nazzjonali u r-rappreżentanti tal-industrija. Il-Pjattaforma għal Ewropa b'Emissjonijiet Żero Netti jenħtieġ li tiġbor

informazzjoni dwar il-progress li jkun sar mill-Akkademji differenti u tipproduċi sa tmiem l-2026 rapport ġenerali dwar l-użu tal-programmi ta' taġlim, inkluż l-għadd ta' studenti li jkunu qed jibbenefikaw mill-programmi tal-Akkademji diżaggregat skont is-setturi industrijali, il-ġeneru, l-età, u l-livelli ta' edukazzjoni u ta' kwalifika.

- (67) Filwaqt li fin-nuqqas ta' dispożizzjonijiet speċifiċi li jintroduċu rekwiżiti minimi ta' taħriġ għall-aċċess għal professjoni regolata jew għat-twettiq tagħha stabbiliti fid-dritt tal-Unjoni, hija fil-kompetenza ta' Stat Membru li jiddeċiedi jekk u kif jirregola professjoni, ir-regoli nazzjonali li jorganizzaw l-aċċess għall-professjonijiet regolati ma jridux jikkostitwixxu ostakolu mhux ġustifikat jew sproporzjonat għall-eżerċitar ta' dawk id-drittijiet fundamentali. Il-kompetenza għar-regolamentazzjoni tal-aċċess għal professjoni trid tiġi eżerċitata fil-limiti tal-prinċipji tan-nondiskriminazzjoni u tal-proporzjonalità, f'konformità mad-Direttiva (UE) 2018/958 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill . Fil-valutazzjoni tagħhom, l-Istati Membri jenħtieġ li jqisu kwalunkwe effett detrimentali li r-regolament jew il-professjonijiet jista' jkollhom fuq id-disponibbiltà ta' ħiliet fl-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti u jfittxu li jillimitaw ir-regolament f'dawn l-oqsma sa l-ogħla livell possibbli.
- (68) Meta l-programmi ta' taġlim żviluppatti mill-akkademji jwasslu għal kredenzjali li jkunu ta' assistenza *inkluż* għal persuni li jkunu qed ifittxu aċċess għal professjoni li tkun irregolata, l-Istati Membri *u l-impjegaturi* jenħtieġ li, sabiex jiffaċilitaw il-mobbiltà fi professjonijiet strateġiċi tal-industrija b'emissjonijiet żero netti, jaċċettaw dawn il-kredenzjali bħala prova suffiċjenti tal-għarfien, il-ħiliet u l-kompetenzi li huma jattestaw.
- (68a) *Il-kontribut ta' teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti għall-objettivi ta' dekarbonizzazzjoni tal-Unjoni jista' jimmaterializza biss meta dawk it-teknoloġiji jibdwu jintużaw. Tali użu, sa ċertu punt, x'aktarx li jseħħ f'unitajiet domestiċi privati, iżda l-biċċa l-kbira tad-dekarbonizzazzjoni x'aktarx li tiġi mid-dekarbonizzazzjoni tal-proċessi industrijali. Sabiex jiġi żgurat li l-investimenti għal tali dekarbonizzazzjoni jitwettqu fl-Unjoni, li huwa essenzjali biex jiġu żgurati impjiegi tajbin u prosperità fl-Unjoni kif ukoll biex jiġu ssodisfati l-objettivi ta' dekarbonizzazzjoni tal-Unjoni, huwa kruċjali li din tikkontribwixxi għal titjib fil-klima tal-investiment għall-industrija fl-Unjoni.*

- (69) Fil-livell tal-Unjoni, jenħtieġ li tiġi stabbilita Pjattaforma għal Ewropa b'Emissjonijiet Żero Netti, magħmula mill-Istati Membri **u l-Parlament Ewropew**, u ppreseduta mill-Kummissjoni. Il-Pjattaforma għal Ewropa b'Emissjonijiet Żero Netti tista' tagħti pariri u tassisti lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri dwar mistoqsijiet speċifiċi u tipprovdi korp ta' referenza, li fih il-Kummissjoni u l-Istati Membri jikkoordinaw l-azzjoni tagħhom u jiffaċilitaw l-iskambju ta' informazzjoni dwar kwistjonijiet relatati ma' dan ir-Regolament. Il-Pjattaforma għal Ewropa b'Emissjonijiet Żero Netti jenħtieġ li tkompli twettaq il-kompiti deskritti fl-Artikoli differenti ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari fir-rigward tal-għoti ta' permessi, inklużi punti uniċi ta' servizz, Proġetti Strateġiċi b'Emissjonijiet Żero Netti, koordinazzjoni tal-finanzjament **u aċċess għalih**, aċċess għas-swieq u l-ħiliet kif ukoll ambjenti ta' esperimentazzjoni regulatorja **għal teknoloġiji innovattivi** b'emissjonijiet zero netti **u teknoloġiji innovattivi oħra**. Meta meħtieġ, il-Pjattaforma **għal Ewropa b'Emissjonijiet Żero Netti jenħtieġ li tkun** tista' tistabbilixxi sottogrupperi permanenti jew temporanji u tistieden lil partijiet terzi, bħal esperti jew rappreżentanti minn industriji b'emissjonijiet zero netti.
- (70) Bħala parti mill-Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku, il-Kummissjoni ħabbret l-intenzjoni tagħha li tikkonkludi Sħubijiet Industrijali b'Emissjonijiet Żero Netti li jkopru teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti. **Il-kooperazzjoni permezz ta' tali Sħubijiet x'aktarx li tippromwovi l-adozzjoni ta' teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti globalment, biex tappoġġa sħubijiet ta' tisħiħ reċiproku bejn l-Unjoni u pajjiżi terzi, inklużi investimenti sostenibbli u assistenza teknika. Is-Sħubijiet Industrijali b'Emissjonijiet Żero Netti jistgħu jikkontribwixxu wkoll għad-diversifikazzjoni u r-reżiljenza tal-provvista tal-Unjoni ta' teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti u l-komponenti tagħhom, isaħħu l-kondiviżjoni tal-informazzjoni bejn l-Unjoni u s-sħab tagħha dwar l-iżvilupp ta' teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti u jappoġġaw l-industriji tal-Unjoni b'emissjonijiet zero netti biex jaċċessaw is-suq globali tal-enerġija nadifa, filwaqt li jappoġġaw l-industriji emerġenti fil-qasam tat-teknoloġiji tal-enerġija nadifa f'pajjiżi terzi b'avantaġġi komparattivi ċari.** Il-Kummissjoni u l-Istati Membri **jenħtieġ li** jikkoordinaw fi ħdan il-Pjattaforma **għal Ewropa b'Emissjonijiet Żero Netti** s-Sħubijiet, jiddiskutu s-sħubijiet u l-proċessi rilevanti eżistenti, bħas-sħubijiet ekoloġiċi, id-djalogi dwar l-enerġija u forom oħra ta' arranġamenti kuntrattwali bilaterali eżistenti, kif ukoll sinerġiji potenzjali mal-ftehimiet bilaterali rilevanti tal-Istati Membri ma' pajjiżi terzi. Il-ftehimiet ma' pajjiżi

terzi inklużi s-Sħubijiet Industrijali b'Emissjonijiet Żero Netti jenħtieġ li jirriflettu l-valuri u l-oġġettivi ewlenin **tal-Unjoni** b'mod partikolari fir-rigward tal-promozzjoni tal-istandards tax-xogħol u dawk ambjentali internazzjonali **f'dawk** il-pajjiżi. Barra minn hekk, jenħtieġ li s-Sħubijiet Industrijali b'Emissjonijiet Żero Netti jkollhom l-għan li jikkontribwixxu għat-trasformazzjoni industrijali tul il-katina tal-valur kollha tal-impriżi **tal-Unjoni** u dawk ta' pajjiżi terzi filwaqt li jiżguraw swieq miftuħa u kummerċ ġust.

(71) L-Unjoni jenħtieġ li jkollha l-għan li tiddiversifika l-kummerċ u l-investimenti internazzjonali f'teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti **li jsawru** sħubijiet **li jsaħħu lil xulxin**, filwaqt li tibni fuq il-pjanijiet ta' żvilupp sostenibbli tas-sħab stess, l-istandards ambjentali u tad-drittijiet tal-bniedem rilevanti filwaqt li tippromwovi standards soċjali, **tax-xogħol** u ambjentali globalment għoljin. **Dan** jenħtieġ li jsir b'kooperazzjoni mill-qrib u fi sħubija ma' pajjiżi li jaħsbuha bl-istess mod **permezz ta'** ftehimiet eżistenti jew ftehimiet strateġiċi ġodda. **Bl-istess mod**, jenħtieġ li tiġi segwita **kooperazzjoni internazzjonali aktar b'saħħitha** dwar sforzi ta' riċerka u innovazzjoni biex jiġu żviluppati u implimentati teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti b'kooperazzjoni mill-qrib mal-pajjiżi sħab **b'mod miftuħ u bbilanċjat, filwaqt li jitqiesu kif xieraq l-interessi u l-ħtiġijiet strateġiċi tal-Unjoni.**

(71a) **Fid-diskors tagħha dwar l-Istat tal-Unjoni tal-2023, il-President tal-Kummissjoni ħabbret li l-Kontroll tal-Kompetittività se jitwettaq minn bord indipendenti. Din il-ħidma jenħtieġ li tiġi infurmata minn korp ta' ħidma kontinwu rigward il-piż regolatorju maħluq mid-dritt tal-Unjoni u dak nazzjonali u l-impatt tiegħu fuq il-kompetittività tal-industrija tal-Unjoni, inklużi l-industriji b'emissjonijiet żero netti. Biex jiffaċilita dik il-ħidma, dan ir-Regolament jistabbilixxi Bord Konsultattiv Xjentifiku Ewropew dwar ir-Rieżami u l-Piż Regolatorju. Il-Bord Konsultattiv jenħtieġ li jiżviluppa parir ibbażat fuq ix-xjenza dwar l-impatt tal-piż regolatorju fl-Unjoni, abbażi ta' każijiet individwali.**

(72) Meta s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat **dwar il-Funzjonament tal-unjoni Ewropea (TFUE)** tiġi ddelegata lill-Kummissjoni skont dan ir-Regolament, huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stabbiliti

fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016¹. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tnejn ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tnejn ta' atti delegati.

- (73) Safejn kwalunkwe waħda mill-miżuri previsti minn dan ir-Regolament tikkostitwixxi għajna mill-Istat, id-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw tali miżuri huma mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 *TFUE*.
- (74) Billi l-oġettiv ta' dan ir-Regolament ma jistax jintlaħaq b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri waħedhom u, minħabba l-iskala jew l-effetti tal-azzjoni, jista' pjuttost jintlaħaq aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħaq dak l-oġettiv.

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Kapitolu I

Suġġett, kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet

Artikolu 1

Suġġett

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-qafas ta' miżuri ***biex jiġi żgurat approċċ ikkoordinat, fl-Unjoni kollha, għall-innovazzjoni*** u t-tisħiħ tal-kapaċità tal-manifattura ta' teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti ***kif ukoll tal-komponenti, tal-materjali u tal-makkinarju tul il-katjen tal-provvista ta' dawk it-teknoloġiji li huma indispensabbli għall-produzzjoni u l-funzjonament tagħhom*** fl-Unjoni biex:

¹ Il-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet, (*ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1*).

(a) jìgu appoġġati l-mira tal-Unjoni dwar il-klima u l-objettiv tan-newtralità klimatika, kif definit mir-Regolament (UE) 2021/1119;

(b) titrawwem il-kompetittività industrijali internazzjonali tal-Unjoni sabiex tikkontribwixxi għall-ħolqien ta' impjegi ta' kwalità;

(c) jittejjeb l-aċċess tal-Unjoni għal provvista sigura u sostenibbli ta' teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti;

(d) tisaħħaħ l-awtonomija strateġika miftuħa tal-Unjoni;

(e) tiġi ssalvagwardjata r-reżiljenza tal-ktajjen tal-provvista korrispondenti tal-Unjoni; u

(f) tinkiseb id-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija u tas-soċjetà tal-Unjoni.

2. Sabiex jintlaħaq l-objettiv ġenerali msemmi fil-paragrafu 1, dan ir-Regolament fih miżuri bil-għan li jiġi żgurat:

(a) it-tnaqqis tad-dipendenzi strateġiċi fl-Unjoni tat-teknoloġiji strateġiċi b'emissjonijiet żero netti, kif ukoll tal-komponenti, tal-materjali u tal-makkinarju tul il-ktajjen tal-provvista ta' dawk it-teknoloġiji li huma indispensabbli għall-produzzjoni u l-funzjonament tagħhom u li sal-2030 dan jilħaq kapaċità tal-manifattura li tikkorrispondi għal:

(i) mill-inqas 40 % tal-ħtiġijiet tal-użu annwali tal-Unjoni għat-teknoloġiji korrispondenti meħtieġa biex jintlaħqu l-miri tal-Unjoni għall-klima u l-enerġija, abbażi tal-użu teknoloġiku ppjanat madwar l-Unjoni skont il-pjanijiet nazzjonali għall-enerġija u l-klima mħejjija u ppreżentati mill-Istati Membri skont ir-Regolament (UE) 2018/1999; u

(ii) mill-inqas 25 % tad-domanda globali għal teknoloġiji korrispondenti ;

(b) il-moviment liberu ggarantit ta' teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti u servizz relatat mqiegħda fis-suq intern.

3. Meta, abbażi tar-rapport imsemmi fl-Artikolu 35, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-Unjoni aktarx li ma tilħaqx l-oġġettivi stabbiliti *fil-paragrafi 1 u 2*, din għandha tivvaluta l-fattibbiltà u l-proporzjonalità tal-proposta ta' miżuri jew tal-eżerċitar tas-setgħat tagħha fil-livell tal-Unjoni sabiex tiżgura l-ilħuq ta' dawk l-oġġettivi. ***B'mod partikolari, il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-possibbiltà li tistabbilixxi, permezz ta' atti delegati f'konformità mal-Artikolu 33, li jissupplimentaw dan ir-Regolament, miri aktar granulari għal teknoloġiji u komponenti ewlenin sabiex tiżgura l-ilħuq ta' dawk l-oġġettivi. Il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-Pjattaforma għal Ewropa b'Emissjonijiet Żero Netti biex tiddetermina liema miżuri jew setgħat għandhom japplikaw.***

Artikolu 2

Kamp ta' applikazzjoni

Bl-eċċezzjoni tal-Artikoli 26 u 27 ta' dan ir-Regolament, li japplikaw għal teknoloġiji innovattivi b'emissjonijiet żero netti, dan ir-Regolament japplika għal teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti, kif elenkati fl-Artikolu 3a(1), kif ukoll għall-komponenti, għall-materjali u għall-makkinarju tul il-ktajjen tal-provvista ta' dawk it-teknoloġiji li huma indispensabbli għall-produzzjoni u l-funzjonament tagħhom. Il-materja prima, il-materjali pproċessati ***u l-komponenti*** li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) .../... [żid nota f'qiegħ il-paġna b'referenzi tal-pubblikazzjoni tar-Regolament dwar il-Materja Prima Kritika] ***u fil-qafas tal-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2033/1781*** għandhom jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Definizzjonijiet

1. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:
- (a) “teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti” tfisser ***it-teknoloġiji elenkati fl-Artikolu 3a(1)***;
 - (b) “komponent” tfisser ***element manifatturat ta' prodott finali ta' teknoloġija b'emissjonijiet żero netti***;

- (ba) *“materjali” tfisser kwalunkwe materja prima jew ipproċessata meħtieġa għall-produzzjoni ta’ komponent ta’ teknoloġija b’emissjonijiet żero netti jew tal-prodott finali;*
- (c) *“teknoloġiji innovattivi b’emissjonijiet żero netti” tfisser teknoloġiji li jinkludu innovazzjoni ġenwina, li bħalissa mhumiex disponibbli fis-suq intern u li jtejbu t-teknoloġija dominanti komparabbli b’emissjonijiet żero netti b’mill-inqas mod wieħed kif ukoll kwalunkwe teknoloġija inkluża fil-Pjan Strateġiku għat-Teknoloġija tal-Enerġija msemmi fl-Artikolu 26d;*
- (ca) *“teknoloġiji innovattivi oħra” tfisser teknoloġiji bil-potenzjal li jiffaċilitaw it-tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali għall-klima u ekoloġika li jnaqqsu d-dipendenzi strateġiċi, li jinkludu innovazzjoni ġenwina li bħalissa ma hijiex disponibbli fis-suq intern u li huma avanzati biżżejjed biex jiġu ttestjati f’ambjent ikkontrollat.*
- (cb) *“teknoloġiji innovattivi prekummerċjali b’emissjonijiet żero netti” tfisser teknoloġiji innovattivi b’emissjonijiet żero netti li ma humiex kummerċjalment disponibbli iżda li huma avanzati biżżejjed biex jiġu ttestjati f’ambjent ikkontrollat.*
- (cc) *“teknoloġiji kummerċjali ġodda b’emissjonijiet żero netti” tfisser teknoloġiji b’emissjonijiet żero netti li għadhom ma humiex disponibbli fuq bażi kummerċjali ta’ skala kbira, li għandhom sehem baxx mis-suq, li jtejbu t-teknoloġiji dominanti komparabbli b’mill-inqas b’mod wieħed u li jgħorru grad ċar ta’ riskju meta jiġu inklużi f’akkwist;*
- (cd) *“akkwist prekummerċjali” tfisser l-akkwist ta’ teknoloġiji innovattivi prekummerċjali b’emissjonijiet żero netti li jinvolvi l-kondiviżjoni tar-riskji u l-benefiċċji skont il-kundizzjonijiet tas-suq, u l-iżvilupp kompetittiv f’fażijiet, fejn ikun hemm separazzjoni ċara bejn l-attivitajiet ta’ żvilupp tal-prodotti akkwistati u l-użu ta’ volumi kummerċjali tal-prodotti finali;*
- (ce) *“akkwist pubbliku ta’ soluzzjonijiet innovattivi” tfisser akkwist li għalih l-awtoritajiet kontraenti jaġixxu bħala klijenti ta’ tnedija għal teknoloġiji innovattivi kummerċjali b’emissjonijiet żero netti, li jistgħu jinkludu l-ittestjar tal-konformità;*

- (d) “proġett ta’ manifattura tat-teknoloġiji b’emissjonijiet żero netti” tfisser faċilità industrijali ppjanata jew estensjoni jew adattament mill-ġdid ta’ faċilità eżistenti **għall-manifattura ta’** teknoloġiji b’emissjonijiet żero netti, **prodotti finali jew komponenti, materjali jew makkinarju tul il-ktajjen tal-provvista ta’ dawk it-teknoloġiji li huma indispensabbli għall-produzzjoni u l-funzjonament tagħhom**;
- (e) “proġett strateġiku b’emissjonijiet żero netti” tfisser proġett ta’ manifattura tat-teknoloġiji b’emissjonijiet żero netti li **jiġi magħżul f’konformità** mal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 10;
- (ea) **“wied tal-industrija b’emissjonijiet żero netti” jew “Wied”** tfisser **żona speċifika ta’ art li ġiet iddeżinjata minn Stat Membru għall-fini tal-promozzjoni tal-kostruzzjoni jew l-espansjoni ta’ faċilitajiet ta’ manifattura tal-katina tal-provvista tal-industriji b’emissjonijiet żero netti**;
- (f) “proċess għall-ħruġ tal-permessi” tfisser proċess li jkopri l-permessi amministrattivi rilevanti kollha għall-ippjanar, il-bini, l-espansjoni u t-tħaddim ta’ proġetti ta’ manifattura tat-teknoloġiji b’emissjonijiet żero netti, **bħal proġetti strateġiċi b’emissjonijiet żero netti**, inklużi permessi għall-bini, għall-kimika u għall-konnessjoni mal-grilja u valutazzjonijiet u awtorizzazzjonijiet ambjentali fejn dawn ikunu meħtieġa, u jinkludi l-applikazzjonijiet u l-proċeduri amministrattivi kollha **minn meta tasal l-applikazzjoni għand l-awtorità ddeżinjata sa meta tiġi nnotifikata d-deċiżjoni** komprensiva dwar l-eżitu tal-proċedura mill-awtorità nazzjonali kompetenti responsabbli, **jew, fejn rilevanti, operatur tal-grilja responsabbli**;
- (g) “deċiżjoni komprensiva” tfisser id-deċiżjoni jew is-sett ta’ deċiżjonijiet meħuda mill-awtoritajiet tal-Istati Membri li ma jinkludux qradi jew tribunali li jiddeterminaw jekk promotur ta’ proġett huwiex awtorizzat biex jimplementa proġett ta’ manifattura tat-teknoloġiji b’emissjonijiet żero netti, mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe deċiżjoni meħuda fil-kuntest ta’ proċedura ta’ appell amministrattiv;
- (h) “promotur ta’ proġett” tfisser kwalunkwe impriża jew konsorzju ta’ impriżi li jiżviluppaw proġett ta’ manifattura tat-teknoloġiji b’emissjonijiet żero netti jew proġett strateġiku b’emissjonijiet żero netti;

■ (ia) *“ambjent ta’ esperimentazzjoni regolatorja għal teknoloġiji b’emissjonijiet żero netti” tfisser skema li tippermetti lill-impriżi jittestjaw teknoloġiji innovattivi b’emissjonijiet żero netti u teknoloġiji innovattivi oħra f’ambjent reali kkontrollat, skont pjan speċifiku, żviluppat u mmonitorjat minn awtorità kompetenti.*

■ (k) “awtorità kkonċernata” tfisser awtorità li, skont il-liġi nazzjonali, tkun kompetenti sabiex toħroġ permessi u awtorizzazzjonijiet relatati mal-ippjanar, mad-disinn u mal-kostruzzjoni ta’ assi immobbli, li jinkludu l-infrastruttura tal-enerġija;

(l) “proċedura ta’ akkwist pubbliku” tfisser kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:

(i) kwalunkwe tip ta’ proċedura ta’ akkwist koperta mid-Direttiva 2014/24/UE għall-konklużjoni ta’ kuntratt pubbliku jew mid-Direttiva 2014/25/UE għall-konklużjoni ta’ kuntratt ta’ provvista, xogħlijiet u servizz;

(ii) proċedura għall-għoti ta’ xogħlijiet jew ta’ konċessjoni ta’ servizz koperta mid-Direttiva 2014/23/UE;

(m) “awtorità kontraenti” fil-kuntest ta’ proċeduri ta’ akkwist pubbliku, tfisser awtorità kontraenti kif definita fl-Artikolu 6 tad-Direttiva 2014/23/UE, l-Artikolu 2(1)(1) tad-Direttiva 2014/24/UE u l-Artikolu 3 tad-Direttiva 2014/25/UE;

(n) “entità kontraenti” fil-kuntest ta’ proċeduri ta’ akkwist pubbliku, tfisser entità kontraenti kif definita fl-Artikolu 7 tad-Direttiva 2014/23/UE u fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2014/25/UE;

(o) “kuntratt”, fil-kuntest ta’ proċeduri ta’ akkwist pubbliku, tfisser kuntratt pubbliku kif definit fl-Artikolu 2(1), il-punt (5), tad-Direttiva 2014/24/UE, “kuntratti” kif definiti f’“kuntratti ta’ provvista, xogħlijiet u servizzi” kif definiti fl-Artikolu 2, il-punt 1, tad-Direttiva 2014/25/UE, u “konċessjonijiet” kif definiti fl-Artikolu 5, il-punt (1), tad-Direttiva 2014/23/UE;

- (p) “irkant” tfisser mekkaniżmu għal proċeduri kompetittivi ta’ sejħiet għal offerti, li ma jaqax taħt id-definizzjoni ta’ “konċessjonijiet” skont l-Artikolu 5, il-punt (1), tad-Direttiva 2014/23/UE;
- (q) “kapaċità tal-injezzjoni tas-CO₂” tfisser l-ammont annwali ta’ CO₂ li jista’ jiġi injettat f’sit ta’ ħżin ġeoloġiku operazzjonali, permess skont id-Direttiva 2009/31/KE, ***inklużi l-akwiferi tal-ilma mielaħ, furnut bil-mezz biex is-CO₂ jinqabad u jiġi ttrasportat lejn is-sit, u*** bil-għan li jitnaqqsu l-emissjonijiet jew jiżdiedu l-assorbimenti tal-karbonju, b’mod partikolari minn installazzjonijiet industrijali fuq skala kbira u li jitkejjel f’tunnellati fis-sena;
- (qa) “Networks tat-trasport tas-CO₂” tfisser infrastruttura multimodali tat-trasport tas-CO₂, inkluż in-network ta’ pipelines, inklużi l-istazzjonijiet booster assoċjati, għat-trasport tas-CO₂ lejn is-sit tal-ħżin;***
- (r) “integrazzjoni tas-sistema tal-enerġija” tfisser soluzzjonijiet għall-ippjanar u t-tħaddim tas-sistema tal-enerġija kollha kemm hi, fost id-diversi vetturi tal-enerġija, infrastrutturi u setturi tal-konsum, billi jinħolqu rabtiet aktar sodi bejniethom bl-objettiv li jitwasslu servizzi tal-enerġija b’livell baxx tal-karbonju, affidabbli, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi, u bl-anqas spiża possibbli għas-soċjetà.
- (s) “kapaċità tal-manifattura” tfisser l-ammont totali tal-kapaċità ta’ produzzjoni tat-teknoloġiji b’emissjonijiet zero netti prodotti fi proġett ta’ manifattura. Jekk il-proġett ta’ manifattura ma jipproduċix prodotti finali iżda komponenti speċifiċi jew makkinarju speċifiku użat primarjament għall-produzzjoni ta’ tali prodotti, allura l-kapaċità tal-manifattura tirreferi għall-kapaċità tal-output tal-prodott finali li juża tali komponenti jew makkinarju speċifiku li għandu jiġi prodott.

Artikolu 3a

Teknoloġiji b’emissjonijiet zero netti

1. It-teknoloġiji b’emissjonijiet zero netti fil-kamp ta’ applikazzjoni ta’ dan ir-Regolament għandhom ikunu:

- (a) *teknoloġiji użati għall-produzzjoni tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli kif definit fid-Direttiva (UE) 2018/2001;*
- (b) *teknoloġiji tal-enerġija tal-fissjoni u l-fużjoni nukleari, inklużi t-teknoloġiji taċ-ċiklu tal-fjuwil nukleari;*
- (c) *teknoloġiji tal-ħżin tal-enerġija;*
- (d) *teknoloġiji tat-tneħħija, tal-qbid, tat-trasport, tal-injezzjoni (EPP), tal-ħżin u tal-użu tad-diossidu tal-karbonju (CO₂), tal-metan (CH₄), u tal-ossidu nitruż (N₂O),*
- (e) *teknoloġiji tal-infrastruttura tat-trasport tal-idroġenu (H₂);*
- (f) *teknoloġiji tal-elettrolizzaturi u ċelloli tal-fjuwil;*
- (g) *fjuwils elettriċi, tal-idroġenu (H₂), fjuwils alternattivi sostenibbli kif definit fir-Regolament (UE).../... (il-ĠU għandu jinkludi referenza għall-fjuwils marittimi sostenibbli | ir-Regolament 2021/0210 (COD)), u teknoloġiji ta' propulsjoni mir-riħ għat-trasport;*
- (h) *teknoloġiji tal-iċċarġjar elettriku għat-trasport;*
- (i) *idroġenu (H₂), fjuwils alternattivi sostenibbli kif definiti fir-Regolament (UE).../... (il-ĠU għandu jinkludi referenza għal... [Refuel Aviation 2021/0205 (COD)]), teknoloġiji tal-infrastruttura tal-produzzjoni tal-bijometan (CH₄) u tar-riforniment tal-fjuwil;*
- (j) *teknoloġiji tal-pompi tas-sħana;*
- (k) *teknoloġiji tal-effiċjenza enerġetika;*
- (l) *distribuzzjoni tal-enerġija termali u teknoloġiji tal-grilja elettrika;*
- (m) *teknoloġiji tal-ġestjoni tal-enerġija;*
- (n) *teknoloġiji ta' proċessi industrijali u ta' elettrifikazzjoni b'effiċjenza għolja għall-industriji intensivi fl-enerġija u fil-karbonju;*
- (o) *teknoloġiji ta' produzzjoni ta' biomaterjali, inklużi teknoloġiji ta' produzzjoni kimika b'bażi bijoloġika;*
- (p) *teknoloġiji ta' riċiklaġġ*

2. *Fi żmien sitt xhur mill-iskadenza għan-notifika ta' kull pjan nazzjonali għall-enerġija u l-klima skont l-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) 2018/1999 u fi żmien sitt xhur mill-iskadenza għas-sottomissjoni ta' kull aġġornament tal-pjanijiet nazzjonali aġġornati għall-enerġija u l-klima skont l-Artikolu 14(2) ta' dak ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-lista ta' teknoloġiji*

b'emissjonijiet żero netti stabbilita fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u tista' tippromponi atti delegati, f'konformità mal-Artikolu 33 ta' dan ir-Regolament, li jemendaw dik il-lista sabiex jiġi żgurat li din tirrifletti l-ħtiġijiet tat-teknoloġija li jirriżultaw mill-pjanijiet nazzjonali għall-enerġija u l-klima tal-Istati Membri.

Kapitolu II.

Kundizzjonijiet abilitanti għall-manifattura tat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti

TAQSIMA I.

IS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-PROĊESSI AMMINISTRATTIVI U GĦALL-GĦOTI TA' PERMESSI

Artikolu 4

Punt Uniku ta' Servizz

1. Sa ... [3 xhur *mid-data* tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], l-Istati Membri għandhom jiddeżinjaw jew *jistabilixxu* awtorità kompetenti unika (*awtorità deżinjata*). L-awtorità *deżinjata* għandha tkun responsabbli għall-iffaċilitar u l-koordinazzjoni tal-proċess għall-għoti ta' permessi għal proġetti ta' manifattura tat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti u *biex* tipprovdi pariri dwar it-tnaqqis tal-piż amministrattiv f'konformità mal-Artikolu 5.
2. L-awtorità *deżinjata* għandha tkun l-uniku punt ta' kuntatt għall-promotur ta' proġett fil-proċess għall-għoti ta' permessi li jwassal għal deċiżjoni komprensiva għal proġett partikolari u għandha tikkoordina s-sottomissjoni tad-dokumenti u tal-informazzjoni rilevanti kollha.
3. Ir-responsabbiltajiet tal-awtorità *deżinjata* msemmija fil-paragrafu 1 jew il-kompiti relatati magħha jistgħu jiġu delegati lil awtorità oħra jew imwettqa minnha għal kwalunkwe proġett partikolari, dment li:
 - (a) l-awtorità *deżinjata* tinnotifika lill-promotur ta' proġett b'dik id-delega;

- (b) awtorità unika tkun responsabbli għal kull wieħed mill-proġetti;
 - (c) awtorità unika tikkoordina s-sottomissjoni tad-dokumenti u l-informazzjoni rilevanti kollha.
4. Il-promoturi ta' proġetti għandhom jitħallew jissottomettu kwalunkwe dokument rilevanti għall-proċess għall-għoti ta' permessi f'forma elettronika.
 5. L-awtorità **deżinjata** għandha tqis kwalunkwe studju validu mwettaq, u l-permessi jew l-awtorizzazzjonijiet maħruġa, għal proġett partikolari qabel ma l-proġett ikun daħal fil-proċess għall-għoti ta' permessi f'konformità ma' dan l-Artikolu u ma għandhiex teħtieġ studji u permessi jew awtorizzazzjonijiet duplikati, sakemm ma jkunx meħtieġ mod ieħor skont id-dritt tal-Unjoni.
 6. L-awtorità **deżinjata** għandha tiżgura li l-applikanti jkollhom aċċess faċli għal informazzjoni dwar u proċeduri sempliċi għas-soluzzjoni tat-tilwim rigward il-proċessi għall-għoti ta' permessi u tal-ħruġ ta' permessi biex jinbnew jew jiġu estiżi l-proġetti, inkluż, fejn applikabbli, mekkaniżmi alternattivi ta' riżoluzzjoni tat-tilwim.
 7. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li **l-awtoritajiet** nazzjonali **kkonċernati u awtoritajiet kompetenti oħra** responsabbli **għal kwalunkwe pass tul il-proċessi** għall-għoti ta' permessi, inklużi l-passi proċedurali kollha, **ikollhom** għadd suffiċjenti ta' persunal kwalifikat u riżorsi finanzjarji, tekniċi u teknoloġiċi suffiċjenti meħtieġa, inkluż għat-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tal-ħiliet, għat-twettiq effettiv tal-kompiti tagħha skont dan ir-Regolament.
 8. Il-Pjattaforma msemmija fl-Artikoli 28 u 29 għandha tiddiskuti perjodikament l-implimentazzjoni ta' din it-Taqsima u l-Artikoli 12 u 13 u taqsam l-aħjar prattiki għall-organizzazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti nazzjonali u għat-tħaffif tal-proċeduri għall-għoti ta' permessi.

8a. L-Istati Membri għandhom iqisu li jżidu l-appoġġ dirett lill-awtorità deżinjata skont pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi appoġġ tekniku lill-awtoritajiet deżinjata u lill-Istati Membri biex iwettqu l-proċess għall-għoti ta' permessi.

8b. L-awtorità deżinjata għandha tispeċifika u tagħmel disponibbli r-rekwiżiti dettaljati u l-firxa ta' informazzjoni mitluba minn promotur ta' proġett qabel ma jibda l-proċess għall-għoti ta' permessi.

Artikolu 5

Aċċessibilità tal-informazzjoni online

L-Istati Membri għandhom jipprovdu l-informazzjoni li ġejja dwar il-proċessi amministrattivi rilevanti għal proġetti ta' manifattura tat-teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti, inklużi proġetti strateġiċi b'emissjonijiet zero netti, online u b'mod ċentralizzat u faċilment aċċessibbli:

- (a) il-proċess għall-għoti ta' permessi;
- (b) is-servizzi ta' finanzjament u investiment;
- (c) il-possibilitajiet ta' finanzjament fil-livell tal-Unjoni **u** tal-Istati Membri;
- (d) is-servizzi ta' appoġġ għan-negozju, inklużi iżda mhux limitati għad-dikjarazzjoni tat-taxxa korporattiva, il-liġijiet tat-taxxa lokali, il-liġi tax-xogħol.

Artikolu 5a

Aċċellerazzjoni tal-implimentazzjoni

1. *L-Istati Membri u, fejn xieraq, il-Kummissjoni għandhom iwettqu attivitajiet biex jaċċelleraw u jattiraw l-investimenti pubbliċi u privati fi proġetti ta' manifattura tat-teknoloġija b'emissjonijiet zero netti. Tali attivitajiet jistgħu, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 107 u l-Artikolu 108 tat-TFUE, jinkludu l-għoti u l-koordinazzjoni ta' appoġġ għal proġetti ta' manifattura tat-teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti li jiffaċċjaw diffikultajiet fl-aċċess għall-finanzjament. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-appoġġ jingħata lill-promotur tal-proġett fi żmien sitt xhur mis-sottomissjoni tat-talba tal-proġett ta' manifattura tat-teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti.*
2. *L-Istati Membri għandhom jipprovdu appoġġ amministrattiv u operazzjonali għal proġetti ta' manifattura tat-teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti li jinsabu fit-territorju tagħhom biex jiffaċilitaw l-implimentazzjoni rapida u effettiva tagħhom, lill-SMEs involuti fil-proġetti, inkluż billi jipprovdu:*
 - (a) *assistenza biex tiġi żgurata l-konformità mal-obbligi amministrattivi u ta' rapportar applikabbli;*
 - (b) *assistenza lill-promoturi ta' proġetti biex ikomplu jżidu l-aċċettazzjoni*

pubblika tal-proġett.

(c) assistenza lill-promoturi ta' proġetti tul il-proċess għall-għoti ta' permessi, b'mod partikolari għall-SMEs.

Minbarra l-appoġġ mogħti mill-Istati Membri, il-Kummissjoni għandha tagħti assistenza lill-proġetti strateġiċi b'emissjonijiet żero netti kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu.

Sabiex jagħmlu dan, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-korpi amministrattivi rilevanti jkollhom riżorsi u persunal adegwati biex jirrispondu fil-limiti ta' żmien applikabbli għal talbiet futuri.

3. Sal-31 ta' Diċembru 2024, il-Kummissjoni għandha ttipponi lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill mezz ta' koordinazzjoni tad-diversi sorsi ta' finanzjament pubbliku għal proġetti ta' manifattura tat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti mill-Unjoni u mill-Istati Membri bl-objettiv li l-implimentazzjoni tagħhom tiġi aċċellerata.

Artikolu 6

Tul ta' żmien tal-proċess għall-għoti ta' permessi

1. Il-proċess għall-għoti ta' permessi għal proġetti ta' manifattura tat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti ma għandu jaqbeż l-ebda wieħed mil-limiti ta' żmien li ġejjin:
 - (a) **9 xhur** għall-kostruzzjoni ta' proġetti ta' manifattura tat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti b'kapaċità tal-manifattura annwali ta' anqas minn 1 GW;
 - (b) **12-il** xahar għall-kostruzzjoni ta' proġetti ta' manifattura tat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti, b'kapaċità tal-manifattura annwali ta' aktar minn 1 GW.
2. Għal proġetti ta' manifattura tat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti li għalihom ma titkejjilx kapaċità annwali ta' manifattura f'GW, il-proċess għall-għoti ta' permessi ma għandux jaqbeż limitu ta' żmien ta' **12-il** xahar.
3. Għall-espansjoni tal-kapaċità tal-manifattura fil-faċilitajiet tal-manifattura eżistenti, il-limiti ta' żmien imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandhom jitnaqqsu bin-nofs.

4. F'każijiet eċċezzjonali, fejn in-natura, il-kumplessità, il-post jew id-daqs tal-proġett propost ikunu jeħtieġu dan, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jestendu l-limiti ta' żmien imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 b'massimu ta' xahar qabel l-iskadenza tagħhom u fuq bażi ta' każ b'każ.

Meta l-awtoritajiet kompetenti jqisu li l-proġett propost iqajjem riskji eċċezzjonali għas-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema jew tal-popolazzjoni ġenerali, u fejn ikun meħtieġ żmien addizzjonali biex jiġi stabbilit li jiġu stabbiliti salvagwardji adegwati, dawn jistgħu jestendu dawk il-limiti ta' żmien b'6 xhur oħra, qabel l-iskadenza tagħhom u fuq bażi ta' każ b'każ.

5. Fi kwalunkwe każ bħal dan, l-awtorità **deżinjata** għandha tinforma lill-promotur ta' proġett bir-raġunijiet għall-estensjoni u bid-data meta d-deċiżjoni komprensiva tkun mistennija bil-miktub.
6. Mhux aktar tard minn xahar wara li jirċievu l-applikazzjoni għall-ġhoti ta' permessi, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalidaw l-applikazzjoni jew, jekk il-promotur ta' proġett ma jkunx baġhat l-informazzjoni kollha meħtieġa għall-ipproċessar ta' applikazzjoni, jitolbu lill-promotur ta' proġett jissottometti applikazzjoni kompluta fi żmien 14-il jum minn dik it-talba. Id-data tar-rikonoxximent **tal-wasla inizjali** tal-applikazzjoni mill-awtorità **deżinjata** għandha sservi bħala l-bidu tal-proċess għall-ġhoti ta' permessi.
7. Mhux aktar tard minn xahar wara d-data tar-rikonoxximent tal-validità tal-applikazzjoni, l-awtorità **deżinjata** għandha tfassal, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-promotur ta' proġett u ma' awtoritajiet oħra kkonċernati, skeda dettaljata għall-proċess għall-ġhoti ta' permessi. L-iskeda għandha tiġi ppubblikata mill-awtorità **deżinjata** fuq sit web ta' aċċess liberu.
8. Il-limiti taż-żmien stabbiliti f'dan l-Artikolu għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-obbligi li jirriżultaw mid-dritt internazzjonali u tal-Unjoni, u mingħajr preġudizzju għall-proċeduri amministrattivi ta' appell u għar-rimedji ġudizzjarji quddiem qorti jew tribunal.
9. Il-limiti taż-żmien stabbiliti f'dan l-Artikolu għal kwalunkwe waħda mill-proċeduri għall-ġhoti ta' permessi għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe limitu taż-żmien iqsar stabbilit mill-Istati Membri.

- 9a. *L-awtorità deżinjata għandha tiżgura li n-nuqqas ta' tveġiba tal-korpi amministrattivi rilevanti fil-limiti ta' żmien applikabbli msemmija f'dan l-Artikolu jirriżulta fil-passi intermedjarji speċifiċi li għandhom jitqiesu bħala approvati, ħliet meta l-prinċipju ta' approvazzjoni taċita amministrattiva ma jkunx jeżisti fl-ordni ġuridiku nazzjonali. Dan il-paragrafu għandu japplika wkoll għad-deċiżjonijiet finali dwar l-eżitu tal-proċess. Meta tiġi adottata deċiżjoni finali dwar l-eżitu tal-proċess fuq il-bażi ta' approvazzjoni taċita, għandu jintbagħat avviż espliċitu lill-promotur tal-proġett fi żmien ġimgħa wara li l-approvazzjoni taċita tkun daħlet fis-seħħ. Id-deċiżjonijiet kollha, inkluż avviż ta' approvazzjoni taċita, għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku.*
- 9b. *F'konformità ma' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni Ewropea għandha tadotta linji gwida biex tistabbilixxi sett minimu ta' rekwiżi għall-għoti ta' permessi li l-Istati Membri għandhom jirrispettaw fir-rigward ta' proġetti ta' manifattura tat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti, b'mod partikolari biex tissimplifika x-xogħol preparatorju għall-promoturi li jissottomettu proġetti ta' manifattura, filwaqt li tiffaċilita l-istruzzjoni ta' talbiet mill-amministraturi.*

Artikolu 7

Valutazzjonijiet u awtorizzazzjonijiet ambjentali

1. Meta trid titwettaq valutazzjoni tal-impatt ambjentali f'konformità mal-Artikoli 5 sa 9 tad-Direttiva 2011/92/UE, il-promotur ta' proġett ikkonċernat għandu jitlob opinjoni lill-awtorità kompetenti msemmija fl-Artikolu 4 dwar il-kamp ta' applikazzjoni u l-livell ta' dettall tal-informazzjoni li għandha tiġi inkluża fir-rapport dwar il-valutazzjoni tal-impatt ambjentali skont l-Artikolu 5(1) ta' dik id-Direttiva. L-awtorità nazzjonali kompetenti għandha tiżgura li l-opinjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu tinħareġ mill-aktar fis possibbli u f'perjodu ta' żmien li ma jaqbiżx ***l-20*** jum ***mingħajr eċċezzjoni*** mid-data li fiha l-promotur ta' proġett ikun issottometta t-talba tiegħu, ***dment li din it-talba tinkludi d-dokumentazzjoni kollha meħtieġa. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jipprovdu lista ta' dokumentazzjoni meħtieġa lill-promotur tal-proġett fil-bidu tat-talba tagħhom, għandhom jagħmlu sforz biex jissimplifikaw il-proċess u jiggwidaw lill-promotur tal-proġett tul il-proċess.***

2. Meta l-obbligu li jiġu vvalutati l-effetti fuq l-ambjent jirriżulta fl-istess ħin mid-Direttiva 2011/92/UE, mid-Direttiva 92/43/KEE, mid-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, mid-Direttiva 2000/60/KE, mid-Direttiva 2001/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹, mid-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill², mid-Direttiva 2010/75/UE jew mid-Direttiva 2012/18/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³, l-awtorità nazzjonali kompetenti għandha tipprevedi proċeduri kkoordinati jew konġunti li jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' dik il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni.

Skont il-proċedura koordinata msemmija fl-ewwel subparagrafu, l-awtorità nazzjonali kompetenti għandha tikkordina d-diversi valutazzjonijiet individwali tal-impatt ambjentali ta' proġett partikolari meħtieġ mil-leġiżlazzjoni applikabbli tal-Unjoni.

Skont il-proċedura konġunta msemmija fl-ewwel subparagrafu, l-awtorità nazzjonali kompetenti għandha tipprevedi valutazzjoni unika tal-impatt ambjentali ta' proġett partikolari meħtieġ mil-leġiżlazzjoni applikabbli tal-Unjoni.

L-applikazzjoni tal-proċedura konġunta jew koordinata ma għandhiex taffettwa l-kontenut tal-valutazzjoni tal-impatt ambjentali.

3. L-awtorità nazzjonali kompetenti għandha tiżgura li l-awtoritajiet ikkonċernati joħorġu konklużjoni motivata kif imsemmi fil-Artikolu 1(2)(g)(iv) tad-Direttiva 2011/92/UE dwar il-valutazzjoni tal-impatt ambjentali fi żmien **80 jum** minn meta jirċievu l-informazzjoni kollha meħtieġa miġbura skont l-Artikoli 5, 6 u 7 ta' dik id-Direttiva, ***filwaqt li jivverifikaw il-kwalità tagħha***, u t-tlestija tal-konsultazzjonijiet imsemmija fl-Artikoli 6 u 7 ta' dik id-Direttiva.

3a F'każijiet eċċezzjonali, meta n-natura, il-kumplexità, il-post jew id-daqs tal-proġett propost ikunu jirrikjedu dan, l-awtorità nazzjonali kompetenti msemmija fl-Artikolu

¹ Id-Direttiva 2001/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2001 dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti pjanijiet u programmi fuq l-ambjent (ĠU L 197, 21.7.2001, p. 30).

² Id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi (ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3).

³ Id-Direttiva 2012/18/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar il-kontroll ta' perikli ta' inċidenti kbar li jinvolvu sustanzi u taħlitiet perikolużi li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 96/82/KE (ĠU L 197, 24.7.2012, p. 1).

8(1) tista' testendi l-limiti ta' żmien imsemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu b'massimu ta' 30 jum, qabel l-iskadenza tagħhom u fuq bażi ta' każ b'każ. F'dak il-każ, l-awtorità nazzjonali kompetenti msemmija fl-Artikolu 8(1) għandha tinforma bil-miktub lill-promotur tal-proġett dwar ir-raġunijiet li jiġġustifikaw l-estensjoni u d-data meta tkun mistennija l-konklużjoni motivata.

4. Il-perjodi ta' żmien għall-konsultazzjoni mal-pubbliku kkonċernat dwar ir-rapport ambjentali msemmi fl-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2011/92/UE ma għandhomx ikunu itwal minn 80 jum *u mhux anqas minn 40 jum*. F'każijiet li jaqgħu taħt it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 6(4), dan il-perjodu *jista' jiġi estiż sa massimu ta' 90 jum fuq bażi ta' każ b'każ. F'dak il-każ, l-awtorità nazzjonali kompetenti għandha tinforma lill-promotur tal-proġett dwar ir-raġunijiet li jiġġustifikaw l-estensjoni. Il-konsultazzjoni pubblika għandha tibda hekk kif il-fajl sottomess mill-promotur ta' proġett jitqies komplut mill-awtorità amministrattiva kompetenti u jitwettaq b'mod parallel mal-valutazzjoni tat-talba għall-proġett mill-awtorità nazzjonali kompetenti, filwaqt li jikkonforma mar-rekwiżiti dwar il-konsultazzjoni tal-pubbliku kkonċernat stabbiliti fid-Direttiva 2011/92/UE u jagħmel ir-riżultati tal-konsultazzjoni pubblika disponibbli għall-awtorità kompetenti.*
- 4a. *Meta proġett jaffettwa żona deżinjata tan-Natura 2000, il-valutazzjoni ambjentali għandha tkun soġġetta għall-kundizzjonijiet stabbiliti fid-Direttiva 92/43/KEE.*
- 4b. *L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tagħhom u awtoritajiet oħra skont l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2011/92/UE jkunu mgħammra kif xieraq biex jissodisfaw l-obbligi tagħha skont dan l-Artikolu.*

Artikolu 8

Ippjanar

1. Meta jkunu qed iħejju l-pjanijiet, inklużi t-tqassim f'żoni, il-pjanijiet spazjali u l-pjanijiet għall-użu tal-art, l-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali għandhom, fejn xieraq, jinkludu f'dawk il-pjanijiet dispożizzjonijiet għall-iżvilupp ta' proġetti ta' manifattura tat-teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti, inklużi proġetti strateġiċi b'emissjonijiet zero netti, *kif ukoll il-widien tal-infrastruttura meħtieġa u l-industriji b'emissjonijiet zero netti*. Għandha tingħata prijorità lill-uċuħ artifiċjali u mibnija, lis-

siti industrijali, lis-siti abbandunati, u, fejn xieraq, siti f'żoni ħodor li ma jistgħux jintużaw għall-agrikoltura u għall-forestrija. ***Sabiex jiġi ffaċilitat l-iżvilupp ta' proġetti ta' manifattura tat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-data rilevanti kollha dwar l-ippjanar spazjali tkun disponibbli online f'konformità mal-Artikolu 5.***

2. Meta l-pjanijiet jinkludu dispożizzjonijiet għall-iżvilupp ta' proġetti ta' manifattura tat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti, inklużi proġetti strateġiċi b'emissjonijiet żero netti, ***u l-infrastruttura meħtieġa tagħhom***, ikunu soġġetti għal valutazzjoni skont id-Direttiva 2001/42/KE u skont l-Artikolu 6 tad-Direttiva 92/43/KEE, dawk il-valutazzjonijiet għandhom jiġu kkombinati. Fejn rilevanti, dik il-valutazzjoni kkombinata għandha tindirizza wkoll l-impatt fuq il-korpi tal-ilma potenzjalment affettwati u tivverifika jekk ***il-proġetti speċifiċi skont il-pjan jistgħux potenzjalment jipprevjenu*** korp tal-ilma milli jikseb status tajjeb jew potenzjalment tajjeb jew jikkawża deterjorament tal-istatus jew tal-potenzjal imsemmi fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2000/60/KE jew potenzjalment ifixkel lil dak il-korp tal-ilma milli jikseb status tajjeb jew potenzjalment tajjeb. Meta l-Istati Membri rilevanti jkunu meħtieġa jivvalutaw l-impatti tal-attivitajiet eżistenti u futuri fuq l-ambjent tal-baħar, inklużi l-interazzjonijiet bejn l-art u l-baħar, kif imsemmi fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2014/89/UE, dawn l-impatti għandhom ikunu koperti wkoll mill-valutazzjoni kkombinata. ***Il-fatt li l-valutazzjonijiet jiġu kkombinati skont dan il-paragrafu ma għandux jaffettwa l-kontenut jew il-kwalità tagħhom. Il-valutazzjonijiet ikkombinati għandhomx jitmexxew b'tali mod li ma jwasslux għal estensjoni tal-limiti ta' żmien stabbiliti f'dan ir-Regolament.***

Artikolu 9

Applikabbiltà tal-Konvenzjonijiet tal-UNECE

1. Id-dispożizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament huma mingħajr preġudizzju għall-obbligi skont ***il-Konvenzjoni*** tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (UNECE) dwar l-Aċċess għall-Infurmazzjoni, il-Parteċipazzjoni tal-Pubbliku fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali, iffirmata f'Aarhus fil-25 ta' Ġunju 1998, u skont il-Konvenzjoni tal-UNECE dwar il-valutazzjoni tal-impatt ambjentali f'kuntest transkonfinali, iffirmata f'Espoo fil-25 ta' Frar 1991.

2. Id-deċiżjonijiet kollha adottati skont din it-Taqsima u l-Artikoli 12, 13, 14 u 21 għandhom ikunu disponibbli *għall-pubbliku b'mod li jinftehem faċilment, u d-deċiżjonijiet kollha li jikkonċernaw proġett wieħed għandhom ikunu jistgħu jinkisbu minn sors uniku.*

TAQSIMA II

PROĠETTI STRATEĠIĊI B'EMISSJONIJIET ŻERO NETTI

Artikolu 10

Kriterji tal-għażla

1. L-Istati Membri għandhom jirrikonoxxu bħala proġetti strateġiċi b'emissjonijiet żero netti proġetti ta' manifattura tat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti *li jqisu l-miri klimatiċi u enerġetiċi tal-Unjoni*, li jinsabu fl-Unjoni *u li jikkontribwixxu* għat-twettiq tal-oġġettivi stabbiliti fl-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament u li jissodisfaw tal-anqas wieħed mill-kriterji li ġejjin:
- (a) il-proġett **█** jikkontribwixxi għar-reżiljenza teknoloġika u industrijali tal-Unjoni billi:
- (i) *iżid il-kapaċità tal-manifattura fl-Unjoni għal teknoloġija b'emissjonijiet żero netti jew għal komponenti speċifiċi u makkinarju speċifiku użat primarjament għall-produzzjoni ta' dawk it-teknoloġiji, li għalihom l-Unjoni tiddependi għal aktar minn 50 % fuq l-importazzjonijiet li ġejjin minn pajjiż terz uniku; jew*
- (ii) *iżid il-kapaċità tal-manifattura jew l-aġġornament tal-kapaċità tal-manifattura eżistenti fl-Unjoni għal teknoloġija b'emissjonijiet żero netti jew għal komponenti speċifiċi u makkinarju speċifiku użat primarjament għall-produzzjoni ta' dawk it-teknoloġiji, li minnhom l-Unjoni tesporta aktar minn 25 % tal-output tal-produzzjoni tagħha;*
- (b) il-proġett *jikkontribwixxi għall-kompetittività fl-Unjoni u fis-swieq globali u għall-ħolqien ta' impjegi ta' kwalità billi jipprovdi innovazzjoni fir-rigward tal-proċess tal-manifattura ta' teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti, jew ta'*

komponenti jew materjali tul il-katina tal-provvista ta' dawk it-teknoloġiji li għadhom mhumiex preżenti jew impenjati li jinbnew b'mod sostantiv fl-Unjoni jew billi jiżgura l-produzzjoni tal-aħjar teknoloġija disponibbli b'emissjonijiet żero netti, inklużi l-aħjar komponenti jew materjali disponibbli fil-katina tal-provvista tagħhom, kif ukoll billi:

- (i) jikkontribwixxi għall-kompetittività tal-SMEs;*
 - (ii) jistabbilixxi miżuri biex tiġi attirata u tinżamm il-forza tax-xogħol meħtieġa għal teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti, filwaqt li jittejbu l-ħiliet tagħha jew titħarreġ mill-ġdid, inkluż permezz ta' apprendistati, traineeships, edukazzjoni akkademika kontinwa jew postlawrja b'kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet reġjonali u lokali u mas-sħab soċjali, inklużi t-trade unions; jew*
- (c) il-proġett jikkontribwixxi biex jintlaħqu l-oġettivi tal-Unjoni dwar il-klima u l-enerġija billi jikkonforma mal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" kif ukoll billi:*
- (i) jimmanifattura teknoloġija b'emissjonijiet żero netti jew komponenti speċifiċi u makkinarju speċifiku użati primarjament għall-produzzjoni ta' dawk it-teknoloġiji b'karatteristiċi mtejba ta' sostenibbiltà u prestazzjoni ambjentali jew ta' ċirkolarità, inkluża effiċjenza komprensiva b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, tal-enerġija, tal-ilma u tal-materjali;*
 - (ii) jadotta Prattiki tal-manifattura relatati ma' teknoloġija b'emissjonijiet żero netti jew komponenti speċifiċi u makkinarju speċifiku użati primarjament għall-produzzjoni ta' dawk it-teknoloġiji b'karatteristiċi mtejba ta' sostenibbiltà u prestazzjoni ambjentali jew ta' ċirkolarità, inklużi effiċjenza komprensiva b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, tal-effiċjenza tal-enerġija, tal-ilma u tal-materjali u ta' Prattiki ċirkolari, kif ukoll irkupru tas-sħana mormija; jew*
 - (iii) iżid kapaċità sinifikanti ta' manifattura li tagħti kontribut sostantiv għall-oġettivi klimatiċi tal-Unjoni għall-2030.*

1a. Sa ... [3 xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni f'konformità mal-proċedura ta' eżami

msemmija fl-Artikolu 34(3) li jistabbilixxi linji gwida li jiżguraw kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tal-kriterji elenkati f'dan l-Artikolu. Dawk il-linji gwida għandhom tal-anqas jinkludu gwida speċifika dwar il-kriterji li għandhom jintużaw għall-valutazzjoni ta':

- (a) jekk komponent jew makkinarju jintużax primarjament għall-produzzjoni ta' teknoloġija b'emissjonijiet żero netti;*
- (b) jekk il-kapaċità tal-manifattura miżjuda tikkonċernax il-kapaċità tal-manifattura tat-teknoloġija li tkun l-ewwel tat-tip tagħha jew l-aħjar waħda disponibbli;*
- (c) jekk il-kapaċità ta' manifattura addizzjonali tistax titqies bħala sinifikanti.*

2. L-Istati Membri għandhom jirrikonoxxu *dawn li ġejjin* bħala proġetti strateġiċi b'emissjonijiet zero netti ■ tas-CO₂

(a) il-proġetti ta' qbid tas-CO₂ u l-proġetti ta' infrastruttura tas-CO₂ meħtieġa għat-trasport ta' CO₂ maqbud lejn siti tal-ħżin tas-CO₂ li:

(i) jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 18(6), il-punt (a); u

(ii) ikollhom l-għan li jaqbdus-CO₂ bil-ħsieb li jaħżnuh f'sit tal-ħżin tas-CO₂ kif imsemmi fl-Artikolu 16(1);

(b) il-proġetti tal-ħżin tas-CO₂ li:

(i) huma relatati mas-siti tal-ħżin tas-CO₂ li jinsabu fit-territorju tal-Unjoni, fiż-żoni ekonomiċi esklużivi tagħha jew fuq il-blata kontinentali tagħha skont it-tifsira tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar;

(ii) jikkontribwixxu għall-kisba tal-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 18; u

(iii) applikaw għal permess għall-ħżin ġeoloġiku sikur u permanenti tas-CO₂ f'konformità mad-Direttiva 2009/31/KE.

3. Proġetti ta' manifattura tat-teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti li jikkorrispondu għal teknoloġija elenkata *fl-Artikolu 3a(1)* li tinsab f'“reġjuni anqas żviluppata u ta' tranżizzjoni” u f'Territorji ta' Fondi ta' Tranżizzjoni ġusta u eliġibbli għal finanzjament skont ir-regoli tal-politika ta' koeżjoni, għandhom jiġu rikonoxxuti mill-

Istati Membri bħala proġetti strateġiċi b'emissjonijiet zero netti skont l-Artikolu 11(3) fuq talba tal-promotur ta' proġett mingħajr ma l-promotur ta' proġett ikollu jissottometti applikazzjoni formali skont l-Artikolu 11(2).

4. Proġett ta' manifattura tat-teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti li jinsab fl-Unjoni li jikkontribwixxi għat-twettiq tal-oġġettivi stabbiliti fl-Artikolu 1(1) u li jew jibbenefika mill-Fond għall-Innovazzjoni tal-ETS, jew ikun parti minn Proġetti Importanti ta' Interess Ewropew Komuni, Widien tal-Idroġenu Ewropej, jew tal-Bank tal-Idroġenu, meta l-fondi jappoġġaw l-investment fil-kapaċitajiet tal-manifattura li jikkorrispondu għal teknoloġija elenkata ***fl-Artikolu 3a(1)***, għandhom jiġu rikonoxxuti mill-Istati Membri bħala proġett strateġiku b'emissjonijiet zero netti skont l-Artikolu 11(3) fuq talba tal-promotur ta' proġett mingħajr ma l-promotur ta' proġett ikollu jissottometti applikazzjoni formali skont l-Artikolu 11(2).

Artikolu 11

Applikazzjoni u rikonoxximent

1. L-applikazzjonijiet għar-rikonoxximent ta' proġetti ta' ***manifattura tat-teknoloġiji*** b'emissjonijiet zero netti bħala proġetti strateġiċi b'emissjonijiet zero netti għandhom jiġu ppreżentati mill-promotur ta' proġett lill-Istat Membru rilevanti.
 2. L-applikazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tinkludi dan li ġej:
 - (a) evidenza rilevanti relatata mal-issodisfar tal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 10(1) jew (2);
 - (b) pjan ta' direzzjoni tan-negozju li jevalwa l-vijabbiltà finanzjarja tal-proġett konsistenti mal-oġġettiv li jinħolqu impjegi ta' kwalità.
 3. L-Istati Membri għandhom jivvalutaw l-applikazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 permezz ta' proċess ġust u trasparenti fi żmien xahar. ***Id-Deċiżjoni li tirriżulta minn dan il-proċess għandha tkun motivata u għandha tiġi kkomunikata lill-promotur tal-proġett, lill-Pjattaforma kif ukoll lill-Parlament Ewropew.*** In-nuqqas ta' deċiżjoni mill-Istati Membri f'dak il-perjodu ta' żmien għandu jikkostitwixxi approvazzjoni tal-proġett.
- 3a. Sa ... [6 xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], kull Stat Membru għandu jippubblika lista li tistabbilixxi liema mit-teknoloġiji b'emissjonijiet zero***

netti elenkati fl-Artikolu 3a(1) jistgħu jibbenefikaw mid-dispożizzjonijiet relatati ma' proġetti strateġiċi rikonoxxuti skont dan l-Artikolu fl-Istat Membru rilevanti.

4. Il-Kummissjoni tista' tipprovdi l-opinjoni tagħha dwar il-proġetti approvati. Fil-każ ta' rifjut tal-applikazzjoni minn Stat Membru, l-applikant għandu jkollu d-dritt li jissottometti l-applikazzjoni lill-Kummissjoni, li għandha tivvaluta l-applikazzjoni fi żmien 20 jum tax-xogħol.
5. Meta l-Kummissjoni, wara l-valutazzjoni tagħha f'konformità mal-paragrafu 4, tikkonferma ċ-ċaħda tal-applikazzjoni mill-Istat Membru, din għandha tinnotifika lill-applikant bil-konklużjoni tagħha fil-forma ta' ittra. Meta l-valutazzjoni tal-Kummissjoni tkun differenti minn dik tal-Istat Membru, il-Pjattaforma ■ għandha tiddiskuti l-proġett inkwistjoni ***u tiddeċiedi dwar l-istatus tiegħu.***
6. Meta l-Kummissjoni jew Stat Membru jsib li proġett strateġiku b'emissjonijiet zero netti jkun għadda minn bidliet sostanzjali jew li ma jkunx għadu jissodisfa l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 10 ■, jew meta r-rikonoxximent tiegħu kien ibbażat fuq applikazzjoni li kien fiha informazzjoni żbaljata, dan għandu jinforma lill-promotur ta' proġett ikkonċernat. Wara li jisma' lill-promotur ta' proġett, l-Istat Membru jista' jirrevoka d-deċiżjoni li tagħti proġett l-istatus ta' proġett strateġiku b'emissjonijiet zero netti.
7. Il-proġetti li ma jibqgħux rikonoxxuti bħala proġett strateġiku b'emissjonijiet zero netti għandhom jitilfu d-drittijiet kollha marbuta ma' dak l-istatus skont dan ir-Regolament.
8. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi u żżomm reġistru disponibbli b'mod miftuħ ta' proġetti strateġiċi b'emissjonijiet zero netti.

Artikolu 12

Status ta' prijorità ta' proġetti strateġiċi b'emissjonijiet zero netti

1. Il-promoturi ta' proġetti u l-awtoritajiet kollha li, skont il-liġi nazzjonali, huma kompetenti biex joħroġu diversi permessi u awtorizzazzjonijiet relatati mal-ippjanar, id-disinn u l-kostruzzjoni ta' assi immobbli, inkluża l-infrastruttura tal-enerġija, għandhom jiżguraw li għal proġetti strateġiċi b'emissjonijiet zero netti, dawk il-

proċessi jiġu ttrattati bl-aktar mod rapidu possibbli f'konformità mad-dritt tal-Unjoni u dak nazzjonali.

2. Mingħajr preġudizzju għall-obbligi previsti fid-dritt tal-Unjoni, l-Istati Membri għandhom jagħtu lil proġetti strateġiċi b'emissjonijiet zero netti l-istatus tal-ogħla sinifikat nazzjonali possibbli, meta tali status ikun jeżisti fid-dritt nazzjonali, u jiġu ttrattati kif xieraq fil-proċessi għall-għoti ta' permessi inklużi dawk relatati mal-valutazzjonijiet ambjentali u jekk il-dritt nazzjonali tipprevedi dan, għall-ippjanar spazjali.
3. Proġetti strateġiċi b'emissjonijiet zero netti għandhom jitqiesu li jikkontribwixxu għas-sigurtà tal-provvista ta' teknoloġiji strateġiċi b'emissjonijiet zero netti fl-Unjoni u għalhekk li jkunu fl-interess pubbliku. Fir-rigward tal-impatti ambjentali indirizzati fl-Artikoli 6(4) u 16(1)I tad-Direttiva 92/43/KEE, l-Artikolu 4(7) tad-Direttiva 2000/60/KE u l-Artikolu 9(1)(a) tad-Direttiva 2009/147/KE, proġetti strateġiċi b'emissjonijiet zero netti fl-Unjoni għandhom jitqiesu li huma ta' interess pubbliku u jistgħu jitqiesu li huma ta' interess pubbliku prevalenti dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha stabbiliti f'dawk id-Direttivi.
4. Il-proċeduri kollha għas-soluzzjoni tat-tilwim, il-litigazzjoni, l-appelli u r-rimedji ġudizzjarji relatati ma' proġetti strateġiċi b'emissjonijiet zero netti quddiem kwalunkwe qorti, tribunal, bord nazzjonali, inklużi l-medjazzjoni jew l-arbitraġġ, meta jkunu jeżistu fil-liġi nazzjonali, għandhom jiġu ttrattati bħala urġenti, jekk u sa fejn il-liġi nazzjonali tipprevedi tali proċeduri ta' urġenza u dment li d-drittijiet normalment applikabbli tad-difiża tal-individwi jew tal-komunitajiet lokali jiġu rrispettati. Il-promoturi ta' proġetti ta' proġetti strateġiċi b'emissjonijiet zero netti għandhom jipparteċipaw f'tali proċedura ta' urġenza, fejn applikabbli.

Artikolu 13

Durata tal-proċess għall-għoti ta' permessi għal proġetti strateġiċi b'emissjonijiet zero netti

1. Il-proċess għall-għoti ta' permessi għal proġetti strateġiċi b'emissjonijiet zero netti ma għandu jaqbeż l-ebda wieħed mil-limiti ta' żmien li ġejjin:
 - (a) ***sitt*** xhur għall-kostruzzjoni ta' proġetti strateġiċi b'emissjonijiet zero netti b'kapaċità tal-manifattura annwali ta' anqas minn 1 GW;

- (b) *disa' xhur* għall-kostruzzjoni ta' proġetti strateġiċi b'emissjonijiet zero netti, b'kapaċità tal-manifattura annwali ta' aktar minn 1 GW;
- (c) 18-il xahar għall-permessi kollha meħtieġa biex jiġi operat sit tal-ħżin f'konformità mad-Direttiva 2009/31/KE.
2. Għal teknoloġiji strateġiċi b'emissjonijiet zero netti li għalihom il-kapaċità annwali tal-manifattura ma tkejjilx f'GW, il-proċess għall-għoti ta' permessi ma għandux jaqbeż limitu ta' żmien ta' *disa' xhur*.
3. Għall-espansjoni tal-kapaċità tal-manifattura fil-faċilitajiet tal-manifattura eżistenti, il-limiti ta' żmien imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandhom jitnaqqsu bin-nofs.
4. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiżguraw li n-nuqqas ta' tweġiba tal-korpi amministrattivi rilevanti fil-limiti ta' żmien applikabbli msemmija f'dan l-Artikolu jirriżulta fil-passi intermedjarji speċifiċi li għandhom jitqiesu bħala approvati, ħlief meta l-proġett speċifiku jkun soġġett għal valutazzjoni tal-impatt ambjentali skont id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE jew id-Direttiva 2000/60/KE, id-Direttiva 2008/98/KE, id-Direttiva 2009/147/KE, id-Direttiva 2010/75/UE, 2011/92/UE jew id-Direttiva 2012/18/UE jew determinazzjoni ta' jekk tali valutazzjoni tal-impatt ambjentali hijiex meħtieġa u l-valutazzjonijiet rilevanti kkonċernati għandhom ma twettqux, jew meta l-prinċipju ta' approvazzjoni taċita amministrattiva ma jkunx jeżisti fis-sistema legali nazzjonali. Din id-dispożizzjoni ma għandhiex tapplika għad-deċiżjonijiet finali dwar l-eżitu tal-proċess, li għandhom ikunu espliċiti. Id-deċiżjonijiet għandhom isiru disponibbli għall-pubbliku.
- 4a. *Meta l-prinċipju ta' approvazzjoni taċita amministrattiva ma jkunx jeżisti fl-ordni ġuridiku nazzjonali u, fil-każ ta' valutazzjoni tal-impatt ambjentali skont id-Direttiva 92/43/KEE, 2000/60/KE, 2008/98/KE, 2009/147/KE, 2010/75/UE, 2011/92/UE jew 2012/18/UE jew determinazzjoni ta' jekk tali valutazzjoni tal-impatt ambjentali hijiex meħtieġa, in-nuqqas ta' tweġiba tal-korpi amministrattivi rilevanti fil-limiti ta' żmien applikabbli msemmija f'dan l-Artikolu għandhom jirriżultaw f'penali effettivi, proporzjonati u dissważivi. Id-dħul tal-penali għandu jiġi allokat għall-proġett affettwat mid-dewmien u għandu jikkorrispondi għall-valur ekonomiku mitluf bħala riżultat tad-dewmien.***

Artikolu 13a

Widien tal-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti

1. *Sabiex jintlaħqu l-objettivi ta' dan ir-Regolament, kull Stat Membru jista' jiddeżinja żoni ġeografiċi bħala widien tal-industrija b'emissjonijiet żero netti (Widien).*
2. *L-objettivi tal-Widien għandhom ikunu li:*
 - (a) *jinħolqu raggruppamenti ta' attività industrijali b'emissjonijiet żero netti li jwasslu għal gwadann fl-effiċjenza għall-atturi industrijali kollha involuti;*
 - (b) *iżidu l-attrazzjoni tal-Unjoni bħala post għall-attivitàjiet ta' manifattura;*
 - (c) *jissimplifikaw aktar, lil hinn mis-simplifikazzjoni stabbilita f'Kapitoli oħra ta' dan ir-Regolament, il-proċeduri amministrattivi għall-istabbiliment ta' kapaċitajiet ta' manifattura żero netti;*
3. *Meta jidentifikaw iż-żoni għall-istabbiliment tal-Widien, l-Istati Membri għandhom iqisu:*
 - (a) *il-ħtieġa li jiffavorixxu użi multipli taż-żoni identifikati biex jiġu żgurati l-espansjoni, l-industrijalizzazzjoni mill-ġdid jew il-ħolqien ta' raggruppamenti industrijali Ewropej;*
 - (b) *id-disponibbiltà ta' infrastruttura tat-trasport u tan-network rilevanti, ta' ħżin u ta' għodod oħra għall-flessibbiltà jew il-potenzjal li jinħolqu tali infrastruttura u ħżin;*
 - (c) *it-tranżizzjoni ġusta u l-objettivi tagħha, b'mod partikolari fir-rigward ta' reġjuni tal-faħam fi tranżizzjoni;*
 - (d) *kwalunkwe pjan ta' proġett għal pipeline ippjanat jew diġà eżistenti;*
 - (e) *il-potenzjal li jiġu organizzati attivitàjiet ta' edukazzjoni u taħriġ għad-disponibbiltà tal-ħiliet fi prodotti tat-teknoloġija b'emissjonijiet żero netti;*
 - (f) *il-potenzjal għall-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità u l-impjieg ta' impjegati lokali f'siti ta' produzzjoni potenzjali;*
 - (g) *il-ħtieġa li jintgħażlu żoni fejn il-kostruzzjoni jew l-espansjoni ta' tip speċifiku jew tipi speċifiċi ta' proġett ta' manifattura tat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti ma jwasslux għal impatti ambjentali sinifikanti;*
4. *Għall-finijiet tat-tnaqqis għall-minimu tal-impatt ambjentali tal-kostruzzjoni jew tal-espansjoni ta' tip speċifiku jew tipi speċifiċi ta' proġett strateġiku ta' manifattura ta' prodotti tat-teknoloġija b'emissjonijiet żero netti f'Widien, l-Istati Membri għandhom:*

- (a) jagħtu prijorità lill-uċuħ artifiċjali u mibnija, lis-siti industrijali, u, fejn xieraq, lis-siti f'żoni ħodor li ma jistgħux jintużaw għall-agrikoltura;*
- (b) f'ċirkostanzi eċċezzjonali, jistabbilixxu Widien f'żoni soġġetti għal miżuri ta' restawr skont il-Pjanijiet Nazzjonali ta' Restawr imħejjija skont ir-Regolament dwar ir-Restawr tan-Natura jew żoni ddeżinjati ta' Natura 2000.*

Artikolu 13b
Deżinjazzjoni ta' Widien

1. *Deċiżjoni minn Stat Membru li jiddeżinja Wied għandha tkun akkumpanjata minn pjan (Pjan) li jistabbilixxi:*
 - (a) *liema attivitajiet ta' manifattura b'emissjonijiet żero netti huma koperti mill-Wied;*
 - (b) *miżuri nazzjonali konkreti biex tiżdied l-attrawenza tal-Wied bħala post għall-attivitajiet ta' manifattura;*
 - (c) *ir-riżultati tal-valutazzjoni ambjentali, kif ukoll il-miżuri li l-Istat Membru jkun se jieħu biex itaffi l-impatti ambjentali negattivi msemmija fil-paragrafu 2.*

2. *Bħala parti mill-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet għad-deżinjazzjoni ta' Wied u qabel l-adozzjoni ta' pjan jew pjanijiet li jiddeżinjaw il-Widien, l-Istati Membri għandhom iwettqu valutazzjoni ambjentali f'konformità mad-Direttiva 2001/42/KE, u fejn applikabbli, il-valutazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 6(3) tad-Direttiva 92/43/KEE għall-attivitajiet speċifiċi ta' manifattura ta' teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti li għalihom huwa ddedikat il-Wied tal-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti. Dawk il-valutazzjonijiet għandhom ikopru t-teknoloġiji u l-attivitajiet tal-manifattura relatati kollha li għalihom għandu jiġi ddedikat il-Wied.*

Abbażi tal-eżitu tal-valutazzjonijiet, l-Istati Membri għandhom jipprovdu, għal kull tip ta' proġett, parametri ċari għall-implimentazzjoni ta' proġetti b'regoli u miżuri proporzjonati biex jiġu indirizzati l-impatti ambjentali negattivi.

Kwalunkwe rekwiżit ta' valutazzjoni ambjentali u miżura ta' mitigazzjoni għal permess għal kapaċità ta' manifattura ġdida jew estiża li jkunu konformi mar-rekwiżiti tal-Pjan u l-liġi applikabbli għandhom jitqiesu ssodisfati minn valutazzjoni ambjentali mwettqa skont dan il-paragrafu u jibbenefikaw minn proċedura u validazzjoni rapidi.

3. *L-Istati Membri għandhom jipprovdu opinjoni, kif stabbilit fl-Artikolu 7(1), kif ukoll skeda dettaljata għall-proċedura għall-għoti ta' permessi kif stabbilit fl-Artikolu 6(7), għall-attivitajiet kollha previsti fil-Wied. L-opinjoni għandha tinkludi*

wkoll deskrizzjoni dettaljata ta' kwalunkwe data, informazzjoni jew analiżi miġbura mill-Istat Membru meta jwettaq il-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 li l-applikant jista' joqgħod fuqha, kif ukoll, fejn applikabbli, liema informazzjoni, data jew analiżi addizzjonali għadhom meħtieġa mill-applikant. F'konformità mal-Artikolu 5, id-data, l-informazzjoni u l-analiżi kollha miġbura mill-Istat Membru għandhom ikunu aċċessibbli online għall-applikanti.

4. *Deċiżjoni li tiddeżinja Wied skont l-Artikolu 13a(1) u f'konformità ma' dan l-Artikolu għandha tinkludi data ta' applikazzjoni u data ta' skadenza. Stat Membru jista' jgħedded deċiżjoni bħal din. L-Istat Membru għandu jagħmel dawn id-deċiżjonijiet pubbliċi.*
5. *Proġetti ta' manifattura b'emissjonijiet żero netti għandhom jitqiesu li jikkontribwixxu għas-sigurtà tal-provvista ta' teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti fl-Unjoni u għalhekk li jkunu fl-interess pubbliku. Fir-rigward tal-impatti ambjentali indirizzati fl-Artikoli 6(4) u 16(1) tad-Direttiva 92/43/KEE, l-Artikolu 4(7) tad-Direttiva 2000/60/KE u l-Artikolu 9(1)(a), il-punt (a), tad-Direttiva 2009/147/KE, proġetti ta' manifattura b'emissjonijiet żero netti fil-widien għandhom jitqiesu li huma ta' interess pubbliku u jistgħu jitqiesu li huma ta' interess pubbliku prevalenti dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha stabbiliti f'dawk id-Direttivi.*
6. *Il-miżuri nazzjonali msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b) għandhom tal-anqas jinkludu l-iskemi ta' appoġġ ekonomiku u amministrattiv li ġejjin:*
 - (a) *jiżguraw l-istabbiliment amministrattiv rapidu tal-Wied;*
 - (b) *jiżviluppaw l-infrastruttura meħtieġa fil-Wied;*
 - (c) *jappoġġaw l-investimenti privati fil-Wied;*
 - (d) *jiżguraw it-tiġdid u t-titjib tal-ħiliet xierqa tal-forza tax-xogħol lokali.*
7. *L-investimenti pubbliċi li għandhom l-għan li jistabbilixxu Widien, biex jgħammru l-Widien b'infrastruttura xierqa, jikkonvertu siti abbandunati u jiżviluppaw l-adeqwatezza tal-ġabra ta' ħiliet lokali jistgħu jibbenefikaw minn rati ta' kofinanzjament miżjuda sa 10 % fl-ambitu tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Soċjali Ewropew Plus, jekk il-Wied ikun jinsab f'reġjuni anqas żviluppati u ta' tranżizzjoni jew f'territorji ta'*



Artikolu 15

Koordinazzjoni tal-finanzjament

1. Il-Pjattaforma għal Ewropa b'Emissjonijiet Żero Netti kif stabbilita fl-Artikolu 28 għandha *tivvaluta* l-ħtiġijiet finanzjarji u r-restrizzjonijiet ta' proġetti strateġiċi b'emissjonijiet żero netti, *tiġbor* l-aħjar prattiki potenzjali, b'mod partikolari biex jiġu żviluppati ktajjen tal-provvista transfruntieri tal-UE, b'mod partikolari abbażi ta' skambji regolari *u rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Esperti tal-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti* mal-alleanzi industrijali rilevanti.
2. Fuq talba tal-promotur ta' proġett strateġiku b'emissjonijiet żero netti, il-Pjattaforma għal Ewropa b'Emissjonijiet Żero Netti għandha tiddiskuti u tagħti pariri dwar kif il-finanzjament tal-proġett tagħha jista' jitlesta, *tipprovi u tikkoordina appoġġ għall-proġett tagħha li għandu jitlesta, b'mod partikolari biex tilħaq il-kriterji definiti fl-Artikolu 19(2)*, filwaqt li jitqies il-finanzjament diġà garantit u jitqiesu tal-anqas l-elementi li ġejjin:
 - (a) sorsi privati addizzjonali ta' finanzjament;
 - (b) l-appoġġ permezz ta' riżorsi mill-Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investment jew istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali oħrajn inkluż il-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp;
 - (c) l-istrumenti u l-programmi eżistenti tal-Istati Membri, inkluż minn banek u istituzzjonijiet promozzjonali nazzjonali;
 - (d) il-finanzjament u l-programmi ta' finanzjament rilevanti tal-Unjoni *nkluż permezz ta' STEP.*
- 2a. *Sa ... [3 xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] u kull sentejn wara dan, il-Pjattaforma għal Ewropa b'Emissjonijiet Żero Netti għandha toħroġ rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni biex jiġi ggarantit finanzjament suffiċjenti, inkluż permezz tal-baġit tal-Unjoni, biex jintlaħqu l-oġettivi ta' dan ir-Regolament.*

Artikolu 15a

Il-finanzjament ta' teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti

- 1. Mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 2003/87/KE, l-Istati Membri għandhom jirrappurtaw kull sena dwar il-perċentwal tad-dħul nazzjonali ġġenerat mill-irkant tal-kwoti, f'konformità mal-attivitajiet permessi skont l-Artikolu 10(3) ta' dik id-Direttiva, li jintuża biex jappoġġa l-oġġettivi ta' dan ir-Regolament bil-ħsieb li jintlaħaq mill-inqas 25 %.*
- 2. F'konformità mal-Artikolu 2 tar- [Regolament STEP] Proġetti Strateġiċi b'Emissjonijiet Żero Netti magħżula skont l-Artikolu 10(1), il-punti (a) jew (b), ta' dan ir-Regolament huma rikonnoxxuti bħala li jissodisfaw l-oġġettivi tal-STEP u għalhekk għandhom ikunu eliġibbli li jirċievu s-Siġill ta' Sovranità skont l-Artikolu 4 ta' dak ir-Regolament kif ukoll li jirċievu fondi f'konformità mal-Artikolu 9 ta' dak ir-Regolament.*

Kapitolu III

Kapaċità tal-injezzjoni tas-CO₂

Artikolu 16

Objettiv fil-livell tal-Unjoni tal-kapaċità tal-injezzjoni tas-CO₂

- 1. Għandha tinkiseb kapaċità annwali ta' injezzjoni ta' mill-inqas 50 miljun tunnellata ta' CO₂ sal-2030, f'siti tal-ħżin, li jfisser siti ta' ħżin ġeoloġiku permessi skont id-Direttiva 2009/31/KE, inkluż siti tat-tħaffir għaż-żejt u għall-gass eżawriti u akwiferi tal-ilma mielaħ, li jinsabu fit-territorju tal-Unjoni Ewropea, iż-żoni ekonomiċi esklużivi tagħha jew fuq il-blata kontinentali tagħha skont it-tifsira tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar u li ma humiex ikkombinati ma' Rkupru Assistit tal-Idrokarburi (EHR).*
- 2. Is-siti tal-ħżin imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiffasslu biex joperaw għal minimu ta' ħames snin.*
- 3. Sal-31 ta' Diċembru 2026, il-Kummissjoni għandha ttipponi lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rekwiżiti għal kapaċità annwali ta' injezzjoni ta' CO₂ li*

għandha tiġi pprovduta sal-2035, l-2040 u l-2050, filwaqt li tqis il-ħtiġijiet tal-Istati Membri madwar l-Unjoni.

4. *Sa ... [sentejn mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] u kull sentejn wara dan, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-progress miksub lejn il-mira tal-kapaċità ta' injezzjoni annwali tal-Unjoni, inkluż l-istat tas-suq relatat mal-kapaċità tal-injezzjoni. Ir-rapport għandu jinkludi ħarsa ġenerali lejn il-firxa ġeografika tas-siti tal-ħżin madwar l-Unjoni.*
5. *Ir-rapport imsemmi fil-paragrafu 4 għandu jinkludi valutazzjoni tal-ħżin tas-CO₂ u tal-adeqgatezza tal-kapaċità tal-injezzjoni, bl-użu, b'mod partikolari, tal-informazzjoni miġbura skont l-Artikolu 17(2) u l-Artikolu 18(6), li għandha:*
 - (a) *tipprovdi analiżi dettaljata tal-adeqgatezzi ġeografiċi u temporali bejn is-siti tal-ħżin tas-CO₂ eżistenti u pplanati u l-proġetti tal-qbid tas-CO₂ għal emissjonijiet ta' CO₂ minn installazzjonijiet industrijali fl-Unjoni;*
 - (b) *tidentifika l-infrastruttura ewlenija meħtieġa għat-trasport u l-ħżin tal-emissjonijiet tas-CO₂ minn installazzjonijiet industrijali madwar l-Unjoni;*
 - (c) *tidentifika potenzjal speċifiku għall-użu tas-CO₂ biex jikkontribwixxi għall-ħżin permanenti tas-CO₂, li jista' jwassal għal anqas ħtiġijiet għall-ħżin tas-CO₂, jew għat-tnaqqis tad-dipendenza tal-Unjoni fuq il-fjuwils fossili.*
6. *Meta r-rapport imsemmi fil-paragrafu 4 juri li d-domanda għall-kapaċità tal-injezzjoni tas-CO₂ hija ogħla jew aktar baxxa b'mod sinifikanti minn dik riflessa fil-miri tal-kapaċità stabbiliti skont il-paragrafi 1 u 3, il-Kummissjoni għandha tadotta att delegat sabiex tallinja l-miri tal-kapaċità mad-domanda.*
7. *Meta r-rapport imsemmi fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu juri li s-suq mhuwiex żviluppat biżżejjed biex jipprovdi kapaċità tal-injezzjoni adegwata, il-Kummissjoni tista' taġġusta l-kontribuzzjonijiet skont l-Artikolu 18 filwaqt li tiżgura li l-entitajiet affettwati jkollhom biżżejjed żmien biex jaġġustaw il-pjanijiet tan-negozju tagħhom għall-obbligi definiti mill-ġdid.*
8. *L-Unjoni tista' tintegra l-pajjiżi ġirien tagħha fl-isforzi tagħha skont dan il-Kapitolu billi tintegra d-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu f' ftehimiet ma' dawn il-pajjiżi jew billi tistabbilixxi ftehimiet ġodda li jkopru d-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu. Meta jiġu integrati dawn id-dispożizzjonijiet f' ftehimiet eżistenti jew meta jiġu stabbiliti ftehimiet ġodda, il-ftehim għandu jiżgura li l-istandards u r-rekwiżiti*

ambjentali, ta' sikurezza u ta' sigurtà kollha tal-Unjoni applikabbli għall-proġetti skont dan il-Kapitolu jiġu rispettati fil-pajjiż terz. Il-ftehim għandu jstabbilixxi wkoll mira ta' injezzjoni proporzjonata addizzjonali għall-pajjiż terz, kif ukoll, f'konformità mal-Artikolu 18, kontribuzzjoni pro rata għall-entitajiet rilevanti fil-pajjiż terz.

Artikolu 17

Trasparenza tad-data dwar il-kapaċità tal-ħżin tas-CO₂

1. Sa .../3 xhur mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament¹, l-Istati Membri għandhom:
 - (a) jagħmlu disponibbli għall-pubbliku d-data dwar iż-żoni fejn is-siti tal-ħżin tas-CO₂ jistgħu jiġu permessi fit-territorju tagħhom.
 - (b) jobbligaw lill-entitajiet li jkollhom awtorizzazzjoni kif definit fl-Artikolu 1(3) tad-Direttiva 94/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ fit-territorju tagħhom biex jagħmlu disponibbli għall-pubbliku *fuq bażi ta' nuqqas ta' dipendenza* d-data ġeoloġika kollha *mhux ipproċessata* relatata mas-siti ta' produzzjoni li jkunu ġew dekommissjonati jew li d-dekommissjonar tagħhom ikun ġie nnotifikat lill-awtorità kompetenti, *u valutazzjonijiet ekonomiċi preliminari tal-kostijiet rispettivi biex tiġi permessa l-injezzjoni tas-CO₂ fuq kull sit, inkluża data dwar:*
 - (i) *jekk is-sit huwiex adatt għall-injezzjoni u l-ħżin tas-CO₂ b'mod sostenibbli, sikur u permanenti;*
 - (ii) *jekk huwiex disponibbli jew jistgħux jinbnew infrastruttura u modi tat-trasport adatti biex is-CO₂ jiġi ttrasportat b'mod sikur biex jilħaq is-sit.*
 - (c) Għall-finijiet tal-punt (a), id-data għandha tinkludi mill-inqas l-informazzjoni mitluba fl-Avviż tal-Kummissjoni dwar il-Gwida lill-Istati Membri għall-aġġornament tal-pjanijiet nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima tal-2021-2030 *u l-aġġornamenti sussegwenti tagħhom.*

¹ Id-Direttiva 94/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 1994 dwar il-kondizzjonijiet għall-ġoti u l-użu ta' awtorizzazzjonijiet għall-prospettar, esplorazzjoni u produzzjoni ta' idrokarburi (ĠU L 164, 30.6.1994, p. 3).

2. Sa ... /Sa 6 xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament/ u kull sena wara dan, kull Stat Membru għandu jissottometti lill-Kummissjoni rapport, **li għandu jkun disponibbli pubblikament**, li jiddeskrivi:
- (a) **immappjar ta' proġetti** li jkunu għaddejjin għall-qbid tas-CO₂ **fit-territorju tiegħu jew b'kooperazzjoni ma' Stati Membri oħra**, u stima tal-ħtiġijiet korrispondenti għall-kapaċitajiet tal-injezzjoni u l-ħżin, **u t-trasport tas-CO₂**;
 - (b) **immappjar ta' proġetti** li jkunu għaddejjin għall-ħżin tas-CO₂ u għat-trasport tas-CO₂ fit-territorju tiegħu, inkluż l-istatus tal-ġhoti ta' permessi skont id-Direttiva 2009/31/KE, id-dati mistennija għad-Deċiżjoni finali dwar l-Investment (FID) u d-dħul fis-seħħ;
 - (c) il-miżuri ta' appoġġ nazzjonali li **jkunu ġew adottati u l-miżuri li jistgħu jiġu adottati** biex jiġu promossi proġetti msemmija fil-punti (a) u (b).
 - (ca) **l-istrateġija u l-miri nazzjonali li jkunu ġew stabbiliti għall-qbid tas-CO₂ sal-2030, u fejn applikabbli f'konformità mal-Artikolu 16(3) għall-2035, l-2040 u l-2050.**
 - (cb) **l-arranġamenti, inklużi l-ftehimiet bilaterali magħmula biex jiffaċilitaw it-trasport transfruntier tas-CO₂, magħmula biex jiżguraw li l-entitajiet li jaqbdus-CO₂ jkollhom aċċess għal mezzi sikuri u mhux diskriminatorji tat-trasport tas-CO₂.**
 - (cc) **Proġetti tat-trasport tas-CO₂ li għaddejjin u stima tal-kapaċità tal-proġetti futuri tat-trasport tas-CO₂ meħtieġa biex jaqblu mal-kapaċità ta' qbid u ħżin korrispondenti;**
- 2a. **Jekk ir-rapport imsemmi fil-paragrafu 2 juri li ma jkun għaddej l-ebda proġett ta' ħżin tas-CO₂ fit-territorju tagħhom, l-Istati Membri għandhom jirrappurtaw dwar pjanijiet biex tiġi ffaċilitata d-dekarbonizzazzjoni tas-setturi industrijali li jiffaċċjaw emissjonijiet ta' CO₂ inevitabbli. Dan għandu jinkludi trasport transfruntier tas-CO₂ lejn siti ta' ħżin li jinsabu fi Stati Membri oħra, kif ukoll proġetti ta' użu tas-CO₂.**

Artikolu 17a

Infrastruttura tat-trasport tas-CO₂

1. *Sabiex ikun aktar faċli li jintlaħaq l-objettiv stabbilit fl-Artikolu 16, l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, fi sħubija mal-kumpaniji li jibbenefikaw, għandhom jiżguraw li jkunu qed isiru l-investimenti meħtieġa fl-infrastruttura tat-trasport tas-CO₂, inkluża l-infrastruttura transfruntiera.*
2. *L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li utenti potenzjali ta' siti tal-ħżin ikunu jistgħu jiksbu aċċess għan-networks tat-trasport u għas-siti tal-ħżin tas-CO₂ għall-iskopijiet ta' ħżin ġeoloġiku tas-CO₂ prodott u maqbud.*
3. *Sabiex jiġi minimizzat l-impatt ambjentali tat-trasport tas-CO₂, l-Unjoni, l-Istati Membri tagħha u l-atturi l-oħra kollha involuti għandu jkollhom l-għan li jimminimizzaw il-ħtieġa għat-trasport tas-CO₂.*
4. *L-Istati Membri jistgħu jiffurmaw, jew jistgħu jipprovdu appoġġ għall-formazzjoni ta' entitajiet li jkollhom l-objettiv li joħlqu networks tat-trasport tas-CO₂, inkluża l-kostruzzjoni ta' infrastruttura jew il-forniment ta' bastimenti jew mezzi oħra ta' trasport. Il-formazzjoni ta' tali entitajiet għandha tiġi rieżaminata mill-inqas kull sentejn.*
5. *Sa ... [Sa sitt xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom ifasslu strateġija komuni biex jiffinanzjaw l-infrastruttura msemmija fil-paragrafu 1.*

Artikolu 18

Kontribut tal-produtturi awtorizzati taż-żejt u tal-gass

1. Kull entità li *tbigħ iż-żejt mhux maħdum, il-prodotti tal-petroleum jew il-gass naturali* għandha tkun soġġetta għal kontribut individwali *u obbligatorju* għall-mira għall-Unjoni kollha għall-kapaċità tal-injezzjoni ta' CO₂ disponibbli stabbilita fl-Artikolu 16. Dawk il-kontributi individwali għandhom jiġu kkalkolati pro rata abbażi tas-sehem ta' kull entità *fiż-żejt mhux maħdum, il-prodotti tal-petroleum u l-gass naturali mibjugħ fl-Unjoni* mill-1 ta' Jannar 2020 sal-31 ta' Diċembru 2023 u għandhom jikkonsistu fil-kapaċità tal-injezzjoni tas-CO₂ f'sit tal-ħżin permess f'konformità mad-Direttiva 2009/31/KE dwar il-ħżin ġeoloġiku tad-diossidu tal-karbonju u disponibbli għas-suq sal-2030.

- 1a. L-entitajiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikunu jistgħu jilhqnu l-kontribut individwali tagħhom għall-mira tal-Unjoni kollha għall-kapaċità disponibbli ta' injezzjoni tas-CO₂ billi jagħmlu disponibbli kapaċità tal-injezzjoni f'ħażniet li jinsabu fil-pajjiżi msemmija fl-Artikolu 16(8).*
- 1b. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiffaċilitaw u jinċentivaw lill-emittenti biex jaqbd u l-emissjonijiet, biex jinċentivaw lill-investituri sabiex jiffinanzjaw l-infrastruttura meħtieġa għat-trasport tas-CO₂ lejn is-sit tal-ħżin, u fejn meħtieġ, jiffinanzjaw direttament proġetti tal-ħżin tas-CO₂.*
- 1c. Meta s-CO₂ jinqabad u jiġi ttrasportat fi Stat Membru wieħed u jiġi ttrasportat u maħżun fi Stati Membri oħra, l-Istati Membri għandhom jikkoordinaw il-miżuri ddikjarati fil-paragrafu 1b. Il-Kummissjoni għandha tiżgura u tiffaċilita tali koordinazzjoni permezz tal-istabbiliment ta' Gruppi Reġjonali ta' CCS.*
2. Fi żmien 3 xhur mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, l-Istati Membri għandhom jidentifikaw u jirrapportaw lill-Kummissjoni l-entitajiet imsemmija fil-paragrafu 1 u l-volumi tagħhom *fil-bejgħ* taż-żejt mhux maħdum u tal-gass naturali mill-1 ta' Jannar 2020 sal-31 ta' Diċembru 2023.
3. Wara li jaslu r-rapporti sottomessi skont l-Artikolu 17(2), il-Kummissjoni, wara li tkun ikkonsultat mal-Istati Membri u mal-partijiet interessati, għandha tispeċifika s-sehem tal-kontribut għall-objettiv tal-kapaċità tal-injezzjoni ta' CO₂ tal-Unjoni sal-2030 mill-entitajiet imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.
4. Fi żmien 12-il xahar mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament, l-entitajiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jissottomettu lill-Kummissjoni pjan li jagħti dettalji dwar kif għandhom l-intenzjoni li jissodisfaw il-kontribut tagħhom għall-objettiv tal-kapaċità tal-injezzjoni ta' CO₂ tal-Unjoni sal-2030. Dawk il-pjanijiet għandhom:
- (a) jikkonfermaw il-kontribut tal-entità, espress f'termini ta' volum immirat ta' kapaċità ġdida ta' ħżin u injezzjoni tas-CO₂ ikkummissjonata sal-2030;
- (b) jispeċifikaw il-mezzi u l-istadji importanti biex jintlaħaq il-volum fil-mira.
5. Sabiex jissodisfaw il-volumi fil-mira tagħhom tal-kapaċità ta' injezzjoni disponibbli, l-entitajiet imsemmija fil-paragrafu 1 jistgħu jagħmlu kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:

- (a) *jinvestu fi* proġetti ta' ħżin tas-CO₂ waħedhom jew b'kooperazzjoni u jiżviluppawhom;
 - (b) jidħlu fi ftehimiet ma' entitajiet oħra msemmija fil-paragrafu 1, *u b'hekk jitqies l-għan ġenerali li tiżdied il-kapaċità tal-ħżin reġjonali madwar l-Unjoni*;
 - (c) jidħlu fi ftehimiet ma' żviluppaturi jew investituri ta' proġetti ta' ħżin, *qbid u trasport* ta' partijiet terzi biex iwettqu l-kontribut tagħhom.
6. *Sa ... [sentejn mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament] u kull sena wara dan, l-entitajiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jissottomettu rapport lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u lill-Kummissjoni li jagħti dettalji dwar il-progress tagħhom lejn il-kisba tal-kontribut tagħhom. F'konformità mad-Direttiva 2009/31/KE, dak ir-rapport għandu jinkludi dettalji dwar il-kapaċitajiet ta' ħżin ikkummissjonati ġodda, il-firxa tal-użu tagħhom, u ħarsa ġenerali lejn il-fattibbiltà ekonomika tal-kapaċitajiet tal-injezzjoni ppjanati u rakkomandazzjonijiet lill-Istati Membri dwar il-kejl addizzjonali meħtieġ biex jintlaħqu l-miri tal-injezzjoni tas-CO₂. Il-Kummissjoni għandha tippubblika dawn ir-rapporti.*
- 6a. *Il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-konformità tal-entitajiet imsemmija fil-paragrafu 1 mar-rekwiżiti ta' dan il-Kapitolu. F'din il-valutazzjoni, il-Kummissjoni għandha tqis l-iżvilupp tal-modalitajiet tat-trasport tas-CO₂ lejn is-siti tal-injezzjoni kif ukoll l-iżvilupp tal-attivitajiet tal-qbid tal-karbonju biex tiġi prodotta d-domanda għall-injezzjoni tas-CO₂. Jekk waħda jew iż-żewġ attivitajiet ta' infrastruttura u ta' qbid, meħtieġa biex proġett ta' injezzjoni speċifiku jsir operazzjonali, ikunu nieqsa u dan jirriżulta f'entità speċifika li ma tissodisfax l-obbligi tagħha skont dan l-Artikolu, il-Kummissjoni tista' tnaqqas l-obbligu ta' injezzjoni ta' entità speċifika għal sena speċifika. Kwalunkwe tnaqqis għandu jiġi rkuprat fi żmien 5 snin wara li jkun sar it-tnaqqis.*
7. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 32 biex tissupplimenta dan ir-Regolament rigward:
- (a) Il-modalitajiet li bihom jitqiesu l-ftehimiet bejn l-entitajiet imsemmija fil-paragrafu 1 u l-investimenti fil-kapaċità tal-ħżin miżmuma minn partijiet terzi biex jissodisfaw il-kontribut individwali tagħhom skont il-paragrafu 5(b) u (c).
 - (b) Il-kontenut tar-rapporti msemmija fil-paragrafu 6.

(ba) Is-sanzjonijiet u l-penali dissważivi u proporzjonati li jistgħu jiġu applikati għall-entitajiet imsemmija fil-paragrafu 1 li jonqsu milli jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament.

7b. Biex jikkontribwixxu għall-objettiv tal-kapaċità tal-injezzjoni tas-CO₂ tal-Unjoni, l-entitajiet imsemmija fil-paragrafu 1 huma intitolati li jagħtu kont tal-kapaċità tal-injezzjoni tas-CO₂ li tikkorrispondi għall-ishma tal-proġett proprjetà ta' azzjonist ieħor involut fi proġett ta' ħżin, f'każ li dak l-azzjonist ma jaqax fil-kamp ta' applikazzjoni tal-paragrafu 1.

Artikolu 18a

Il-qafas regolatorju għas-suq tas-CO₂ maqbud

- 1. Sa ... [sitt xhur mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament], il-Kummissjoni għandha tippubblika linji gwida li jindikaw il-livelli massimi xierqa ta' purità tas-CO₂ u ta' mikroelementi fil-fluss li jistgħu jiġu speċifikati minn entità li tfittex li jkollha proġett ta' ħżin tas-CO₂ ikkonfermat bħala li jikkontribwixxi għall-objettiv tal-kapaċità tal-injezzjoni tal-Unjoni.*
- 2. Sa ... [sentejn mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha twettaq valutazzjoni f'konformità mal-paragrafu 2 u, jekk xieraq, tissottometti proposta leġiżlattiva sabiex tistabbilixxi qafas regolatorju għal suq tal-qbid, l-użu, il-ħżin u t-trasport tas-CO₂ fl-Unjoni kollha biex tikkomplementa r-regoli stabbiliti fid-Direttiva 2009/31/KE, li tistabbilixxi regoli dwar:*
 - (a) aċċess miftuħ, ġust u mhux diskriminatorju u sikurezza għall-ħżin u n-network tat-trasport tas-CO₂;*
 - (b) aċċess miftuħ, ġust u mhux diskriminatorju għall-qbid tas-CO₂ għal skopijiet ta' użu jew ħżin;*
 - (c) il-funzjonament u l-interkonnnessjoni tan-network tat-trasport tas-CO₂ u infrastruttura oħra madwar l-Unjoni;*
 - (d) inċentivi ekonomiċi, finanzjament u mekkaniżmi ta' assistenza finanzjarja;*
 - (e) standards ta' speċifikazzjoni għall-ħżin u t-trasport tas-CO₂;*

- (f) *standards ambjentali;*
- (g) *garanziji dwar l-oriġini tas-CO₂;*
- (h) *mekkaniżmi tal-infurzar.*

2a. Qabel ma tadotta kwalunkwe proposta leġiżlattiva kif imsemmi fil-paragrafu 2, il-Kummissjoni għandha tivvaluta jekk:

- (a) *il-funzjonament tas-suq tas-CO₂ jiżgurax aċċess suffiċjenti għall-kapaċità tal-injezzjoni għall-emissjonijiet tas-CO₂ inevitabbli;*
- (b) *l-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 18(1) jipromwovux b'mod effettiv l-iżvilupp tas-suq tal-ħżin tas-CO₂ fl-Unjoni.*

Fejn il-valutazzjoni skont dan il-paragrafu turi li s-suq mhux qed jiżviluppa f'konformità mal-objettivi ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li tinkludi regoli li jipprovdu aċċess prijoritarju għal emissjonijiet inevitabbli għall-kapaċità tal-injezzjoni kif ukoll li temenda dan ir-Regolament biex tbiddel l-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 18(1).

Il-Kummissjoni għandha tiżgura li s-setturi kollha b'emissjonijiet inevitabbli tal-proċess industrijali jkollhom aċċess suffiċjenti għall-kapaċità tal-injezzjoni tas-CO₂. Fejn il-valutazzjonijiet tagħha juru li s-suq mhux qed jiżviluppa f'konformità ma' dan l-objettiv, il-Kummissjoni għandha tiżviluppa regoli biex tipprovdi aċċess prijoritarju għal emissjonijiet inevitabbli tal-proċess industrijali għall-kapaċità tal-injezzjoni tas-CO₂.

Sabiex tiffaċilita l-valutazzjoni skont dan il-paragrafu, il-Kummissjoni għandha tiżviluppa lista ta' setturi b'emissjonijiet inevitabbli tal-proċess industrijali minn installazzjonijiet industrijali fuq skala kbira li għalihom ma tkun disponibbli l-ebda għażla ta' tnaqqis dirett tal-emissjonijiet wara li jkunu ġew applikati l-aħjar tekniki disponibbli, abbażi ta' metodoloġija ċara li tinkludi evidenza xjentifika, l-aktar teknoloġiji avvanzati attwali rilevanti, il-fattibbiltà ekonomika, kif ukoll miżuri xierqa għat-tnaqqis tal-emissjonijiet min-naħa tad-domanda.

Kapitolu IV.

Aċċess għas-swieq

Artikolu 19

Kontribut għas-sostenibbiltà u r-reżiljenza fil-proċeduri tal-akkwist pubbliku

1. ***Mingħajr preġudizzju għall-Ftehim dwar l-Akkwist Pubbliku (GPA) tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ u ftehimiet internazzjonali oħra li bihom hija marbuta l-Unjoni kif ukoll il-leġiżlazzjoni settorjali applikabbli, b'mod partikolari r-Regolamenti (UE) 2022/1031 u (UE) 2022/2560, l-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti għandhom jibbażaw l-għoti ta' kuntratti għal xiri jew użu għal teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti elenkati fl-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament, kif ukoll, b'mod partikolari permezz tal-akkwist pubbliku ta' soluzzjonijiet innovattivi u akkwist pubbliku prekkummerċjali, teknoloġiji netti zero innovattivi jew teknoloġiji innovattivi oħra, fi proċedura ta' akkwist pubbliku fuq l-aktar offerta ekonomikament vantaġġuża, li għandha tinkludi l-aħjar proporzjon bejn il-prezz u l-kwalità, u li tinkludi mill-anqas il-kontribut tal-offerta għas-sostenibbiltà ambjentali u soċjali u r-reżiljenza, f'konformità mad-Direttivi 2014/23/UE, 2014/24/UE, jew 2014/25/UE . L-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti għandhom jiżguraw li l-proċess tal-akkwist ikun miftuħ, mhux diskriminatorju u trasparenti, filwaqt li jippermetti l-kompetizzjoni ġusta bejn il-fornituri eliġibbli kollha.***

Meta teknoloġija b'emissjonijiet zero netti ma tkunx l-oġġett ewlieni tal-kuntratt iżda parti biss minnu u l-valur stmat tal-parti rilevanti tal-kuntratt ikun ogħla mil-limiti stabbiliti fid-Direttiva 2014/23/UE, 2014/24/UE jew 2014/25/UE, l-awtoritajiet kontraenti jew l-entitajiet kontraenti għandhom jagħmlu waħda minn dawn li ġejjin:

- (a) ***jisseparaw il-parti tat-teknoloġija b'emissjonijiet zero netti f'lott jew lottijiet iddedikati;***
- (b) ***iħejju kuntratt separat jew kuntratti separati għall-parti tat-teknoloġija b'emissjonijiet zero netti; jew***
- (c) ***jimponu fuq il-kuntrattur ewlieni obbligu ta' sottokuntrattar kompetittiv għall-provvista tal-prodotti ta' teknoloġija b'emissjonijiet zero netti rispettivi***

bl-applikazzjoni tad-Direttiva 2014/23/UE, 2014/24/UE jew 2014/25/UE, kif xieraq, u ta' dan l-Artikolu.

2. Il-kontribut tal-offerta għas-sostenibbiltà **ambjentali u soċjali**, għandu jkun ibbażat fuq il-kriterji kumulattivi li ġejjin li għandhom ikunu oġġettivi, trasparenti u mhux diskriminatorji:
- (a) is-sostenibbiltà ambjentali li tmur lil hinn mir-rekwiżiti minimi fil-leġislazzjoni applikabbli;
 - (b) fejn jeħtieġ li tiġi żviluppata soluzzjoni innovattiva, l-impatt u l-kwalità tal-pjan ta' implimentazzjoni, inklużi l-miżuri ta' ġestjoni tar-riskju;
 - (c) fejn applikabbli, il-kontribut tal-offerta għall-integrazzjoni tas-sistema tal-enerġija;
 - (d) il-kontribut tal-offerta **għal pagi u kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti, inkluż fejn rilevanti l-offerta ta' apprendistati kif ukoll oġġettivi definiti sew f'termini ta' taħriġ ta' ħiliet, taħriġ mill-ġdid u titjib tal-ħiliet, biex tiżdied l-attraenza tal-impjeggi f'setturi tal-industrija b'emissjonijiet żero netti.**
- 2a. *Il-kontribut tal-offerta għar-reżiljenza għandu jkun ibbażat fuq il-kriterji kumulattivi li ġejjin, li għandhom ikunu oġġettivi, trasparenti u mhux diskriminatorji:*
- (a) *meta applikabbli, il-kontribut tal-offerta għas-sigurtà tal-enerġija tal-Unjoni;*
 - (b) *il-kontribut tal-offerta għar-reżiljenza tal-Unjoni, filwaqt li titqies is-sigurtà tal-provvisti billi jiġi kkunsidrat il-proporzjon tal-prodotti li joriġinaw minn sors uniku ta' provvista, kif iddeterminat f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 952/2013. Il-provvista għandha titqies li mhijiex diversifikata biżżejjed meta sors uniku ikun ipprova, fl-aħħar sena li għaliha tkun disponibbli d-data, aktar minn 50 % tad-domanda totali fl-Unjoni Ewropea għal teknoloġija speċifika b'emissjonijiet żero netti jew tal-komponenti primarjament użati primarjament għall-produzzjoni ta' dawn it-teknoloġiji;*

(c) *fejn applikabbli, il-kontribut għall-innovazzjoni billi jiġu pprovduti soluzzjonijiet kompletament ġodda jew jittejbu soluzzjonijiet komparabbli tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku.*

3. L-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti għandhom jagħtu piż ta' *mill-anqas 30 %* tal-kriterji għall-aġġudikazzjoni ■ *għall-parti tat-teknoloġija żero netta tal-offerta, filwaqt li jitqiesu kemm il-kontribut għas-sostenibbiltà kif ukoll dik għar-reżiljenza b'mod ibbilanċjat.*

Għall-implimentazzjoni tal-kriterji msemmija fil-paragrafu 2a ta' dan l-Artikolu, l-awtoritajiet kontraenti jew l-entitajiet kontraenti jirreferu għall-aktar data reċenti li tiddaħħal fil-lista msemmija fl-Artikolu 22(2) ta' dan ir-Regolament, u l-orijini tal-provvista għandha tiġi ddeterminata f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 952/2013.

4. *B'deroga mill-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, l-awtorità kontraenti jew l-entità kontraenti ma għandhomx ikunu obbligati japplikaw il-kunsiderazzjonijiet relatati mal-kontribut tat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti għas-sostenibbiltà u r-reżiljenza meta l-applikazzjoni tagħhom tkun tobbliga b'mod ċar lil dik l-awtorità jew entità sabiex takkwista tagħmir li jkollu kostijiet sproporzjonati ■ . Id-differenzi fil-kostijiet għandhom jiġu kkalkulati biss għall-kost tat-tagħmir, esklużi s-servizzi relatati, u jistgħu jiġu preżunti mill-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti bħala sproporzjonati meta jkunu oġhla minn 30 %, meta mqabbla ma' offerta mingħajr il-kontribut għas-sostenibbiltà u r-reżiljenza. Din id-dispożizzjoni għandha tkun mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li jiġu esklużi offerti baxxi b'mod anormali skont l-Artikolu 69 tad-Direttiva 2014/24/UE u l-Artikolu 84 tad-Direttiva 2014/25/UE, ■ mingħajr preġudizzju għal kriterji oħra għall-aġġudikazzjoni ta' kuntratti u ta' esklużjoni skont il-leġiżlazzjoni tal-UE, u mingħajr preġudizzju għall-prerogattiva tal-awtoritajiet kontraenti li jifformulaw speċifikazzjonijiet tekniċi f'konformità mal-Artikolu 42 tad-Direttiva 2014/24/UE sabiex jiġi żgurati li l-applikazzjoni tal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu ma twassalx għall-akkwist ta' tagħmir inkompatibbli li jeħtieġ kostijiet għoljin b'mod mhux raġonevoli biex tiġi żgurata l-kompatibbiltà mat-tagħmir eżistenti.*

Il-Pjattaforma għal Ewropa b'Emissjonijiet Żero Netti tista' toħroġ rakkomandazzjonijiet lill-awtoritajiet u lill-entitajiet kontraenti madwar l-Unjoni

rigward limiti ogħla xierqa għad-definizzjoni ta' kostijiet sproporzjonati fid-dawl taċ-ċirkostanzi tas-suq għal teknoloġiji speċifiċi b'emissjonijiet zero netti.

L-Istati Membri jistgħu jaġġustaw il-baġits ġenerali tagħhom allokatu għall-proċeduri ta' akkwist pubbliku kif ukoll il-livelli massimi relatati tal-offerti sabiex jakkomodaw l-implimentazzjoni tal-kriterji mhux tal-prezz.

4a. L-awtoritajiet kontraenti għandhom japplikaw il-kundizzjonijiet ta' prekwalfikazzjoni li ġejjin għall-proċeduri ta' akkwist skont dan l-Artikolu:

- (a) mhux aktar minn 50 % tal-parti tal-offerta għal teknoloġija b'emissjonijiet zero netti, imkejla fil-valur finanzjarju tat-tagħmir kif iddeterminat f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 952/2013, għandha toriġina minn pajjiżi terzi li mhumiex firmatarji tal-GPA;*
- (b) it-tagħmir kollu fornut taħt il-parti tal-offerta għal teknoloġija b'emissjonijiet zero netti għandu jiġi ċċertifikat f'termini ta' ċibersigurtà sa fejn ikun jeżisti qafas ta' ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà tal-Unjoni jew nazzjonali għat-tagħmir;*
- (c) l-operaturi ekonomiċi li jfornu l-parti tat-teknoloġija b'emissjonijiet zero netti tal-offerta ma għandhomx ikunu soġġetti għal miżura IPI kif definita fir-Regolament (UE) 2022/1031, b'mod partikolari l-Artikoli 6 u 8 tiegħu.*

Fejn l-applikazzjoni ta' dawk il-kundizzjonijiet ta' prekwalfikazzjoni fi proċedura ta' akkwist ma tirriżulta fl-ebda offerta xierqa, l-awtorità kontraenti tista' terġa' tibda l-proċedura mingħajr l-applikazzjoni tal-kundizzjonijiet ta' prekwalfikazzjoni tal-punti (a) u (c) ta' dan il-paragrafu.

4b. Stat Membru ma għandux jiddiskrimina jew jagħti trattament differenti mhux iġġustifikat lil fornituri jew lil prodotti b'emissjonijiet zero netti minn Stat Membru ieħor, abbażi tal-kriterji ta' sostenibbiltà u reżiljenza.

Irkantijiet għall-użu ta' sorsi tal-enerġija rinnovabbli

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4 tad-Direttiva (UE) 2018/2001 ***tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***¹ u l-Artikoli 107 u 108 ***tat-TFUE***, u għall-impenji internazzjonali tal-Unjoni inkluż il-GPA u ftehimiet internazzjonali oħra li bihom hija marbuta l-Unjoni, l-Istati Membri, l-awtoritajiet reġjonali jew lokali, il-korpi rregolati mid-dritt pubbliku jew minn assoċjazzjonijiet iffurmati minn tali awtorità waħda jew aktar jew minn tali korp wieħed jew aktar irregolati mid-dritt pubbliku, għandhom jivvalutaw il-kontribut għas-sostenibbiltà u r-reżiljenza kif imsemmi ***fl-Artikoli 19(2) u (2a)*** ta' dan ir-Regolament meta jfasslu l-kriterji li jintużaw għall-ikklassifikar tal-offerti fil-qafas tal-irkantijiet, li l-għan tagħhom huwa li jappoġġaw il-produzzjoni jew il-konsum tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli kif definit fl-Artikolu 2(1) tad-Direttiva (UE) 2018/2001. ***Dan ma għandux jipprekludi lil dawk l-entitajiet milli jużaw kriterji oħra mhux tal-prezz.***
2. Il-kontribut għas-sostenibbiltà u r-reżiljenza għandu jingħata piż ta' bejn ***35 % u 50 %*** tal-kriterji għall-aġġudikazzjoni, ***filwaqt li jitqies kemm il-kontribut għas-sostenibbiltà kif ukoll dak għar-reżiljenza b'mod ibbilanċjat***, mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li tingħata ponderazzjoni oġġla lill-kriterji fl-Artikolu 19(2)(a) u (b), fejn applikabbli skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, u ta' kwalunkwe limitu għall-kriterji mhux tal-prezz stabbiliti skont ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat. ***Meta jintgħażlu, jitfasslu u jiġu implimentati l-kriterji konkreti mhux tal-prezz bħala parti mill-kontribut għas-sostenibbiltà u r-reżiljenza, jeħtieġ li jitqiesu u jiġu indirizzati b'mod effettiv il-karatteristiċi speċifiċi għat-teknoloġija.***
3. L-Istati Membri, l-awtoritajiet reġjonali jew lokali, il-korpi rregolati mid-dritt pubbliku jew l-assoċjazzjonijiet iffurmati minn tali awtorità waħda jew aktar jew minn tali korp wieħed jew aktar irregolati bil-liġi pubblika ma għandhomx ikunu obbligati japplikaw il-kunsiderazzjonijiet relatati mal-kontribut tat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti għas-sostenibbiltà u r-reżiljenza meta l-applikazzjoni tagħhom tkun tobbliga lil dawk l-entitajiet jakkwistaw tagħmir li jkollu kostijiet sproporzjonati ■ . Id-differenzi fil-

¹ ***Id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 82)***

kostijiet ta' aktar minn 10 % jistgħu jiġu preżunti li huma sproporzjonati mill-awtoritajiet kontraenti u mill-entitajiet kontraenti *meta l-kostijiet tal-appoġġ offrut mis-settur pubbliku għall-proġett ikunu aktar minn 15 % ogħla, meta mqabbla ma' proċedura mingħajr il-kontributi għas-sostenibbiltà u r-reżiljenza. Dan il-paragrafu għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-prerogattiva tal-awtoritajiet kontraenti li jifformulaw speċifikazzjonijiet tekniċi f'konformità mal-Artikolu 42 tad-Direttiva 2014/24 sabiex jiġi żgurat li l-applikazzjoni ta' dan il-paragrafu ma twassalx għall-akkwist ta' tagħmir inkompatibbli li jirrikjedi kostijiet għoljin b'mod mhux raġonevoli biex tiġi żgurata l-kompatibbiltà mat-tagħmir eżistenti.*

L-Istati Membri jistgħu jaġġustaw il-baġits ġenerali tagħhom allokatu għall-irkantijiet tal-enerġija rinnovabbli kif ukoll il-livelli massimi relatati tal-offerti sabiex jakkomodaw l-implimentazzjoni tal-kriterji mhux tal-prezz.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-irkanti jinkludu mekkaniżmu ta' indeksazzjoni tal-inflazzjoni. Offerti negattivi għandhom, fejn xieraq, jiġu esklużi mill-irkanti.

3a. *L-awtoritajiet għandhom japplikaw il-kundizzjonijiet ta' prekwalfikazzjoni li ġejjin għall-irkantijiet skont dan l-Artikolu:*

- (a) mhux aktar minn 50 % tal-parti tal-offerta għal teknoloġija b'emissjonijiet żero netti, imkejla fil-valur finanzjarju tat-tagħmir kif iddeterminat f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 952/2013, għandha toriġina minn pajjiżi terzi li mhumiex firmatarji tal-GPA;*
- (b) it-tagħmir kollu furnut taħt il-parti tal-offerta għal teknoloġija b'emissjonijiet żero netti tal-offerta għandu jiġi ċċertifikat f'termini ta' ċibersigurtà sa fejn ikun jeżisti qafas ta' ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà Ewropew jew nazzjonali għat-tagħmir;*
- (c) l-operaturi ekonomiċi li jfornu l-parti tal-offerta għal teknoloġija b'emissjonijiet żero netti ma għandhomx ikunu soġġetti għal miżura IPI kif definita fir-Regolament (UE) 2022/1031, b'mod partikolari l-Artikoli 6 u 8 tiegħu.*

Fejn l-applikazzjoni ta' dawk il-kundizzjonijiet ta' prekwalfikazzjoni f'irkant ma tirriżulta fl-ebda offerta xierqa, l-awtorità kontraenti tista' terġa' tibda l-irkant mingħajr l-applikazzjoni tal-kundizzjonijiet ta' prekwalfikazzjoni tal-punti (a) u (c).

Artikolu 20a

Gwida tal-Kummissjoni

1. *Sa ... [sitt xhur mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha ttipprovdi gwida ċara dwar l-implimentazzjoni konkreta tal-Artikolu 19 flimkien mal-Artikolu 20 tar-Regolament, billi ttiprovdi:*
 - (a) *katalgu ta' kriterji mhux tal-prezz potenzjali konkreti u speċifiċi għat-teknoloġija għall-irkantijiet tal-enerġija rinnovabbli, li għandu jagħmel distinzjoni bejn il-kriterji mhux tal-prezz xierqa għall-proċessi tal-offerti kompetittivi u l-kriterji mhux tal-prezz xierqa bħala rekwiżiti ta' prekwalfikazzjoni fl-irkantijiet tal-enerġija rinnovabbli.*
 - (b) *metodoloġija dwar kif jiġi vvalutat il-kontribut tal-offerta għas-sostenibbiltà ambjentali u soċjali u r-reżiljenza msemmija fl-Artikolu 19(2), il-punti (a) u (d);*
 - (c) *metodoloġija dwar kif jiġu vvalutati d-differenzi fil-kostijiet imsemmija fl-Artikolu 20(3).*
2. *Il-Kummissjoni għandha tevalwa l-kontribut tal-kriterji mhux tal-prezz ta' dan ir-Regolament li għandhom l-għan li jinċentivaw l-innovazzjoni meħtieġa biex jintlaħqu l-miri tal-enerġija u klimatiċi tal-Unjoni għall-2030 u l-2050 u tirrapporta lill-Parlament Ewropew sa ... [sentejn wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. Jekk ikun meħtieġ, il-Kummissjoni għandha timmodifika l-kontribut tal-kriterji mhux tal-prezz sabiex trawwem il-manifattura fl-Unjoni, filwaqt li tiżgura standards ambjentali u tas-sostenibbiltà għoljin, tiżviluppa ktajjen tal-valur madwar l-Unjoni u żżid il-kompetittività tan-negożji tal-Unjoni fil-livell globali.*

Artikolu 20b

Akkwist prekkummerċjali u akkwist pubbliku ta' soluzzjonijiet kummerċjali innovattivi

1. *L-Istati Membri għandhom ifittxu li jużaw akkwisti prekkummerċjali għal teknoloġiji prekkummerċjali innovattivi b'emissjonijiet żero netti u l-akkwisti pubbliċi ta'*

teknoloġiji innovattivi kummerċjali b'emissjonijiet żero netti fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Pjanijiet Nazzjonali tagħhom għall-Enerġija u l-Klima. Kemm l-akkwist prekummerċjali kif ukoll l-akkwist pubbliku ta' soluzzjonijiet kummerċjali innovattivi jistgħu jiġu kkomplementati b'finanzjament fil-livell tal-Unjoni fi ħdan il-qafas ta' Programmi tal-Unjoni eżistenti għall-akkwist prekummerċjali jew l-akkwist pubbliku ta' soluzzjonijiet kummerċjali innovattivi konġunti madwar l-Istati Membri.

2. *Il-Pjanijiet Nazzjonali tagħhom għall-Enerġija u l-Klima (NECPs), kif ukoll l-aġġornamenti u r-rapporti tal-NECPs għandhom jiddeskrivu fid-dettall iż-żmien tal-akkwisti prekummerċjali u tal-akkwisti pubbliċi ta' soluzzjonijiet kummerċjali innovattivi u l-oġettivi tagħhom. Il-Pjattaforma għal Ewropa b'Emissjonijiet Żero Netti għandha theggi rakkomandazzjonijiet dwar it-tfassil tal-akkwist prekummerċjali jew l-akkwist pubbliku ta' soluzzjonijiet kummerċjali innovattivi.*

Artikolu 21

Forom oħra ta' intervent pubbliku

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 107 u 108 *tat-TFUE* u l-Artikolu 4 tad-Direttiva (UE) 2018/2001¹ u f'konformità mal-impenji internazzjonali tal-Unjoni, meta jiddeċiedu li jistabbilixxu skemi li jkunu ta' benefiċċju għall-unitajiet domestiċi, *għan-negozji* jew għall-konsumaturi li jinċentivaw ix-xiri ta' prodotti finali ta' teknoloġija b'emissjonijiet żero netti elenkati *fl-Artikolu 3a(1) ta' dan ir-Regolament*, l-Istati Membri, l-awtoritajiet reġjonali jew lokali, il-korpi rregolati bil-liġi pubblika jew l-assoċjazzjonijiet iffurmati minn tali awtorità jew awtoritajiet jew minn tali korp jew korpi rregolati bil-liġi pubblika, għandhom ifassluhom b'tali mod li jippromwovu x-xiri mill-benefiċjarji ta' prodotti finali ta' teknoloġija b'emissjonijiet żero netti b'kontribut għoli għas-sostenibbiltà u r-reżiljenza kif imsemmi fl-Artikolu 19(2) ta' dan ir-Regolament, billi jipprovdu kumpens finanzjarju proporzjonat addizzjonali.
2. Il-kumpens finanzjarju addizzjonali mogħti mill-awtoritajiet f'konformità mal-paragrafu 1, minħabba l-applikazzjoni tal-kriterji msemmija fl-Artikolu 19(2), *il-punti*

¹ Id-Direttiva 2018/2001/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli.

(b), (c) u (d) **u l-Artikolu 19(2a)** ma għandux jaqbeż it-5 % tal-kost tal-prodott finali ta' teknoloġija b'emissjonijiet zero netti għall-konsumatur, **ħlief għal skemi li għandhom fil-mira ċittadini li jgħixu f'faqar enerġetiku f'liema każ il-limitu għandu jkun 15 %.**

3. Meta tfassal u timplimenta skema li taqa' taħt il-paragrafu 1, l-awtorità għandha tibbaża fuq proċess miftuħ, mhux diskriminatorju u trasparenti biex tivvaluta l-kontribut għar-reżiljenza u s-sostenibbiltà tal-prodotti disponibbli fis-suq. Kwalunkwe prodott finali ta' teknoloġija b'emissjonijiet zero netti għandu jkun intitolat li japplika biex jissieħeb fl-iskema fi kwalunkwe ħin. L-awtorità għandha tispeċifika l-minimu meħtieġ biex il-prodotti jkunu eliġibbli għall-kumpens finanzjarju addizzjonali fl-ambitu tal-iskema ta' appoġġ.
4. L-Istati Membri għandhom jipubblikaw fuq sit web uniku b'aċċess liberu l-informazzjoni kollha relatata mal-iskemi skont l-Artikolu 21(1) għal kull prodott ta' teknoloġija b'emissjonijiet zero netti rilevanti.

Artikolu 22

Koordinazzjoni tal-aċċess għall-inizjattivi tas-swieq

1. ***Sa ... [12-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 34(3) li jispeċifika l-kriterji għall-valutazzjoni tal-kontribut għar-reżiljenza u s-sostenibbiltà tal-prodotti disponibbli koperti mill-forom ta' intervent pubbliku koperti mill-Artikoli 19, 20 u 21, f'konformità ma' dispożizzjonijiet simili f'leġiżlazzjoni oħra eżistenti, u li jistabbilixxi l-kriterji għal deroga kif previst fl-Artikolu 19(4). Il-Kummissjoni għandha tqis il-kuntest speċifiku tal-SMEs.***
 - 1a. ***F'każ ta' kunflitt bejn il-kriterji differenti ta' aġġudikazzjoni u ta' sostenibbiltà stabbiliti skont atti legali oħra tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandha tipprovdi gwida dwar kif dawk id-dispożizzjonijiet jeżistu flimkien. Il-Kummissjoni għandha tirrieżamina u, fejn meħtieġ, taġġorna l-gwida tagħha kull sitt xhur.***
2. Il-Kummissjoni għandha tagħmel disponibbli u taġġorna regolarment lista ta' kull wieħed mill-prodotti finali ta' teknoloġija b'emissjonijiet zero netti elenkati **fl-**

Artikolu 3, diżaggregati skont is-sehem tal-provvista tal-Unjoni li toriġina minn pajjiżi terzi differenti fl-aħħar sena li għaliha tkun disponibbli d-data. ***Il-Kummissjoni u l-Pjattaforma għal Ewropa b'Emissjonijiet Żero Netti għandhom jikkonsultaw mal-assoċjazzjonijiet tal-partijiet ikkonċernati industrijali u mal-atturi industrijali għal dan l-għan.***

3. Il-Pjattaforma għal Ewropa b'Emissjonijiet Żero Netti għandha tiddiskuti l-miżuri mwettqa mill-Istati Membri biex jimplimentaw l-Artikoli 19 u 21 u jiskambjaw l-aħjar prattiki, fost l-oħrajn, fir-rigward tal-użu prattiku tal-kriterji li jiddefinixxu l-kontribut għas-sostenibbiltà u r-reżiljenza fl-akkwist pubbliku, jew skemi li jinċentivaw ix-xiri ta' prodotti finali ta' teknoloġija b'emissjonijiet żero netti.

Kapitolu V.

Tisħiħ tal-ħiliet għall-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità

Article 23

Akkademji Ewropej tal-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti

1. ***Abbażi tal-eżerċizzju ta' mmappjar u kif imsemmi fl-Artikolu 23a***, il-Kummissjoni għandha tappoġġa, inkluż permezz tal-għoti ta' finanzjament inizjali, l-istabbiliment ta' Akkademji Ewropej tal-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti ***bħala network ta' esperti fit-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti***, li għandhom bħala l-oġettivi tagħhom li:
 - (a) jiżviluppaw programmi ta' taġġim, kontenut u materjal ta' taġġim u taħriġ għat-taħriġ u l-edukazzjoni dwar l-iżvilupp, il-produzzjoni, l-installazzjoni, l-ikkummissjonar, it-tħaddim, iż-żamma u r-riċiklaġġ ta' teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti ***u***, dwar il-materja prima ***li għet identifikati mill-eżerċizzju tal-mappjar***, kif ukoll biex jappoġġaw il-kapaċitajiet tal-awtoritajiet pubbliċi kompetenti sabiex joħroġu permessi u awtorizzazzjonijiet imsemmija fil-Kapitolu II u l-awtoritajiet kontraenti msemmija fil-Kapitolu IV ta' dan ir-Regolament;
 - (aa) ***jiżguraw li l-programmi ta' taġġim żviluppanti jiffaċilitaw l-akkwist u t-tisħiħ ta' kompetenzi trasversali, lil hinn mill-ħiliet li jkunu speċifiċi għal teknoloġija partikolari jew settur partikolari, biex jiffaċilitaw l-adattament minn industrija***

għal oħra, filwaqt li jippermettu lill-istudenti jkunu mobbli u adattabbli għas-sitwazzjoni dejjem tinbidel fis-suq tax-xogħol u lil hinn minnha;

- (ab) jiżguraw li l-programmi ta' tagħlim ikun fihom informazzjoni u taħriġ aġġornati rilevanti u aċċessibbli dwar kwistjonijiet ta' saħħa u sikurezza kif ukoll informazzjoni rilevanti dwar id-drittijiet tal-ħaddiema u l-kundizzjonijiet tax-xogħol;*
- (ac) jimmiraw li jippermettu t-taħriġ u l-edukazzjoni ta' 100 000 student għal kull Akkademja, fi żmien tliet snin mill-istabiliment tagħhom billi jinkoraġġixxu t-tagħlim professjonali tul il-ħajja u t-titjib tal-ħiliet jew it-taħriġ mill-ġdid, inkluż permezz ta' apprendistati, programmi ta' mentoraġġ kif ukoll programmi ta' taħriġ fuq żmien qasir jew twil;*
- (b) jippermettu u jipromwovu l-użu tal-programmi ta' tagħlim, tal-kontenut u tal-materjali mill-fornituri tal-edukazzjoni u t-taħriġ fl-Istati Membri, bħal universitajiet, universitajiet tar-riċerka, universitajiet tax-xjenzi applikati u alleanzi ta' universitajiet, impriżi li jipprovdu tali edukazzjoni u taħriġ, inklużi SMEs, negozji ġodda u intrapriżi soċjali, sħab soċjali, u permezz tat-taħriġ ta' min iħarreġ;*
- (ba) jiżviluppaw mekkaniżmi biex tiġi żgurata l-kwalità tat-taħriġ offrut mill-fornituri tal-edukazzjoni u tat-taħriġ fl-Istati Membri u, meta applikabbli, f'pajjiżi assoċjati mal-programmi ta' riċerka u innovazzjoni tal-Unjoni, bħal Orizzont Ewropa u Ewropa Diġitali, abbażi ta' programmi ta' tagħlim, kontenut u materjali tal-Akkademji Ewropej tal-Industrija b'Emissjonijiet Zero Netti;*
- (bb) jikkontribwixxu għall-objettiv fit-tul li fl-istess ħin l-Unjoni tiġi industrijalizzata mill-ġdid u dekarbonizzata kif ukoll jikkontribwixxu għall-awtonomija strateġika miftuħa tagħha u jindirizzaw il-ħtieġa għal teknoloġiji magħmula fl-Unjoni b'emissjonijiet żero netti u ħaddiema tas-sengħa;*
- (c) jiżviluppaw u jużaw kredenzjali, inklużi mikrokredenzjali, biex tiġi ffaċilitata r-rikonoxximent tal-ħiliet miksuba sabiex tissaħħaħ it-trasferibbiltà bejn l-impjiegi u l-industriji, tiġi ffaċilitata l-mobbiltà transfruntiera tal-forza tax-xogħol, u biex jiġi promoss it-tqabbil mal-impjiegi ta' kwalità rilevanti permezz*

ta' għodod bħan-network tas-Servizzi Ewropej tax-Xogħol (EURES) u l-EURAXESS.

2. L-Akkademji Ewropej tal-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti għandhom jiġġieldu l-istereotipi marbuta mal-ġeneru *u għandhom jippromwovu aċċess ugwali għall-kontenut tat-tagħlim għal kulħadd, filwaqt li jagħtu attenzjoni partikolari għall-ħtieġa li jiġu attivati aktar nisa u żgħażagħ, b'mod partikolari lil dawk li ma humiex fl-educazzjoni, fl-impjeg jew fit-taħriġ (NEETs), lill-persuni akbar fl-età, lill-ħaddiema fi professjonijiet li huma f'riskju li jisparixxu jew li l-kontenut u l-kompiti tagħhom qed jiġu ttrasformati ħafna minn teknoloġiji ġodda u lil persuni li jaħdmu f'reġjuni fi tranżizzjoni. L-Akkademji Ewropej tal-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti għandhom jippromwovu d-diversità u l-inklużività tal-persuni b'diżabbiltà, tal-migranti u tal-persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli.*

Article 23a

L-istabbiliment u l-governanza tal-Akkademji Ewropej tal-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti

Eżerċizzju ta' mmappjar għandu jidentifika n-nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet f'setturi industrijali ewlenin u f'industriji b'emissjonijiet żero netti abbażi tal-ħtiġijiet tat-trasformazzjoni industrijali u tad-dekarbonizzazzjoni u jivvaluta l-aċċess għal opportunitajiet ta' taħriġ relatati ma' tali teknoloġiji fil-livell nazzjonali.

L-eżerċizzju ta' mmappjar għandu janalizza l-kawżi ewlenin ta' tali nuqqasijiet, speċjalment dawk relatati mal-kwalità tal-offerta ta' impjeg, u b'hekk jivvaluta jekk humiex meħtieġa miżuri addizzjonali biex jiġu attirati aktar ħaddiema mil-livelli kollha ta' kwalifiki f'ċerti industriji.

Jekk, abbażi tal-eżerċizzju ta' mmappjar, jiġi identifikat livell kritiku ta' nuqqas ta' ħiliet f'teknoloġija strateġika b'emissjonijiet żero netti, il-Kummissjoni għandha toħroġ sejħa għal proposti għall-istabbiliment ta' Akkademji Ewropej tal-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti.

Il-membri tal-Akkademji tal-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti għandhom jinkludu diversi atturi, bħal industriji li fihom l-użu ta' teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti huwa kruċjali fil-ktajjen tal-valur tagħhom, fornituri tal-educazzjoni u t-taħriġ, sħab soċjali u impriżi inklużi l-SMEs. Il-kompożizzjoni tal-membri għandha, fejn possibbli, timmira għal bilanċ ġeografiku fl-Istati Membri kollha, filwaqt li tiżgura li l-kontenut tat-tagħlim żviluppat

mill-Akkademji Ewropej tal-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti jkun disponibbli b'lingwi differenti sabiex il-programmi ta' tagħlim jiġu aċċessati minn massimu ta' studenti, speċjalment fost l-aktar gruppi vulnerabbli.

Pakkett finanzjarju ta' mill-anqas EUR 102 000 000 fi prezzijiet kurrenti għandu jsir disponibbli għall-istabbiliment u l-funzjonament tal-Akkademji Ewropej b'Emissjonijiet Żero Netti bejn l-1 ta' Jannar 2024 u l-31 ta' Diċembru 2027. L-Istati Membri għandhom jagħmlu użu mill-fondi rilevanti tal-Unjoni b'mod partikolari l-FSE+, għal użu effettiv tal-kontenut tat-tagħlim tal-Akkademji, u għandhom jipprovdu informazzjoni lill-Kummissjoni dwar kemm ġew allokatu fondi tal-Unjoni biex jinkiseb dak l-oġettiv.

Tliet snin wara l-istabbiliment tagħhom, l-Akkademji Ewropej tal-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti għandhom isiru finanzjarjament sostenibbli billi jirċievu kontribuzzjonijiet finanzjarji mis-settur privat.

Il-Pjattaforma għal Ewropa b'Emissjonijiet Żero Netti stabbilita skont l-Artikolu 28(1) għandha tissorvelja l-ħidma tal-Akkademji Ewropej tal-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti u għandha toħroġ rapport sal-31 ta' Diċembru 2026 dwar l-użu tal-programmi ta' tagħlim tagħhom.

Mingħajr dewmien wara d-dħul fis-seħħ, il-Kummissjoni għandha tnedi l-proċess ta' mmappjar u toħroġ l-ewwel sejħa għal proposti biex jiġu stabbiliti l-Akkademji Ewropej b'Emissjonijiet Żero Netti, li jistgħu jibbenefikaw mix-xogħol u mill-proġetti eżistenti tal-atturi rilevanti u tal-Istati Membri.

Sal-[31 ta' Diċembru 2024], għandhom jiġu stabbiliti l-Akkademji Ewropej tal-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti.

Sal-[31 ta' Diċembru 2025], l-Akkademji Ewropej tal-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti għandhom jibdew jipprovdu u jxerrdu kontenut ta' tagħlim inizjali. Il-fażi tal-użu tal-kontenut ta' tagħlim għandha tagħti attenzjoni partikolari lir-reġjuni fi trasformazzjoni industrijali, b'nuqqas kritiku ta' ħiliet jew lil dawk b'rata għolja ta' qgħad, b'mod partikolari l-qgħad fost iż-żgħażaġh.

Artikolu 24

Professjonijiet regolati f'Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti u r-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali

1. Sal-31 ta' Diċembru 2024 u kull sentejn wara dan, l-Istati Membri għandhom jidentifikaw jekk il-programmi ta' taġlim żviluppatti mill-akkademji Ewropej tal-industrija b'emissjonijiet żero netti humiex ekwivalenti għall-kwalifiki speċifiċi meħtieġa mill-Istat Membru ospitanti biex jaċċessa attivitajiet regolati fl-ambitu ta' professjoni b'interess partikolari għall-industrija b'emissjonijiet żero netti ***biex fl-istess ħin issir industrijalizzazzjoni mill-ġdid u dekarbonizzazzjoni bl-għan li l-kwalifiki mitluba jiġu allinjati, filwaqt li jiġu koperti kemm il-kwalifiki tekniċi kif ukoll dawk akkademiċi***. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-riżultati tal-valutazzjonijiet jiġu ppubblikati u aċċessibbli faċilment online. ***F'każ li l-programmi ta' taġlim jitqiesu li mhumiex ekwivalenti għall-kwalifiki mitluba mill-Istat Membru ospitanti biex ikun hemm aċċess għall-attivitajiet irregolati, dak l-Istat Membru għandu jispjega d-differenzi lill-Kummissjoni Ewropea u jispeċifika kif tinkiseb l-ekwivalenza***.
2. Jekk Stat Membru jikkonkludi li hemm ekwivalenza, kif deskritt fl-ewwel paragrafu ta' dan l-Artikolu, dan għandu, ***f'konformità mad-dritt u l-prattika nazzjonali, jiżgura li*** jiffaċilita r-rikonossiment tal-kredenzjali maħruġa mill-fornituri tal-edukazzjoni u t-taħriġ abbażi tal-programmi ta' taġlim żviluppatti mill-akkademji, skont it-Titolu III, il-Kapitolu I tad-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹, kull meta detentur ta' tali kredenzjali jitlob aċċess għal professjoni regolata skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(a) tad-Direttiva 2005/36/KE, u ta' importanza partikolari għall-industrija b'emissjonijiet żero netti, billi jiġu aċċettati l-kredenzjali bħala evidenza suffiċjenti ta' kwalifiki formali.
3. Meta l-aċċess għal professjoni ta' importanza partikolari għall-industrija b'emissjonijiet żero netti jkun regolat skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(a) tad-Direttiva 2005/36/KE, l-Istati Membri għandhom jaħdmu lejn l-iżvilupp ta' sett komuni ta' għarfien minimu, il-ħiliet u l-kompetenzi meħtieġa għat-tweġiq ta' din il-professjoni speċifika bil-għan li jiġi stabbilit Qafas Komuni ta' Taħriġ kif imsemmi fl-Artikolu 49a (1) tad-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill biex ikun jista' jsir rikonossiment awtomatiku tal-kwalifiki. Il-Pjattaforma tal-Industrija

¹ Id-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar ir-Rikonossiment ta' Kwalifiki Professjonali (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) (ĠU L 255, 30.9.2005, p. 22).

b'Emissjonijiet Żero Netti tista' tissottometti wkoll suġġerimenti kif imsemmi fl-Artikolu 49a (3) tad-Direttiva 2005/36/KE.

Artikolu 25

Pjattaforma għal Ewropa b'Emissjonijiet Żero Netti u l-ħiliet

Il-Pjattaforma għal Ewropa b'Emissjonijiet Żero Netti msemmija fl-Artikolu 28 għandha tappoġġa d-disponibbiltà u l-użu tal-ħiliet f'teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti, u fl-awtoritajiet kompetenti u fl-awtoritajiet kontraenti msemmija fil-Kapitolu II u fil-Kapitolu IV, permezz tal-kompiti li ġejjin, ***filwaqt li tibni fuq strutturi eżistenti fi ħdan sistemi nazzjonali edukattivi u ta' taħriġ vokazzjonali:***

- (1) tassisti lill-Kummissjoni fil-valutazzjoni, fil-monitoraġġ kontinwu u fit-tbassir tad-domanda u tal-provvista ta' forza tax-xogħol bis-settijiet ta' ħiliet meħtieġa f'teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti u d-disponibbiltà u l-adozzjoni ta' opportunitajiet korrispondenti ta' edukazzjoni u taħriġ, filwaqt li tinforma kif xieraq l-attivitajiet tal-Akkademji Ewropej tal-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti;
- (2) tissorvelja l-attività tal-Akkademji Ewropej tal-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti u, ***abbażi tad-data pprovduta mill-Istati Membri u l-awtoritajiet nazzjonali skont l-Artikolu 31(2), tiġbor informazzjoni dwar l-għadd ta' persuni li jkunu bbenefikaw mill-programmi ta' tagħlim żviluppati mill-Akkademji u tipprovdi data diżaggregata skont is-setturi industrijali, il-ġeneru, l-età, u l-livelli ta' edukazzjoni u ta' kwalifika, trawwem sinerġiji ma' inizjattivi u proġetti oħra ta' ħiliet nazzjonali u tal-Unjoni, u tipprovdi sorveljanza sabiex tattira forza tax-xogħol diversifikata, inkluż permezz ta' kampanji ta' komunikazzjoni mmirati;***
- (3) tassisti l-mobilizzazzjoni tal-partijiet ikkonċernati inklużi l-industrija, ***l-impriżi, inklużi l-SMEs, in-negozji ġodda u l-intrapriżi soċjali***, is-sħab soċjali u l-fornituri tal-edukazzjoni u t-taħriġ, ***bħal universitajiet, universitajiet tar-riċerka, universitajiet tax-xjenzi applikati u alleanzi ta' universitajiet***, għall-implimentazzjoni ta' programmi ***ta' tagħlim*** żviluppati mill-Akkademji Ewropej tal-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti;
- (4) tassisti l-adozzjoni u r-rikonoxximent tal-kredenzjali tat-tagħlim tal-Akkademji Ewropej tal-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti fl-Istati Membri biex jiġu promossi r-rikonoxximent tal-ħiliet u t-tqabbil tal-ħiliet u l-impjiegi, fost l-oħrajn billi

tippromwovi l-validità u l-aċċettazzjoni tal-kredenzjali fis-suq tax-xogħol kollu tal-Unjoni Ewropea **u billi tagħmel enfażi fuq programmi ta' taħriġ fit-tul u apprendistati remunerati;**

- (4a) **tissorvelja l-infurzar tal-adozzjoni u tar-rikonoxximent tal-kredenzjali tat-tagħlim u tikkontribwixxi biex tipprovdni soluzzjonijiet f'każ li jiġu individwati kwistjonijiet ta' nuqqas ta' rikonoxximent;**
- (5) tiffaċilita l-iżvilupp ta' profili ta' okkupazzjoni Ewropej li jikkonsistu f'sett komuni ta' għarfien, ħilet u kompetenzi għall-professjonijiet ewlenin fit-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti, filwaqt li tiżviluppa fost l-oħrajn fuq il-programmi ta' tagħlim żviluppati mill-Akkademji Ewropej tal-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti, u, fejn xieraq, permezz tat-terminoloġija pprovduta mill-klassifikazzjoni Ewropea ta' Ħilet, Kompetenzi, Kwalifiki u Impjiegi (ESCO) biex jiġu ffaċilitati t-trasparenza u l-mobbiltà bejn l-impjiegi u bejn il-fruntieri tas-suq intern;
- (6) tippromwovi **prospetti ta' karriera u kundizzjonijiet tax-xogħol ta' kwalità, inklużi pagi ġusti u adegwati** f'impjiegi f'industriji tat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti **kif ukoll l-attraenza ta' edukazzjoni teknika, l-integrazzjoni** fis-suq tax-xogħol **taż-żgħażaġh, tan-nisa, tal-anzjani u ta' nies minn sfond żvantaġġat** għal industriji tat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti, u l-attrazzjoni ta' ħaddiema tas-sengħa minn pajjiżi terzi **permezz ta' strumenti bħall-Karta Blu Ewropea** u b'hekk tinkiseb forza tax-xogħol aktar diversa;
- (6a) **tinkoraġġixxi u tappoġġa l-mobbiltà tal-ħaddiema madwar l-Unjoni u tippubblika postijiet vakanti permezz tan-network EURES;**
- (7) tiffaċilita koordinazzjoni aktar mill-qrib u l-iskambju tal-aħjar prattiki **u know how** bejn l-Istati Membri, **u fi ħdan is-settur privat** biex itejbu d-disponibbiltà tal-ħilet fit-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti, inkluż billi tikkontribwixxi għall-politiki tal-Unjoni u tal-Istati Membri biex jattiraw talenti ġodda minn pajjiżi terzi **u mil-livelli ta' edukazzjoni kollha.**

Kapitolu VI.

Innovazzjoni

Artikolu 26

Ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja għal teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti

- 1. *Sa ... [tliet xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], l-Istati Membri għandhom jiddeżinjaw jew jistabbilixxu awtorità kompetenti nazzjonali unika li għandha tkun responsabbli għall-ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja għal teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti. Din l-awtorità għandha tkun l-uniku punt ta' kuntatt għal kwalunkwe raggruppament ta' organizzazzjonijiet lesti biex jitolbu l-istabbiliment ta' ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja għal teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti skont dan l-Artikolu.*
1. L-Istati Membri *u, fejn applikabbli, flimkien ma' awtoritajiet lokali u reġjonali u Stati Membri oħra*, jistgħu, fuq inizzjattiva tagħhom stess, jistabbilixxu ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja għal teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti, li jippermettu l-iżvilupp, l-ittestjar u l-validazzjoni ta' teknoloġiji innovattivi b'emissjonijiet żero netti *u teknoloġiji innovattivi oħra*, f'ambjent reali kkontrollat għal żmien limitat qabel it-tqegħid tagħhom fis-suq jew fis-servizz, u b'hekk jissaħħu t-tagħlim regolatorju u l-espansjoni potenzjali u l-użu usa'. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja għal teknoloġiji b'emissjonijiet Żero Netti *f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-industrija u l-istituti ta' riċerka, u fejn rilevanti, mas-sħab soċjali u s-soċjetà ċivili*, f'konformità mal-paragrafu 1 fuq talba ta' kwalunkwe kumpanija li tiżviluppa teknoloġiji innovattivi b'emissjonijiet żero netti, *u teknoloġiji innovattivi oħra*, li tissodisfa l-kriterji tal-eliġibbiltà u tal-għażla msemmija fil-paragrafu 4(a) u li tkun intgħażlet mill-awtoritajiet kompetenti wara l-proċedura tal-għażla msemmija fil-paragrafu 4(b).
2. Il-modalitajiet u l-kundizzjonijiet għall-istabbiliment u t-tħaddim ta' ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja għal teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti skont dan ir-Regolament għandhom jiġu adottati permezz ta' atti ta' implimentazzjoni f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 34(3). Il-modalitajiet u l-kundizzjonijiet għandhom, sa fejn ikun possibbli, jappoġġaw il-flessibbiltà għall-awtoritajiet nazzjonali kompetenti biex jistabbilixxu u joperaw l-ambjenti ta'

esperimentazzjoni regolatorja għal teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti, irawmu l-innovazzjoni u t-tagħlim regolatorju u għandhom b'mod partikolari jqisu è-ċirkostanzi u l-kapaċitajiet speċjali tal-SMEs parteċipanti **u** n-negozji ġodda. L-atti ta' implimentazzjoni msemmija **f'dan il-paragrafu** ■ għandhom jinkludu prinċipji ewlenin komuni dwar il-kwistjonijiet li ġejjin:

- (a) l-eliġibbiltà u l-għażla għall-parteċipazzjoni fl-ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja għal teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti;
- (b) il-proċedura għall-applikazzjoni, il-parteċipazzjoni, il-monitoraġġ, il-ħruġ minn u t-terminazzjoni tal-ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja għal teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti, inkluż il-pjan tal-ambjent ta' esperimentazzjoni u r-rapport tal-ħruġ;
- (c) it-termini u l-kundizzjonijiet applikabbli għall-parteċipanti.

3. Il-parteċipazzjoni fl-ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja għal teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti ma għandhiex taffettwa s-setgħat superviżorji u korrettivi tal-awtoritajiet li jissorveljaw l-ambjent ta' esperimentazzjoni **regolatorja**. L-ittestjar, l-iżvilupp u l-validazzjoni ta' teknoloġiji innovattivi b'emissjonijiet zero netti **u ta' teknoloġiji innovattivi oħra** għandhom isiru taħt is-superviżjoni diretta u l-gwida tal-awtoritajiet kompetenti. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jeżerċitaw is-setgħat superviżorji tagħhom b'mod flessibbli fi ħdan il-limiti tal-leġiżlazzjoni rilevanti, filwaqt li jadattaw il-prattiki regolatorji eżistenti u jużaw is-setgħat diskrezzjonali tagħhom meta jimplimentaw u jinfurzaw id-dispożizzjonijiet legali għal proġett speċifiku ta' ambjent ta' esperimentazzjoni regolatorja għal teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti, bl-objettiv li jiġu eliminati l-ostakli, jittaffa l-piż regolatorju, titnaqqas l-inċertezza regolatorja, u tiġi appoġġata l-innovazzjoni f'teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti.

4. Fejn rilevanti biex jintlaħaq l-objettiv ta' dan l-Artikolu, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw l-għoti ta' derogi jew eżenzjonijiet sal-punt permess mid-dritt tal-Unjoni jew nazzjonali rilevanti. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-pjan tal-ambjent ta' esperimentazzjoni jiżgura r-rispett għall-objettivi ewlenin u r-rekwiżiti essenzjali tal-leġiżlazzjoni **tal-Unjoni** u dik nazzjonali. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li kwalunkwe riskju sinifikanti għas-saħħa, għas-sikurezza jew għall-ambjent identifikat matul l-iżvilupp u l-ittestjar ta' teknoloġiji

innovattivi b'emissjonijiet żero netti **u ta' teknoloġiji innovattivi oħra** jiġi kkomunikat pubblikament u jirriżulta f'sospensjoni immedjata tal-proċess tal-iżvilupp u tal-ittejtjar sakemm tali riskju jiġi mmitigat. Meta l-awtoritajiet kompetenti jqisu li l-proġett propost iqajjem riskji eċċezzjonali għas-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema, tal-popolazzjoni ġenerali, jew tal-ambjent, b'mod partikolari minħabba li huwa relatat mal-ittejtjar, l-iżvilupp jew il-validazzjoni li jinvolvu sustanzi partikolarment tossiċi, dawn għandhom japprovaw biss il-pjan tal-ambjent ta' esperimentazzjoni **regolatorja** ladarba jkunu sodisfatti li ġew stabbiliti salvagwardji adegwati proporzjonati mar-riskju eċċezzjonali identifikat.

5. Sakemm il-parteeipant(i) jirrispetta(w) il-pjan tal-ambjent ta' esperimentazzjoni u t-termini u l-kundizzjonijiet għall-parteeipazzjoni tagħhom maħruġa f'konformità ma' dan l-Artikolu u kif imsemmi fil-paragrafu 2 u jsegwu b'rieda tajba l-gwida mogħtija mill-awtoritajiet, l-ebda multa amministrattiva jew penali oħra ma għandha tiġi imposta mill-awtoritajiet għall-ksur tal-leġiżlazzjoni applikabbli tal-Unjoni jew tal-Istati Membri relatata mat-teknoloġija b'emissjonijiet żero netti ssorveljata fl-ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja.
6. Il-parteeipanti fl-ambjenti innovattivi ta' esperimentazzjoni regolatorja għal teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti għandhom jibqgħu responsabbli skont il-leġiżlazzjoni dwar ir-responsabbiltà applikabbli tal-Unjoni u tal-Istati Membri għal kwalunkwe ħsara kkawżata lil partijiet terzi bħala riżultat tal-ittejtjar li jseħħ fl-ambjent ta' esperimentazzjoni regolatorja.
7. It-tul ta' żmien tal-ambjent ta' esperimentazzjoni regolatorja għal teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti jista' jiġi estiż permezz tal-istess proċedura bi qbil mal-awtorità nazzjonali kompetenti.
8. L-ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja għal teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti għandhom jitfasslu u jiġu implimentati b'tali mod li, fejn rilevanti, jiffaċilitaw il-kooperazzjoni transfruntiera bejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. L-Istati Membri li jkunu stabbilew ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja għal teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti għandhom jikkoordinaw l-attivitajiet tagħhom u jikkooperaw fil-qafas tal-Pjattaforma għal Ewropa b'Emissjonijiet Żero Netti bl-oġettivi tal-kondiviżjoni tal-informazzjoni rilevanti. Dawn għandhom jirrapportaw kull sena lill-Kummissjoni dwar ir-riżultati tal-implimentazzjoni tal-ambjenti ta' esperimentazzjoni

regolatorja, inklużi l-prattiki tajbin, it-tagħlimiet meħuda u r-rakkomandazzjonijiet dwar l-istabbiliment tagħhom u, fejn rilevanti, dwar l-applikazzjoni fi ħdan l-ambjent ta' esperimentazzjoni regolatorja ta' dan ir-Regolament u leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni b' mod adattat għall-finijiet tal-ambjent ta' esperimentazzjoni.

Artikolu 26a

Innovazzjoni għall-kompetittività u d-dekarbonizzazzjoni

Il-miżuri f'din it-Taqsima għandu jkollhom l-għan li jaċċelleraw l-innovazzjoni fit-teknoloġiji tal-enerġija fi ħdan l-Unjoni, sabiex jaċċelleraw l-użu ta' dawk it-teknoloġiji biex irawmu l-isforzi ta' dekarbonizzazzjoni tal-Unjoni kif ukoll biex iżidu l-kompetittività globali tal-industrija b'emissjonijiet żero netti tal-Unjoni bl-għan li tiġi żgurata l-awtonomija miftuħa strateġika tal-Unjoni billi tiżdied l-esportazzjoni ta' dawk it-teknoloġiji kif ukoll il-provvista lokali.

Artikolu 26b

Il-Prinċipju tal-Innovazzjoni

Mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi tagħha skont it-Trattati, u f'konformità mal-Linji Gwida tagħha għal Regolamentazzjoni Aħjar tat-3 ta' Novembru 2021, il-Kummissjoni għandha tapplika l-prinċipju tal-innovazzjoni, kif deskritt fl-Għodda għal Regolamentazzjoni Aħjar #22 kif ukoll fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Mejju 2018 bit-titolu "Aġenda Ewropea għar-Riċerka u l-Innovazzjoni mġedda – l-opportunità tal-Ewropa li ssawwar il-ġejjieni tagħha", matul it-tħejjija ta' atti legali ġodda tal-Unjoni kif ukoll matul ir-rieżami u r-reviżjoni tal-atti legali eżistenti tal-Unjoni, bil-ħsieb li jiġi żgurat li l-qafas regolatorju tas-suq intern irawwem u jappoġġa l-innovazzjoni.

Artikolu 26c

Il-Bord tal-Pjan SET

- 1. Għall-fini tal-istabbiliment u l-implimentazzjoni tal-Pjan SET imsemmi fl-Artikolu 26d, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi Bord tal-Pjan SET. Il-Bord tal-Pjan SET għandu jkun responsabbli għad-direzzjoni strateġika kif ukoll għad-deċiżjonijiet ġenerali, inkluż id-deċiżjoni dwar it-teknoloġiji li għandhom jiġu inklużi, dwar il-Pjan SET u l-implimentazzjoni tiegħu.*

2. *Il-Bord tal-Pjan SET għandu jkun magħmul mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni. Rappreżentant tal-Kummissjoni għandu jippresedih. Għandu jinkludi l-involviment strutturali u permanenti tal-atturi tal-industrija u tar-riċerka.*
3. *Kull Stat Membru għandu jaħtar rappreżentant ta' livell għoli fil-Bord tal-Pjan SET. Fejn rilevanti fir-rigward tal-funzjoni u l-għarfien espert, Stat Membru jista' jkollu aktar minn rappreżentant wieħed fir-rigward ta' kompiti differenti relatati mal-ħidma tal-Bord tal-Pjan SET. Kull membru tal-Bord tal-Pjan SET għandu jkollu membru supplenti.*
4. *Fuq proposta tal-Kummissjoni, il-Bord tal-Pjan SET għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu b' maġġoranza sempliċi tal-membri tiegħu.*
5. *Il-Bord tal-Pjan SET għandu jiltaqa' f'intervalli regolari biex jiżgura t-twettiq effettiv tal-kompiti tiegħu speċifikati f'dan ir-Regolament. Fejn ikun meħtieġ, il-Bord tal-Pjan SET għandu jiltaqa' fuq talba motivata tal-Kummissjoni jew permezz ta' maġġoranza sempliċi tal-membri tagħha.*
6. *Il-Kummissjoni għandha tassisti lill-Bord tal-Pjan SET permezz ta' segretarjat eżekuttiv li jipprovdi appoġġ tekniku u loġistiku.*
7. *Il-Bord tal-Pjan SET jista' jistabbilixxi sottogruppi permanenti jew temporanji li jittrattaw kwistjonijiet u kompiti speċifiċi.*
8. *Il-Bord tal-Pjan SET għandu jistieden rappreżentanti tal-Parlament Ewropew biex jattendu l-laqgħat tiegħu, bħala osservaturi, inklużi tas-sottogruppi permanenti jew temporanji msemmija fil-paragrafu 7.*
9. *Fejn xieraq, il-Bord tal-Pjan SET jew il-Kummissjoni jistgħu jistiednu esperti u partijiet terzi oħra għal-laqgħat tal-Bord tal-Pjan SET u tas-sottogruppi jew jipprovdu kontributi bil-miktub.*
10. *Il-Bord tal-Pjan SET għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiżgura t-trattament u l-ipproċessar sikuri tal-informazzjoni kunfidenzjali u kummerċjalment sensittiva.*
11. *Il-Bord tal-Pjan SET għandu jagħmel l-akbar sforzi tiegħu biex jilħaq kunsens.*

Artikolu 26d -

Il-Pjan Strateġiku għat-Teknoloġija tal-Enerġija

1. *Sa ... [3 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Bord tal-Pjan SET imsemmi fl-Artikolu 26c għandu jistabbilixxi Pjan Strateġiku għat-Teknoloġija tal-Enerġija (Pjan SET). L-objettiv tal-Pjan SET għandu jkun li jiżgura enfażi fuq*

skemi u sorsi ta' finanzjament differenti u koordinazzjoni bejniethom, fil-livell tal-Unjoni, nazzjonali u sottonazzjonali, u li jiġi appoġġat l-iżvilupp ta' teknoloġiji tal-enerġija newtrali għall-klima kif ukoll li jiġi żgurat allinjament strateġiku dwar il-prijoritajiet għar-riċerka, l-innovazzjoni u l-użu ta' teknoloġiji tal-enerġija nadifa.

2. *Il-pjan SET għandu jidentifika t-teknoloġiji tal-enerġija li huma ta' importanza strateġika għall-Unjoni, filwaqt li jqis il-kontribut tagħhom għall-oġettivi tan-newtralità klimatika tal-Unjoni kif ukoll għall-kompetittività industrijali tal-Unjoni, u li jirrikjedu li l-attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni jilhqnu l-maturità meħtieġa għall-użu fuq skala sħiħa.*
3. *Il-Bord tal-Pjan SET imsemmi fl-Artikolu -26c għandu jkun responsabbli għall-implimentazzjoni tal-Pjan SET. Għall-finijiet tal-implimentazzjoni tal-Pjan SET, il-Kummissjoni għandha tadotta l-lista ta' teknoloġiji identifikati fil-Pjan SET permezz ta' att ta' implimentazzjoni f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 34(3).*
4. *Taħt l-awtorità tal-Bord tal-Pjan SET u b'invoviment profond tas-setturi rilevanti, inkluż is-settur tar-riċerka, l-aġendi tar-riċerka u l-innovazzjoni għandhom jiġu żviluppati għal kull waħda mit-teknoloġiji tal-enerġija identifikati fil-Pjan SET. Dawk l-aġendi għandhom ikunu l-bażi għall-koordinazzjoni bejn l-Unjoni u l-Istati Membri fir-rigward tal-finanzjament għall-attivitajiet identifikati fl-aġenda kif ukoll fir-rigward tal-infrastrutturi teknoloġiċi meħtieġa għal dawk it-teknoloġiji. Dawk l-aġendi għandhom jiġu approvati mill-Bord tal-Pjan SET.*
5. *Il-Kummissjoni għandha tirrapporta kull sena lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew dwar il-progress tal-Pjan SET. Il-Pjan SET għandu jiġi rieżaminat u jekk meħtieġ rivedut fi żmien 18-il xahar wara kull elezzjoni għall-Parlament Ewropew.*

Artikolu 27

Miżuri għall-SMEs u n-negozji l-ġodda

1. L-Istati Membri għandhom iwettqu l-azzjonijiet li ġejjin:
 - (a) jipprovdu *lill-SMEs* b'aċċess prijoritarju għall-ambjenti innovattivi ta' esperimentazzjoni regolatorja għal teknoloġiji b'emissjonijiet Żero Netti sal-punt li jissodisfaw il-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà stabbiliti fl-Artikolu 26;

- (b) jorganizzaw attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni dwar il-parteċipazzjoni fl-ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja minn *SMEs*;
 - (c) meta xieraq, jistabbilixxu mezz iddedikat għall-komunikazzjoni ma' *SMEs* biex jipprovdu gwida u jwieġbu għal domandi dwar l-implimentazzjoni tal-Artikolu 26.
2. L-Istati Membri għandhom iqisu l-interessi u l-ħtiġijiet speċifiċi *tal-SMEs*, u jipprovdu appoġġ amministrattiv adegwat biex jieħdu sehem fl-ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja. Mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 *tat-TFUE*, l-Istati Membri għandhom jinfurmaw *lill-SMEs* dwar l-appoġġ finanzjarju disponibbli għall-attivitajiet tagħhom fl-ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja.

2a. Dan l-Artikolu għandu japplika għan-negozji l-ġodda.

Kapitolu VII.

Governanza

Artikolu 28

Stabbiliment u kompiti tal-Pjattaforma għal Ewropa b'Emissjonijiet Żero Netti

1. Qiegħda tiġi stabbilita ***b'dan*** il-Pjattaforma għal Ewropa b'Emissjonijiet Żero Netti ("il-Pjattaforma").
2. Il-Pjattaforma għandha twettaq il-kompiti stabbiliti f'dan ir-Regolament.
3. Il-Pjattaforma tista' tagħti pariri u tassisti lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri fir-rigward tal-azzjonijiet tagħhom biex jilhqqu l-objettivi ***stabbiliti*** f'dan ir-Regolament, filwaqt li tqis il-pjanijiet nazzjonali tal-Istati Membri għall-enerġija u l-klima ppreżentati skont ir-Regolament (UE) 2018/1999¹.

¹ Ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 663/2009 u (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi 94/22/KE, 98/70/KE, 2009/31/KE, 2009/73/KE, 2010/31/UE, 2012/27/UE u 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 2009/119/KE u (UE) 2015/652 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (Test b'rilevanza għaż-ŻEE.), (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 1).

4. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri **għandhom** jikkoordinaw fi ħdan il-Pjattaforma u wkoll ma' pajjiżi terzi rilevanti biex jgħinu fil-promozzjoni tal-adozzjoni ta' teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti globalment, **biex jikkollaboraw fl-iżvilupp ta' teknoloġiji innovattivi b'emissjonijiet żero netti** u biex jappoġġaw ir-rwol tal-kapaċitajiet industrijali tal-Unjoni fit-tnejja tal-perkors għat-tranżizzjoni globali lejn l-enerġija nadifa, f'konformità mal-oġġettivi ġenerali ta' dan ir-Regolament li jirriżultaw mill-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament. Il-Pjattaforma **għandha**:
- (a) **tiddiskuti mal-Kummissjoni u, fejn meħtieġ, tirrakkomanda lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, modi kif itejbu u jippromwovu l-kooperazzjoni, l-għarfien espert u l-kondiviżjoni tat-teknoloġija** tul il-katina tal-valur b'emissjonijiet żero netti bejn l-Unjoni u pajjiżi terzi;
 - (aa) **tiddiskuti mal-Kummissjoni u, fejn meħtieġ, tirrakkomanda lill-Kummissjoni, modi kif jiġu żgurati l-artikolazzjoni u l-allinjament ta' dan ir-Regolament ma' inizjattivi oħra tal-Unjoni jew skemi temporanji li jaqgħu taħt il-Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku;**
 - (ab) **timmonitorja l-progress dwar il-ktajjen tal-valur għal teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti, titraċċa ta' bidliet teknoloġiċi u industrijali, u tidentifika ktajjen tal-valur strateġiċi li se jinħolqu fil-futur;**
 - (ac) **timmonitorja n-notifika f'waqtha tal-ghajjnuna mill-Istat mill-Istati Membri u l-awtorizzazzjoni mill-Kummissjoni;**
 - (ad) **timmonitorja t-talbiet għall-aċċess għal għotjiet permezz ta' fondi u programmi tal-Unjoni għall-iskopijiet relatati ma' dan ir-Regolament u, meta jkun meħtieġ, toħroġ rakkomandazzjonijiet sabiex tikkoordina, taċċellera u tiffaċilita l-proċedura;**
 - (ae) **tivvaluta l-ħtiġijiet ta' investiment u finanzjament, tipprovdi gwida dwar l-iżvilupp tal-ħiliet, u tiddiskuti l-aħjar Prattiki fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-Kapitolu II, is-Sezzjoni I, kif ukoll tal-Artikoli 12 u 13 u taċċellera l-iskadenzi għall-għoti ta' permessi;**
- (b) **tiddiskuti mal-Kummissjoni u, fejn meħtieġ, tagħtiha rakkomandazzjonijiet dwar kif għandhom jiġu indirizzati l-ostakli mhux tariffarji għall-kummerċ, bħal permezz ta'**

rikonossiment reċiproku tal-valutazzjoni tal-konformità jew l-impenji biex jiġu evitati restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni;

(c) ***tirakkomanda lill-Kummissjoni*** liema pajjiżi terzi għandhom jingħataw prijorità għall-konklużjoni ta' Sħubijiet Industrijali b'Emissjonijiet Żero Netti, filwaqt li jitqiesu dawn li ġejjin:

(i) il-kontribut potenzjali għas-sigurtà tal-provvista, filwaqt li titqies il-kapaċità tal-manifattura tagħhom ta' teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti;

(ii) jekk hemmx ftehimiet ta' kooperazzjoni eżistenti bejn pajjiżi terzi u l-Unjoni;

(iia) il-kapaċitajiet tal-injezzjoni u tal-ħżin tas-CO₂ fit-territorji tagħhom;

(ca) tevalwa l-ġhodod tad-difiża kummerċjali biex tiġi miġġielda kwalunkwe miżura minn pajjiżi terzi li tista' tinholq u li tista' tipperikola l-ilħuq tal-oġġettivi stabbiliti fl-Artikolu 1.

5. L-Istati Membri għandhom jappoġġaw lill-Kummissjoni fl-implimentazzjoni tal-miżuri ta' kooperazzjoni stabbiliti fis-Sħubija Industrijali b'Emissjonijiet Żero Netti. Is-Sħubijiet Industrijali b'Emissjonijiet Żero Netti se jkollhom l-oġġettiv li jiffaċilitaw il-kummerċ fost il-parteċipanti, inkluż billi jiffavorixxu l-investimenti meħtieġa fl-Unjoni u f'pajjiżi terzi, itejbu r-reżiljenza u s-sostenibbiltà tal-ktajjen tal-valur ta' appoġġ, u jiggarrantixxu kundizzjonijiet ekwi.

5a. Il-Pjattaforma għandha, fuq bażi regolari u mill-anqas darba fis-sena, tivvaluta l-kompetittività globali tal-industriji Ewropej li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u għandha tirakkomanda azzjonijiet biex tittejjeb dik il-kompetittività.

5b. Sa ... [tliet xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] u kull tliet xhur wara din id-data, il-Kummissjoni għandha tipprovdi rapport dwar l-implimentazzjoni tal-Kontroll tal-Kompetittività lill-Pjattaforma kif ukoll lill-Grupp Konsultattiv tal-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti u lill-Bord Konsultattiv Xjentifiku Ewropew dwar ir-Rieżami u l-Piż Regulatorju. Ir-rapport għandu jiddeskrivi liema proposti leġiżlattivi saru fit-tliet xhur koperti mir-rapport, kif il-Kontroll tal-Kompetittività ġie applikat fit-tnejn ta' dawk il-proposti, u liema bidliet

saru fil-proposti sabiex jiġi żgurati li dawn ma jagħmlux ħsara bla bżonn lill-kompetittività tal-Unjoni. Mill-anqas darbtejn fis-sena, u abbażi tal-input mill-Grupp Konsultattiv tal-Industriji b'Emissjonijiet Żero Netti, il-Pjattaforma se tiddiskuti l-implimentazzjoni tal-Kontroll tal-Kompetittività.

5c. Il-Pjattaforma għandha tikkordina b'mod regolari mal-Forum ta' Livell Għoli dwar l-Istandardizzazzjoni biex tiddiskuti l-użu tal-istandardizzazzjoni ħalli tappoġġa l-iżvilupp ta' teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti fl-Ewropa

Artikolu 29

Struttura u funzjonament tal-Pjattaforma għal Ewropa b'Emissjonijiet Żero Netti

1. Il-Pjattaforma għandha tkun magħmula mill-Istati Membri, mill-Kummissjoni **u mill-Parlament Ewropew**. Rappreżentant tal-Kummissjoni għandu jippreżenta.
2. Kull Stat Membru **u l-Parlament Ewropew għandhom jaħtru** rappreżentant ta' livell għoli għall-Pjattaforma. Fejn rilevanti fir-rigward tal-funzjoni u l-għarfien espert, Stat Membru **u l-Parlament Ewropew** jista' **jkollhom** aktar minn rappreżentant wieħed fir-rigward ta' kompiti differenti relatati mal-ħidma tal-Pjattaforma. Kull membru tal-Pjattaforma għandu jkollu sostitut.
3. Fuq proposta tal-Kummissjoni, il-Pjattaforma għandha tadotta r-regoli ta' proċedura tagħha b'maġġoranza sempliċi tal-membri tagħha.
4. Il-Pjattaforma għandha tiltaqa' f'intervalli regolari biex tiżgura t-tweġiq effettiv tal-kompiti tagħha speċifikati f'dan ir-Regolament. Fejn ikun meħtieġ, il-Pjattaforma għandha tiltaqa' fuq talba motivata tal-Kummissjoni jew fuq maġġoranza sempliċi tal-membri tagħha.
5. Il-Kummissjoni għandha tassisti lill-Pjattaforma permezz ta' segretarjat eżekuttiv li jipprovdi appoġġ tekniku u loġistiku.
6. Il-Pjattaforma tista' tistabbilixxi sottogrupperi permanenti jew temporanji li jittrattaw kwistjonijiet u kompiti speċifiċi.

Il-Pjattaforma għandha mill-anqas tistabbilixxi s-sottogrupperi permanenti li ġejjin:

(a) sottogrupp biex jiddiskuti l-ħtiġijiet finanzjarji u r-restrizzjonijiet ta' proġetti strateġiċi b'emissjonijiet żero netti, l-aħjar Prattiki Potenzjali, b'mod

partikolari biex jiġu żviluppati ktajjen tal-provvista transfruntiera tal-Unjoni, u biex jikkoordina l-finanzjament għal proġetti strateġiċi b'emissjonijiet żero netti;

- (b) sottogrupp biex jiddiskuti l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet skont l-Artikoli 6, 7 u 8;*
- (c) sottogrupp biex jiddiskuti u jikkoordina s-Sħubijiet Industrijali b'Emissjonijiet Żero Netti msemmija fl-Artikolu 28, filwaqt li jiżgura l-kooperazzjoni ma' fora ta' koordinazzjoni rilevanti oħra;*
- (d) sottogrupp biex jiżgura l-implimentazzjoni xierqa tal-Akkademiji tal-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti skont il-Kapitolu V;*
- (e) sottogrupp iddedikat għal ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja għal teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti msemmija fl-Artikolu 26, biex jiġi mmassimizzat il-potenzjal ta' effetti kollaterali madwar l-Unjoni billi tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni transfruntiera u billi jiġi llimitat ir-riskju ta' distorsjonijiet fis-suq u l-kompetizzjoni.*

6a. Il-Pjattaforma għandha tiltaqa' mill-anqas darba fis-sena mal-Bord tal-Pjan SET imsemmi fl-Artikolu 26c sabiex tiddiskuti l-allinjament strateġiku tal-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament mal-Pjan SET.

I
7a. Il-Pjattaforma għandha tistabbilixxi Grupp Konsultattiv tal-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti. Il-Grupp Konsultattiv tal-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti se jkun magħmul minn rappreżentanti tas-setturi industrijali fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Mill-anqas terz tal-membri tal-Grupp Konsultattiv għandhom jiġu minn SMEs jew jirrappreżentawhom. Il-Grupp Konsultattiv għall-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti għandu, fuq inizjattiva tiegħu stess jew fuq talba tal-Pjattaforma, jipprovdi rakkomandazzjonijiet lill-Pjattaforma. Il-Grupp Konsultattiv tal-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti għandu jiffaċilita l-interazzjoni bejn il-Pjattaforma u l-korpi konsultattivi stabbiliti fil-qafas tal-politika industrijali tal-Unjoni.

8. Fejn xieraq, il-Pjattaforma **għandha** tistieden esperti **li jirrappreżentaw lill-industrija, lis-soċjetà ċivili, lill-akkademja, lit-trade unions** u **lil** partijiet terzi oħra għal-laqgħat tal-Pjattaforma u tas-sottogruppi jew jipprovdu kontributi bil-miktub.
9. Il-Pjattaforma għandha tieġu l-miżuri meħtieġa biex tiżgura l-immaniġġjar u l-ipproċessar sikuri ta' informazzjoni kunfidenzjali u kummerċjalment sensittiva.
10. Il-Pjattaforma għandha tagħmel l-aħjar sforzi tagħha biex tasal għal kunsens.
11. Il-Pjattaforma għandha tikkoordina u tikkoopera mal-alleanzi industrijali eżistenti **u tistidinhom jattendu l-laqgħat tagħha, inklużi dawk tas-sottogruppi permanenti jew temporanji msemmija fil-Paragrafu 6 ta' dan l-Artikolu, sabiex jirrapportaw dwar l-istatus tal-miri stabbiliti fl-Artikolu 1 u biex jagħmlu rakkomandazzjonijiet dwarhom.**

Artikolu 29a

Bord Konsultattiv Xjentifiku Ewropew dwar ir-Rieżami u l-Piż Regulatorju

1. ***B'dan qed jiġi stabbilit Bord Konsultattiv Xjentifiku Ewropew dwar ir-Rieżami u l-Piż Regulatorju (il-“Bord Konsultattiv Xjentifiku”).***
2. ***Il-Bord Konsultattiv Xjentifiku għandu jkun magħmul minn 15-il espert xjentifiku ta' livell għoli li jkopru firxa wiesgħa ta' dixxiplini rilevanti. Il-membri tal-Bord Konsultattiv Xjentifiku għandhom jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 4.***
3. ***Ma għandux ikun hemm aktar minn żewġ membri tal-Bord Konsultattiv Xjentifiku li jkollhom in-nazzjonalità tal-istess Stat Membru. Ma għandu jkun hemm l-ebda dubju dwar l-indipendenza tal-membri tal-Bord Konsultattiv Xjentifiku.***
4. ***Il-membri tal-Bord Konsultattiv Xjentifiku għandhom jiġu ddeżinjati għal terminu ta' erba' snin, li għandu jkun jista' jiġġedded darba, wara proċedura ta' selezzjoni miftuħa, ekwa u trasparenti. L-għażla tal-membri għandha tkun ibbażata fuq il-kriterji li ġejjin:***
 - (a) ***eċċellenza xjentifika;***
 - (b) ***esperjenza fit-twettiq ta' valutazzjonijiet xjentifiċi u fl-għoti ta' pariri xjentifiċi fl-oqsma tal-għarfien espert;***
 - (c) ***għarfien espert fil-qasam tal-amministrazzjoni pubblika jew oqsma oħra***

rilevanti għall-kompiti tal-Bord;

- (d) esperjenza professjonali f'ambjent interdixxiplinari f'kuntest internazzjonali.*
- 5. Il-membri tal-Bord Konsultattiv Xjentifiku għandhom jinħatru f'kapaċità personali u għandhom iwettqu l-inkarigu tagħhom b'mod kompletament indipendenti mill-Istati Membri u mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni. Il-Bord Konsultattiv Xjentifiku għandu jeleġġi l-president tiegħu minn fost il-membri tiegħu għal perjodu ta' erba' snin u huwa għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu.*
- 6. Il-Bord Konsultattiv Xjentifiku għandu jappoġġa l-ħidma tal-Kummissjoni, tal-Parlament Ewropew u tal-Istati Membri filwaqt li jaġixxi b'mod indipendenti meta jwettaq il-kompiti tiegħu billi jipprovdi rapporti konsultattivi dwar:*
- (a) l-impatt u l-piż regolatorji tad-dritt tal-Unjoni eżistenti;*
- (b) l-impatt u l-piż regolatorju ta' atti delegati u atti ta' implimentazzjoni eżistenti, u*
- (c) d-dritt eżistenti tal-Istati Membri li jittrasponi d-Direttivi tal-Unjoni.*
- 7. Il-Bord Konsultattiv Xjentifiku għandu jistabbilixxi l-programm ta' ħidma annwali tiegħu b'mod indipendenti, wara li jikkonsulta lill-Kummissjoni. Il-president tal-Bord Konsultattiv Xjentifiku għandu jinforma lill-Kummissjoni, lill-Parlament Ewropew u lill-Istati Membri bil-kontenut u l-implimentazzjoni tal-programm ta' ħidma annwali tiegħu. Il-Bord Konsultattiv Xjentifiku jista', fuq talba tal-Parlament Ewropew, Kummissarju individwali jew Stati Membri individwali, jew abbażi ta' talbiet motivati mingħand partijiet ikkonċernati, jintalab jaġti pariri dwar l-impatt u l-piż regolatorji tal-abbozzi tad-dritt Ewropew jew tal-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet.*
- 8. Ir-rapporti konsultattivi msemmija fil-paragrafu 5 għandhom jiġu kondiviżi mal-Parlament Ewropew, mal-Kummissjoni u mal-Istati Membri u għandhom isiru disponibbli għall-pubbliku.*
- 9. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi s-segretarjat tal-Bord Konsultattiv Xjentifiku.*

Artikolu 30

Artikolazzjoni mal-Pjanijiet Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima

L-Istati Membri għandhom **jipprovdu d-dettalji dwar il-miżuri li biħsiebhom jintroduċu sabiex jimplimentaw l-oġġettiv ta'** dan ir-Regolament **fil-pjanijiet** nazzjonali tagħhom għall-enerġija u l-klima u l-aġġornamenti tagħhom, sottomessi skont l-Artikoli 3, 9, u 14 tar-Regolament (UE) 2018/1999, b'mod partikolari fir-rigward tad-dimensjoni "riċerka, innovazzjoni u kompetittività" tal-Unjoni tal-Enerġija, u fis-sottomissjoni tar-rapporti ta' progress biennali tagħhom f'konformità mal-Artikolu 17 ta' dak ir-Regolament. **B'mod partikolari, l-Istati Membri għandhom jidentifikaw miżuri biex jipromwovu r-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni sabiex jiksbu l-oġġettivi ta' dan ir-Regolament.**

Kapitolu VIII.

Monitoraġġ

Artikolu 31

Monitoraġġ

1. Il-Kummissjoni għandha timmonitorja fuq bażi kontinwa:
 - (a) il-progress tal-Unjoni fir-rigward tal-oġġettivi tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 1, u l-impatt relatat ta' dan ir-Regolament;
 - (b) il-progress fir-rigward tal-oġġettiv fil-livell tal-Unjoni tal-kapaċità tal-injezzjoni tas-CO2 imsemmi fl-Artikolu 16;

(ba) l-adegwatezza tal-kapaċità amministrattiva tal-Istati Membri biex jissodisfaw l-obbligi tagħhom skont dan ir-Regolament.
2. L-Istati Membri u l-awtoritajiet nazzjonali li jiddeżinjaw għal dan il-għan għandhom jiġbru u jipprovdu data u evidenza oħra meħtieġa skont il-paragrafu 1(a) u (b). B'mod partikolari, dawn għandhom jiġbru u jirrapportaw kull sena lill-Kummissjoni data dwar:
 - (a) l-iżviluppi u x-xejriet tas-suq fir-rigward tat-teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti, inklużi l-kostijiet medji tal-investiment fil-manifattura u l-kostijiet tal-produzzjoni, u l-prezzijiet tas-suq għat-teknoloġiji rispettivi b'emissjonijiet zero netti;

- (b) il-kapaċità tal-manifattura tat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti u l-attivitajiet relatati, inkluża data dwar l-impjiegi u l-ħiliet u l-progress lejn l-ilħuq tal-miri tal-2030 imsemmija fil-premessa 13;
 - (c) il-valur u l-volum tal-importazzjonijiet fl-Unjoni u l-esportazzjonijiet barra mill-Unjoni ta' teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti;
 - (ca) l-għadd ta' SMEs li jagħmlu parti minn proġetti tal-manifattura ta' teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti;**
 - (d) it-tul medju tal-proċeduri għall-għoti ta' permessi skont dan ir-Regolament;
 - (e) it-tipi u l-għadd ta' permessi mogħtija fil-livell nazzjonali f'dawn l-aħħar 12-il xahar;
 - (f) l-ammont ta' proċessi għall-għoti ta' permessi kompluti, wieqfa jew ikkanċellati f'dawn l-aħħar 12-il xahar u t-tipi ta' ostakli li wieħed jiltaqa' magħhom f'każ ta' interruzzjoni jew kanċellazzjoni;
 - (g) l-għadd ta' ambjenti ta' esperimentazzjoni stabbiliti f'dawn l-aħħar 12-il xahar;
 - (h) l-ammont ta' CO₂ maħżun b'mod permanenti taħt l-art skont id-Direttiva 2009/31/KE.
3. Id-data għandha tinkludi mill-anqas l-informazzjoni mitluba fl-Avviż tal-Kummissjoni dwar il-Gwida lill-Istati Membri għall-aġġornament tal-Pjanijiet Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima tal-2021-2030.
4. L-ewwel rapport għandu jintbagħat lill-Kummissjoni minn kull Stat Membru fl-aħħar ta' Mejju tas-sena wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Ir-rapporti li ġejjin għandhom jintbagħtu sal-aħħar ta' Mejju ta' kull sena.
5. L-Istati Membri għandhom jibagħtu d-data miġbura skont il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu lill-uffiċċji tal-istatistika nazzjonali u lill-Eurostat għall-finijiet tal-kompilazzjoni u l-pubblikazzjoni tal-istatistika f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹. L-Istati Membri għandhom

¹ Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-Istatistika Ewropea u li jħassar ir-Regolament (Euratom, KE) Nru 1101/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trażmissjoni ta' data suġġetta għall-kunfidenzjalità statistika lill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill

jiddeżinjaw l-awtorità nazzjonali responsabbli għat-trażmissjoni tad-data lill-uffiċċji nazzjonali tal-istatistika u lill-Eurostat.

6. Abbażi tar-rapporti ppreżentati skont il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha timmonitorja l-progress tal-Unjoni msemmi fil-paragrafu 1(a) **ta' dan l-Artikolu** u tippublika rakkomandazzjonijiet relatati fuq bażi annwali bħala parti mir-Rapporti Annwali dwar il-Kompetittività tat-Teknoloġiji tal-Enerġija Nadifa, skont l-Artikolu 35(2)(m) tar-Regolament (UE) 2018/1999.
7. Abbażi tal-abbozzi tal-applikazzjonijiet għall-permessi sottomessi skont l-Artikolu 10 tad-Direttiva 2009/31/KE u abbażi tar-rapporti ppreżentati skont l-Artikoli 17(2) u 18(4) u 18(6) ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha timmonitorja l-progress lejn l-ilħuq tal-mira għall-Unjoni kollha għall-kapaċità tal-injezzjoni tas-CO₂ imsemmija fil-paragrafu 1(b) ta' dan l-Artikolu u għandha tirrapporta kull sena lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. ***Għal dan il-għan, il-Kummissjoni għandha toħloq bażi tad-data pubblika ċentralizzata tad-data disponibbli kollha relatata mal-ħżin tas-CO₂ fl-UE biex tikkontribwixxi għall-immappjar tas-siti tal-ħżin tas-CO₂ u timmonitorja l-ilħuq tal-mira ġenerali stabbilita fl-Artikolu 16.***
- 7a. ***Abbażi tar-rapporti msemmija fl-Artikolu 16(2) u fl-Artikolu 18(4) u sottomessi mill-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 18(1) sal-31 ta' Jannar 2025, il-Kummissjoni għandha tivvaluta u tissottometti rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-effettività ta' dan ir-Regolament, akkumpanjat minn rieżami jekk ikun meħtieġ.***

Kapitolu IX.

Dispożizzjonijiet finali

I

Artikolu 33

Eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

89/382/KEE, Euratom li tistabbilixxi Kumitat dwar il-Programmi tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 164).

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija ***fl-Artikolu 1(3), l-Artikolu 3(2) u l-Artikolu 18(7)*** għal perjodu ta' ħames snin minn [id-data tal-applikazzjoni]. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega ta' setgħat sa mhux aktar tard minn 9 xhur qabel ma jintemm il-perjodu ta' 5 snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux aktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.
3. Id-delega tas-setgħa msemmija ***fl-Artikolu 1(3), fl-Artikolu 3(2) u fl-Artikolu 18(7)*** tista' tiġi revokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttejjem id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata hemmhekk. Ma għandha taffettwa l-validità tal-ebda att delegat li jkun diġà fis-seħħ.
4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti ddeżinjati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.
5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
6. Att delegat adottat skont ***l-Artikolu 1(3), l-Artikolu 3(2) jew l-Artikolu 18(7)*** għandu jidħol fis-seħħ biss jekk la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma jkunu oġġezzjonaw għalih fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, kemm il-Parlament Ewropew kif ukoll il-Kunsill ikunu informaw lill-Kummissjoni li ma humiex se joġġezzjonaw għalih. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 34

Proċedura tal-kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun meġhuna minn kumitat. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
3. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
4. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011, flimkien mal-Artikolu 4 tiegħu.

Article 35

Evalwazzjoni

1. Sa...[3 snin ***mid-data*** ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament,] u kull 3 snin sussegwenti, il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni ta' dan ir-Regolament u tippreżenta rapport dwar is-sejbiet prinċipali lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew.
2. L-evalwazzjoni għandha tivvaluta jekk l-oġġettivi ta' dan ir-Regolament kif stabbiliti fl-Artikolu 1 ntlaħqux u l-impatt tiegħu fuq l-utenti kummerċjali, speċjalment l-SMEs, u l-utenti finali, u l-oġġettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew.
3. L-evalwazzjoni għandha tqis ir-riżultat tal-proċess ta' monitoraġġ kif deskritt fl-Artikolu 31.
4. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni kull informazzjoni rilevanti li jkollhom u li l-Kummissjoni tista' tirrikjedi bl-iskop li jitħejja r-rapport imsemmi fil-paragrafu 1.

Artikolu 36

Trattament ta' informazzjoni kunfidenzjali

1. L-informazzjoni miksuba matul l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandha tintuża biss għall-finijiet ta' dan ir-Regolament u għandha tiġi protetta mil-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni u dik nazzjonali.
2. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jiżguraw il-protezzjoni tas-sigrieti kummerċjali u professjonali u informazzjoni sensittiva, kunfidenzjali u klassifikata oħra miksuba u ġġenerata bl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, inklużi

rakkomandazzjonijiet u miżuri li għandhom jittieħdu, f'konformità mad-dritt tal-Unjoni u mad-dritt nazzjonali rispettiv.

3. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jiżguraw li l-informazzjoni kklassifikata pprovduta jew skambjata skont dan ir-Regolament ma tiġix degradata jew deklassifikata mingħajr il-kunsens bil-miktub minn qabel tal-oriġinatur.
4. Jekk Stat Membru jivvaluta li l-preżentazzjoni ta' informazzjoni aggregata fil-kuntest tal-Artikolu 18 tista' madankollu tikkomprometti l-interess tas-sigurtà nazzjonali tiegħu, huwa jista' joġġezzjona għall-preżentazzjoni tal-Kummissjoni permezz ta' avviż ġustifikat.
5. Il-Kummissjoni u l-awtoritajiet nazzjonali, l-uffiċjali, l-impjegati tagħhom u persuni oħra li jaħdmu taħt is-superviżjoni ta' dawn l-awtoritajiet għandhom jiżguraw il-kunfidenzjalità tal-informazzjoni miksuba fit-twettiq tal-kompiti u l-attivitajiet tagħhom. Dan l-obbligu japplika wkoll għar-rappreżentanti kollha tal-Istati Membri, għall-osservaturi, għall-esperti u għal parteċipanti oħra li jattendu l-laqgħat tal-Pjattaforma skont l-Artikolu 29.

Artikolu 37

Emenda għar-Regolament (UE) 2018/1724

Ir-Regolament (UE) 2018/1724 huwa emendat kif ġej:

- (1) fl-Anness I, fl-ewwel kolonna, tizzied ringiela ġdida “R. Proġetti ta' manifattura tat-teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti”.
- (2) fl-Anness I, fit-tieni kolonna, fir-ringiela “R. Proġetti ta' manifattura tat-teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti”, jizzied il-punt li ġej:
 - “1. informazzjoni dwar il-proċess għall-ġoti ta' permessi”
 - “2. servizzi ta' finanzjament u investiment”
 - “3. possibiltajiet ta' finanzjament fil-livell tal-Unjoni jew tal-Istati Membri”
 - “4. servizzi ta' appoġġ għan-negozju, inklużi iżda mhux limitati għad-dikjarazzjoni tat-taxxa korporattiva, il-liġijiet tat-taxxa lokali, il-liġi tax-xogħol”.
- (3) fl-Anness II, fl-ewwel kolonna, tizzied ringiela ġdida “Proġetti ta' manifattura tat-teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti”.

- (4) fl-Anness II, fit-tieni kolonna, fir-ringiela “Proġetti ta’ manifattura tat-teknoloġiji b’emissjonijiet zero netti”, jiżdiedu l-punti li ġejjin:

“Proċeduri għall-permessi amministrattivi rilevanti kollha għall-ippjanar, il-bini, l-espansjoni u t-tħaddim ta’ proġetti ta’ manifattura tat-teknoloġiji b’emissjonijiet zero netti, inklużi permessi għall-bini, permessi għall-konnessjoni kimika u mal-grilja u valutazzjonijiet u awtorizzazzjonijiet ambjentali fejn dawn ikunu meħtieġa, u li jinkludu l-applikazzjonijiet u l-proċeduri amministrattivi kollha”.

- (5) fl-Anness II, fit-tielet kolonna, fir-ringiela “proġetti ta’ manifattura b’emissjonijiet zero netti”, jiżdied il-punt li ġej:

“L-outputs kollha li jappartjenu għall-proċeduri li jvarjaw mir-rikonoxximent tal-validità tal-applikazzjoni san-notifika tad-deċiżjoni komprensiva dwar l-eżitu tal-proċedura mill-awtorità nazzjonali kompetenti responsabbli”.

- (6) fl-Anness III, jiżdied il-punt li ġej:

“(8) L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti li jaġixxu bħala punt uniku ta’ servizz skont l-Artikolu 4 tar-Regolament [NZIA].”

Artikolu 38

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ...[l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*].

Dan għandu japplika mid-[data tad-dħul fis-seħħ]. Sa [sentejn wara d-data tal-applikazzjoni ta’ dan ir-Regolament], l-Artikolu 19(2)(a), (b) u (c) għandu japplika biss għal kuntratti konklużi minn korpi ċentrali għall-akkwisti kif definit fl-Artikolu 2(1)(16) tad-Direttiva 2014/24/UE u l-Artikolu 2(1)(12) tad-Direttiva 2014/25/UE u għal kuntratti ta’ valur ugwali għal jew oġġla minn EUR 25 miljun.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President